# IL-ĦAJJA f'Għawdex

€2

Ottubru 2013 | *LEĦEN L-GĦAWDXIN GĦAL 68 SENA* | Nru. 951



## MAL-PAPA FIL-
# BRAŻIL


Qed taħseb biex tħalli
tifkira sabiħa ta'
l-għeżież tiegħek?
Julian Sultana & Co. Ltd.
jaf jaħsiblek biex twaqqaf
monument dekoruż u dejjiemi
ta' l-irħam jew tal-granit,
bi prezzijiet moderati
fuq il-qabar tal-familja tiegħek.
Meta f'Novembru
żżur iċ-ċimiterji t'Għawdex,
waqt li titlob għall-mejtin,
ara wkoll ix-xogħol sabiħ
fuq ħafna oqbra
magħmula minn
FAMILJA SULTANA
GANNI 1891-1972
ANGELA 1893-1977
DUN SALV 1918-1984
JS
Julian Sultana
& Co. Ltd.
Marsalforn Street, Xagħra, XRA 2705, Gozo.
Tel: 2155 7136 Fax: 2156 3743 Mob: 9949 3442
email: julians@vol.net.mt

**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

L-Ewwel Ħarġa f'Ġunju 1945
*Ħarġa nru. 951 – Ottubru 2013*

4 Editorjal
**"Problem solved"?**
*Joseph W. Psaila*

5 Kronaka
**Il-Ħajja fid-Djoċesi**
*Francesco Pio Attard*

7 X'Jgħidilna l-Isqof
**Il-Poplu ta' Alla għandu l-esperjenza migratorja fid-DNA tiegħu**

9 Kummentarju (1)
**Eku Marjan f'Għawdex...**
*Mons Salv Grima*

10 Aħbarijiet Lokali
**X'għadda minn għalina**
*Charles Spiteri*

15 Riflessi
**Il-Ħsejjes Madwarna**
*Kav. Joe M. Attard*

16 Kummentarju (2)
**Fejn sejra? (2) Il-mara Għawdxija**
*Dun Noel Saliba*

18 Lenti fuq il-Ħajja Madwarna
**Sabiħa l-ħajja!**
*George N. Cassar*

20 Kummentarju (3)
**"Aqalgħu Għajnejkom u itilqu minn Thebes"**
*Dr Alfred Grech*

22 Kummentarju (4)
**'Ġrew Bina?'**
*Fr Charles Buttigieg*

24 It-Taraġ lejn il-Qdusija
**Dun Mikiel Attard**
*Angelo Xuereb*

26 Dawl għall-Ħajja
**Dolores Hart**
*Arċipriet C. Mercieca*

28 Tieqa fuq l-Ambjent (51)
**In-natura f'Għawdex matul is-sena: Ottubru**
*Joe Sultana*

30 Folklor Għawdxi
**Xogħol tal-Posta f'Għawdex fl-Ewwel Żminijiet (7)**
*Anton F. Attard*

32 Reminixxenzi (10)
**Fl-għaqda u mhux fil-firda jikber Għawdex**
*Anton Tabone*

34 Intervista
**Mal-Papa f'Rio de Janeiro**
*Mons Alfred Xuereb*

38 Passiġġata Biblika (85)
**Il-Beatitudnijiet fl-Evanġelji ta' San Mattew u San Luqa**
*Fr Charles Buttigieg*

40 Għawdex Qabel ir-Ritratti (58)
**Jiżdiedu l-kumdItaJlet f'Għawdex**
*John Cremona*

41 Paġni mill-Arkivju Nazzjonali (216)
**Il-bidu tas-sena amministrattiva 1613-1614**
*Joseph Bezzina*

42 Mixxellanja
**Ġejna Tard?; Titwila lir-Ruħ**

43 Għawdex Online (52)
**Ikonografija fi Knejjes Għawdxin (13)**
*Salvu Felice Pace*

44 L-Istorja Tgħallimna (5)
**Il-bidu tal-Istorja Politika tar-Russja**
*Dr Mario Saliba*

46 Tifkiriet
**Il-Victoria Scout Group**
*Carm C. Cachia*

49 Għawdex Sportiv
**Għawm**
*Joe Bajada*

50 Leġġendi Għawdxin (9)
**Il-Leġġenda tal-Bir tad-Debba**
*Anton F. Attard*

*Suppliment fin-nofs:*

- **Il-Foqra huma l-Profeti tal-Lum**
- **Aħna l-Maħbubin ta' Alla**
- **Amministraturi Responsabbli**

*Ritratt tal-Qoxra:* Mal-Papa f'Rio de Janeiro. Ħajr lil *Osservatore Romano.*

**Rivista maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

Direzzjoni u Amministrazzjoni:
Lumen Christi Media Centre, Triq Fortunato Mizzi,
Victoria - Għawdex VCT 2579 Tel. 21560496/7 Fax. 21561860
e-mail: gozopress@onvol.net

Abbonament: €10 (Lm 4.30) Sostenitur: €20 (Lm 8.60)

Issettjata u Stampata: "Gozo Press" Tel.21551534

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

# "Problem solved"?



**Joseph W. Psaila**
*jwpsaila@melita.com*

**Fil-Malti għandna żewġt iqwiel. It-tnejn jemfasizzaw "l-omnipotenza" tal-flus. Wieħed qegħdin naraw f'dawn l-aħħar snin, kemm tabilħaqq hu minnu: "bil-flus tagħmel triq fil-baħar". Meta tqajmet fostna d-diskussjoni dwar il-pont jew mina bejn iż-żewġ gżejjer mill-ewwel bdiet titqabbeż is-somma tal-ispiża. Il-qawl l-ieħor għandu bixra aktar intima: "bla flus la tgħannaq u lanqas tbus". Għandi nifhem li missirijietna, li nafu li kellhom ħafna għal qalbhom il-familja, b'dan il-qawl riedu jagħtu parir lil min kellu f'moħħu li jitgħarras u jiżżewweġ biex iġamma' xi erba soldi qabel jagħmel il-pass deċiżiv.**

M'għandix ninterpreta dan il-qawl li l-bews u t-tgħanniq sata' jinxtara mingħand xi prostituta fit-tarf tar-raħal, għalkemm skont l-antropoloġija din il-proxxmu kienet rappreżentanta tal-eqdem professjoni soċjali. Madankollu, ma nistgħux niċħdu li l-prostituzzjoni kienet, u għadha, mezz li tinnegozja l-intimità.

Jekk il-bews u t-tgħanniq, meqjusa bħala għemejjel ta' intimità, setgħu jinxtraw permezz tal-flus, hawn ta' min jistaqsi jekk is-soċjetà tagħna hijiex qiegħda tipprostitwixxi s-sentimenti aktar minn qatt qabel. Għax dak li sa xi żmien ilu konna nagħmlu ma' xulxin b'għożża u mħabba, illum lesti li nakkwistawh billi nħallsu għalih. Hekk per eżempju, ma narawhiex bi kbira biex inħallu t-tarbija mal-*baby sitter* – ukoll jekk wieħed jissoponi li l-kelma "*sitter*" ma tantx tagħti kontenut ta' professjonalità lil din il-kategorija u turi żgur livell baxx ta' relazzjoni. Jew lesti nħallu t-tarbija fiċ-*child care centre*, fejn jista' jkun li hemm impjegati bravi u tal-affari tagħhom, iżda żgur li ma għandhomx il-konnessjoni emottiva li jkun hemm bejn l-omm u t-tarbija. Imma la darba l-omm toħroġ għax-xogħol, iġġaħġaħha u tista' tħallas... u għaldaqstant *problem solved*!

U mbagħad, meta t-tfal jikbru ftit ieħor, nagħżlulhom skola, li mhux neċessarjament tkun l-aktar waħda adattata għalihom, għaliex kriterju importanti tal-għażla jkun jekk f'dik l-iskola jkunux jistgħu jibqgħu wara l-ħin normali biex hekk ikun hemm ċans li l-ma jew il-pa, xi ħadd minnhom insomma, jilħaq jispiċċa mix-xogħol. Tħallas xi ħaġa żejda, taf, iżda la tista' *problem solved*! Meta t-tfal, imbagħad, jidħlu fis-sekondarja, l-ġenituri jkunu b'għajn ta' seqer fuq ir-riżultati tal-eżamijiet, iżda mhux daqstant fuq il-kwalitajiet tal-karattru li jkunu jiffurmaw. Għax għal dak hemm il-*guidance teachers*, tisma' min jgħidlek, u fl-aħħar mill-aħħar fiż-żgħożija jeħtieġ jibdew ikunu indipendenti. Għaldaqstant, *problem solved!*

Meta xi ħadd fil-familja jagħlaq sninu u nixtiequ niċċelebraw, il-mejda tal-intimità tal-familja ma tkunx biżżejjed u mmorru r-resturant; u fl-Ewwel Tqarbina jew fil-Griżma, nikru l-aġenzija bil-*creativity animator* biex teħdilna ħsieb il-*party*... inħallsu iva, imma ħsieb ta' xejn, u *problem solved*! U billi l-koppja, minħabba li jaħdmu t-tnejn ma tantx tgħaddi ħin ma' xulxin, tikkompensa bir-rigali tal-*birthday*, tal-Milied u tal-anniversarji – rigali sbieħ u jqumu l-flus; imma hu jaħdem, hi wkoll, allura jistgħu u *problem solved!*

Imbagħad lix-xjuħ tagħna, għalkemm lesti li ntaffulhom ix-xjuħija billi nsejħulhom "anzjani" meta jasal il-waqt nitilquhom minn idejna u nġibulhom il-*carer*, jew nipparkjawhom f'xi *home*. Imma dawk xi ħaġa faddlu, għalkemm ma kinux geddumhom fil-ġwież... u għandhom il-pensjoni tafx – mela *problem solved*!

**Maż-żmien qegħdin insiru dejjem aktar litterati fil-kitba u fil-qari, u issa wkoll fil-kompjuter, iżda hemm min jgħid li ftit ftit qegħdin insiru "analfabeti emottivi". Mhux ta' b'xejn li Papa Franġisku ħass il-ħtieġa li jagħmel sejħa għat-"tenerezza"! Issa aħna l-Għawdxin – f'paragun ma' popli oħra u mal-Maltin ukoll - minn qaddisna rrażżnu żżejjed l-emozzjoni. Biżżejjed wieħed josserva kemm udjenza Għawdxija – li mhix b'xi mod partiġġjana – iddum biex tagħti applaws mistħoqq, jew il-mod superfiċjali kif nagħtu "il-paċi lil xulxin" waqt il-Quddiesa; l-iċken ħarsa tgħaddi, li żgur ma tkunx qarsa, iżda hi wisq formali biex tkun ħelwa. Jekk fostna l-espressjoni tal-emozzjonijiet tkun meqjusa bħala superfiċjalità, jista' jagħti l-kas li l-kummerċ jieħu post aktar malajr fil-vojt li tħalli fil-familja.**

Bħala prova li l-kummerċ isib rimedju għal kollox, issa qed tingħata propaganda lill-moda tal-"*quality time*" – ma jimpurtax li l-ħin ma' xulxin ikun qasir basta nirrenduh "ħin ta' kwalità". Apparti l-fatt li l-ħin dejjem kien jitkejjel bil-"kwantità", l-esperjenza tgħallimna li għalmin hu mgħaffeġ bil-ħin, ma tkunx ħaġa kbira li la jara u lanqas jisma'. L-istħarriġ tal-psikoloġija soċjali hekk juri.

**Fil-parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb, il-qassis u l-Levita, it-tnejn kienu konvinti mill-ħtieġa li jgħinu lil għajrhom. Imma naturalment billi kienu nies importanti u x'aktarx mgħaġġlin fuq xogħolhom, ma sabux ħin għall-mifluġ. Is-Samaritan, li kien persuna komuni, ċertament ma kienx imħabbat daqshom. Kien hu li sab il-ħin biex juri mħabba.**





# Mill-Ħajja fid-Djoċesi

www.gozodiocese.org

Francesco Pio Attard

## Professjoni Reliġjuża Temporanja f'Għawdex




"Intom don għall-Knisja". Hekk qal l-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech lis-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù miġbura għall-Professjoni tal-Voti Temporanji ta' Sr Anita-Jane Cachia fil-Bażilika ta' San Ġorġ, il-Belt Victoria, nhar il-Ħadd 15 ta' Settembru.

Wara erba' snin ta' formazzjoni spiritwali fid-Dar tan-Novizzjat fl-Imsida, din it-tfajla Għawdxija ta' 27 sena ssieħbet fil-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù. Din il-familja reliġjuża bdiet f'Għawdex fl-1880, imwaqqfa minn Dun Ġużepp Diacono u l-Qaddejja ta' Alla Madre Margerita Debrincat, li bħalissa miexi b'pass mgħaġġel il-proċess tal-Beatifikazzjoni tagħha.

Ġemgħa sabiħa ta' sorijiet, familjari u ħbieb inġabru għaċ-ċelebrazzjoni tal-Professjoni Reliġjuża, li fiha Anita-Jane, quddiem is-Superjura Ġenerali Swor Vitaliana Zammit u s-Superjura Provinċjali Swor Josephine Xuereb, wegħdet li tħaddan il-kunsilli evanġeliċi tal-faqar, il-kastità u l-ubbidjenza.

L-Isqof Grech qal li b'din l-"iva" tagħha għas-sejħa ta' Ġesù biex tħaddan il-ħajja kkonsagrata skont il-kariżma Franġiskana, din is-soru ġdida qed tfakkar lid-dinja f'dak il-valuri li tassew jiswa: il-ħajja ta' dejjem. Aħna l-Insara tal-lum, bħaż-żagħżugħ għani tal-Vanġelu, spiss nadottaw atteġġament minimalista fejn nikkuntentaw ruħna li nosservaw l-ittra tal-liġi, imma Ġesù qed isejħilna għal wisq iżjed minn hekk.




Il-Ġimgħa 23 ta' Settembru, fil-Kappella tal-Oratorju Don Bosco, il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ ta' Għawdex organizzat Velja ta' talb, kant u esperjenzi bi tħejjija għall-Professjoni Temporanja ta' Anita-Jane.

Il-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, magħrufin b'mod aktar sempliċi bħala "is-sorijiet tal-Istilla", illum għandha preżenza fil-kontinenti kollha, b'ħidma appostolika, edukattiva u ta' servizz lill-morda u l-fqar.

## Kummissjoni dwar l-Immigrazzjoni

L-Isqof Mario Grech waqqaf Kummissjoni biex tħejji Rapport dwar l-Immigrazzjoni f'Għawdex. Din il-Kummissjoni kellha l-ewwel laqgħa tagħha fiċ-Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb. Iċ-*Chairman*, Dun Emmanuel Cordina fisser l-għanijiet tal-Kummissjoni li jinkludu proposti għall-integrazzjoni u sapport.






Magie de Beautè

☆ Facials ☆ Makeup ☆ Manicure ☆ Pedicure ☆
☆ Nail Extensions ☆ Electrolysis ☆ Waxing ☆
☆ Massages ☆ Body Treatments ☆

Irina Xerri
*Beauty Therapist*
C.I.B.T.A.C. C.I.D.E.S.C.O.

Mgarr Road, Qala, Gozo • Tel: 2155 7771 • Mob: 9924 9568

# Il-Poplu ta' Alla għandu l-esperjenza migratorja fid-DNA tiegħu

***Sintesi tal-omelija tal-Isqof Mario Grech waqt il-quddiesa tal-festa tal-Madonna ta' Loretu, f'Għajnsielem, li saret il-Ħadd, 1 ta' Settembru 2013.***



**"Is-soċjetà tagħna f'dawn l-aħħar snin qed ikollha taffronta l-fatt ta' mijiet ta' immigranti irregolari li jaslu fuq ix-xtut tagħna. In-numru ta' dawk li waslu fl-ewwel sitt xhur ta' din is-sena kien id-doppju ta' dawk li waslu fl-istess żmien is-sena l-oħra (600). Wieħed jifhem għaliex dan il-fenomenu kien u għadu suġġett ta' ħafna diskussjoni: il-preżenza qawwija tal-immigranti mhux biss ħolqot bżonnijiet materjali ġodda, imma ġabet magħha ukoll xokk soċjali u kulturali. Għalhekk hija meħtieġa aktar riflessjoni matura dwar kif għandna ngħixu bil-galbu dan il-mument storiku.**

Dan il-fenomenu migratorju jolqot ukoll lilna bħala Knisja. Għalkemm kemm il-Kummissjoni Emigranti tal-Knisja kif ukoll iċ-Ċentru tal-Ġiżwiti għar-Refuġjati għamlu u qed jagħmlu ħafna b'risq din il-kawża umanitarja, jibqa' l-fatt li fadlilna ħafna passi x'nagħmlu kemm biex nadottaw ħidma pastorali mal-immigranti kif ukoll biex nedukaw il-qalb ta' ħutna Maltin u Għawdxin li qed ikollhom jgħixu f'din is-sitwazzjoni soċjali ġdida. Ukoll għalina bħala Knisja f'pajjiżna, il-mewġa tal-immigrazzjoni irregolari kienet xokk reliġjuż qawwi. Ħafna minna l-Insara għadhom ma ntebħux li l-preżenża tal-immigranti irregolari tista' tkun mument ta' grazzja għalina daqskemm għalihom. Huwa fatt li l-attenzjoni tagħna l-Insara lejn dawn l-immigranti irregolari għandha tkun imbuttata mhux tant minn motivi umanitarji daqskemm minn raġunijiet ta' fidi mdawla mill-Kelma ta' Alla.



Illum ilkoll nafu li l-Knisja hija l-"Poplu ta' Alla", imma mbagħad mhux kulħadd jaf li bħala "Poplu ta' Alla" aħna għandna storja miżgħuda b'esperjenzi ta' immigrazzjoni, xi drabi anke irregolari! Bħala Poplu ta' Alla, aħna poplu ta' emigranti u immigranti. Infatti l-poplu l-magħżul jaf il-bidu tiegħu lil wieħed immigrant: "Missieri (Abraham) kien minn Aram, jiġġerra minn post għall-ieħor; imbagħad niżel fl-Eġittu u għammar hemm. Żgħir kien fil-għadd ta' niesu, iżda hemmhekk sar poplu kbir, qawwi u kotran. L-Eġizzjani ħaqruna, għakksuna u għabbewna b'xogħol iebes, imma aħna għajjatna lil Alla ta' missirijietna u l-Mulej sema' l-għajta tagħna" (Dewt 25,5-7). **L-istorja tal-Poplu ta' Alla hija storja ta' emigrazzjoni, immigrazzjoni u saħansitra deportazzjoni! Infatti għal darbtejn ġarrab l-esperjenza tal-eżilju – fl-Eġittu u fil-Babilonja.** It-tbatija u l-moħqrija li l-poplu ta' Alla ġarrab fl-eżilju wasslet lill-awtur tal-Ktieb tal-Għerf jikteb hekk: "Huma (l-Eġizzjani) batew kif kien ħaqqhom, għal dnubiethom, *għax urew mibgħeda mill-eqqel lejn il-barranin*" (19,13).

Din l-esperjenza bħala "barranin" f'art barranija tant kienet fundamentali fil-memorja tal-Lhud, li ħalliet marka qawwija kemm fl-imġiba tagħhom mal-barranin kif ukoll fil-liġijiet li kellhom. Infatti fid-Dewteronomju naqraw hekk: *"Meta tkun taħsad ir-raba' u tinsa warajk xi qatta fl-għalqa, terġax lura biex tiġborha, imma ħalliha hemm għall-barrani, għall-iltim u għall-armla, biex ibierkek il-Mulej Alla tiegħek ... U meta tfarfar iż-żebbuġ tiegħek, la tlaqqatx li jibqa' fil-friegħi, ħallihom għall-barrani, għall-iltim u għall-armla. Meta tiġbor l-għeneb mid-dwieli tiegħek, la tiġborx li jifdal warajk, imma ħallihom għall-barrani, għall-iltim u għall-armla. Ftakar li inti kont ilsir fl-Eġittu;* għalhekk jien qiegħed nordnalek dan.*"* (Dewt 24, 19-22)

U fil-Ktieb tal-Lev.itiku, il-Kelma t'Alla tgħidilna hekk: *"Jekk jiġi jgħammar miegħek f'artek il-barrani, la taħqrux; ikun għalik il-barrani bħal wieħed ta' ġewwa; ħobbu bħalek innifsek, għax barranin kontu intom fl-art tal-Eġittu. Jien hu l-Mulej Alla tagħkom."* (19,33-34)

Għall-Poplu ta' Alla tant kienet regola tad-deheb li joffri ospitalità lill-barrani, illi lanqas ma kien jeskludih mit-tempju, anke jekk dan kien ikun ta' twemmin ieħor. F'dan is-sens hija indikattiva ħafna t-talba li Salamun jagħmel lil Alla fl-okkażjoni tad-dedikazzjoni tat-tempju ta' Ġerusalemm: *"Anke l-barrani, li mhux mill-poplu tiegħek ta' Israel, meta jiġi minn art imbiegħda u jitlob f'dan it-tempju, isimgħu mis-sema li hi għamartek u agħmel kull ma jitolbok."* (1Re, 18,41-42)



Fid-dawl ta' din il-viżjoni biblika tal-immigrant, il-Poplu ta' Alla silet linji ta' spiritwalità. Infatti fis-Salm 23 naqraw: "*tal-Mulej hija l-art u kull ma fiha, u d-dinja u kull min jgħix fiha*". Ladarba kull min jgħix fuq l-art huwa tal-Mulej, ħadd ma huwa "barrani", u għalhekk il-barrani ma jistax jiġi maqtugħ mill-komunità tal-Poplu ta' Alla, u għandu d-dritt li jgawdi mill-frott tal-art. F'dan il-kuntest, meta l-barrani jasal f'art differenti minn pajjiżu, dan ma jkunx jinvadi fuq art ta' ħaddieħor, imma jkun wasal f'art li hija tiegħu ukoll! **Fi kliem il-Papa Ġwanni Pawlu II, huwa dmir tal-popli kollha li jaqsmu mal-barrani "il-mejda tal-ħolqien". Fuq din il-mejda hemm mhux biss il-ġid materjali imma wkoll il-ġid edukattiv, kulturali, xjentifiku, teknoloġiku u artistiku!**

Ġesù Kristu, li reġa' ġabarna f'poplu ġdid ta' Alla, ġarrab huwa nnifsu din l-esperjenza tal-emigrazzjoni u l-immigrazzjoni. Meta l-Iben ta' Alla sar bniedem, huwa ħareġ minn "ħdan" il-Missier biex daħal fi "ħdan" l-umanità. San Ġwann fl-Evanġelju jgħidilna li Ġesù "ġie f'daru u niesu ma laqgħuhx" (1,11). Il-ħajja pubblika tiegħu, Ġesù għaddieha jiġġerra minn reġjun għall-ieħor, tant li ma "kellux fejn imidd rasu".

Ġesù mhux biss kien "barrani", imma kien attent biex japprezza t-tajjeb li hemm f'min kien ġej minn kultura u reliġjon differenti. Infatti huwa jfaħħar lil Nagħman tas-Sirja li tfejjaq mill-profeta Eliżew u lill-armla ta' Sarefta ta' Sidon li laqgħet lill-profeta Elija – kemm Nagħman kif ukoll l-armla ta' Sarefta t-tnejn kienu barranin! Ġesù jgħid li f'Israel kollu ma sabx fidi ikbar minn taċ-ċenturjun Ruman (Lk 7, 1-10)! U l-istqarrija li Kristu huwa l-Iben ta' Alla ma ssirx min-nies tat-tempju ta' Ġerusalemm, imma minn ċenturjun Ruman ieħor fuq il-Kalvarju.

Ħassejt li kelli nsemmi dawn l-esperjenzi bibliċi biex niftakru li aħna bħala poplu ta' Alla llum għandna l-esperjenza migratorja fid-DNA tagħna! Għalhekk il-fidi tagħna tgħinna dwar kif nittrattaw mal-immigranti irregolari. Dak li jħassibni huwa li dwar ċerti suġġetti huwa faċli għalina li nsaħħu l-argument bil-Kelma t'Alla, imbagħad ma nirrealizzawx li l-istess Kelma ta' Alla tkellemna b'daqshekk qawwa dwar dan il-fenomenu tal-immigrazzjoni. Din hija sfida u opportunità mhux biss għalina l-Maltin u l-Għawdxin, imma għall-Ewropa kollha – għalhekk għandna bżonn ta' politika Ewropea serja ta' kif ser nilqgħu lill-barranin.

**Għandhom jibqgħu jidwu f'qalbna l-kelmiet li Papa Franġisku qal f'Lampedusa. Min hu responsabbli għall-mewt ta' tant persuni li bit-tama li jibdew ħajja ġdida jippruvaw jaqsmu l-Mediterran imma ma jaslux fid-destinazzjoni għax jegħrqu? Min beka mal-ommijiet ta' dawn l-immigranti li telqu minn pajjiżhom biex forsi jkunu jistgħu jaqilgħu l-għixien għalihom u għall-familja tagħhom?**

Aħna l-Insara għandna dejn ma' din is-soċjetà li, kif jgħid il-Papa, qed tgħix f'bużżieqa tas-sapun – bużżieqa sabiħa imma vojta: li nwasslulha l-messaġġ ta' tama u solidarjetà fattiva mal-barranin, kif imnebbħin mill-fidi tagħna.

**Proprju din il-ġimgħa saret l-ewwel laqgħa tal-Kummissjoni Djoċesana li waqqaft dan l-aħħar bil-għan li tgħinna bħala Knisja nagħtu s-sehem tagħna f'dan il-waqt storiku ta' pajjiżna. Jien tlabt li din il-Kummissjoni, immexxija minn Dun Manwel Cordina, biex fi żmien xahrejn tippreżenta relazzjoni. Għandi tama qawwija li bil-kollaborazzjoni ta' ħafna minnkom, flimkien inkomplu nagħtu tweġiba evanġelika quddiem din l-esperjenza.**

# Eku Marjan f'Għawdex...

## *imma liema innu ta' xi Għawdxi?*



Mons Salv Grima

**Nofs il-festi titulari f'Għawdex għandhom rabta mal-Madonna, anki jekk taħt titlu jew ieħor. Xorta waħda hija l-istess persuna li għaddietilna innu li tant aħna familjari miegħu, nirrepetuh ħafna drabi u nkantawh b'diversi melodiji, hekk imsejjaħ il-*Magnificat,* Ruħi Tfaħħar. Jekk tgħaqqad l-ilħna kollha f'vuċi waħda b'dan l-innu nistgħu ngħidu li tassew ilkoll qed nawguraw anki Għawdex aħjar. Jibqa' fatt però li bħalma fost l-istudjużi mhux kulħadd jagħti l-istess tifsira lil dan l-innu Marjan, hekk ukoll tista' tistona l-imġiba u l-qima lejn il-Verġni Mbierka ta' għadd minn ħutna li jistqarru li jħobbuha bħala Omm tagħna.**

F'ħafna pajjiżi fejn iċ-ċittadini huma mtaqqla mill-oppressjoni tas-setgħanin, mill-inġustizzji tal-ħakkiema jew mill-poter dittatorjali, bħalma kellhom u għad fadlilhom f'partijiet differenti tad-dinja, anki Nsara marru għal dan l-innu reliġjuż biex jużawh bħala qawwa għal-liberazzjoni li għandhom bżonn. Jgħollu l-vuċi tagħhom biex iwasslu talba 'l Alla li *"wera l-qawwa ta' driegħu, li niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom, u li lill-għonja bagħathom 'il barra b'xejn".* Sintendi mhix talba mqanqla mill-imħabba imma minn stat ta' disperazzjoni jew agħar.



It-ton ta' dan l-innu f'pajjiżna mhux ta' dik il-kwalità estrema bħal ta' dawk li sfaw imċaħħda minn drittijiet kulturali, politiċi, soċjali, ekonomiċi u saħansitra reliġjużi f'pajjiżhom stess! Fostna s-sens ta' dan l-innu għandu jibqa' jiftiehem bħala wieħed awtentiku u skont l-ispirtu li bih lissnitu l-Verġni Mbierka, anki fejn hemm dawk l-espressjonijiet qawwija li jistgħu jidhru iebsa jew li joffendu.

### Iktar Tifsir

Huma ħafna dawk li analizzaw it-tifsira ta' dan l-innu ta' tifħir li tistħajlu jagħmel talba għal-liberazzjoni. Kien hemm min fissru bħala att ta' tama fl-istennija għal żminijiet ġodda fejn għad tinbidel is-sitwazzjoni preżenti ta' kull bniedem li jista' jkun għaddej minn żmien fejn qed iħabbat wiċċu ma' xi forma ta' xi inġustizzja. Hija l-istess tifsira li xebbhuha ma' dak li esprima Kristu permezz tal-*beatitudnijiet.*

Min-naħa l-oħra l-movimenti femministi wkoll tawh tifsira f'rabta mal-interessi tagħhom u l-ħidma li għandhom quddiemhom, u għalhekk bħala stedina għal setgħat aqwa għall-benefiċċju mhux biss tal-foqra imma wkoll tan-nisa, imqanqlin *"minn Marija bħala simbolu ta' qawmien soċjali ġdid".* Anki hawn mhux nieqes ir-riskju li l-moviment jista' jiġġenera sentimenti vjolenti jew ta' aggressjoni bil-periklu li jitnisslu anki firdiet bejn klassi jew oħra tas-soċjetà.

Interpretazzjoni oħra hija dik marbuta mal-għarfien li Marija ngħatat fil-ħajja liturġika li l-Knisja tiċċelebra, iżda biex tpoġġiha iktar bħala mudell tal-Mara umli u safja, u permezz ta' dak l-innu stess miċ-ċokon tagħha riedet tesprimi att ta' gratitudni lil Alla, barra l-ħwejjeġ kbar li seħħew fiha. Iktar milli hu xi innu li bih qed tagħmel xi sejħa għal xi manifest rivoluzzjonarju, il-*Magnificat* jesprimi l-fedeltà tagħha lejn is-Setgħani b'ħarsa lil hinn minn xi proġetti li l-bniedem jista' jorbot qalbu magħhom fiż-żmien ta' issa!

### Liema liberazzjoni?

Jekk dan l-innu jibqa' jissejjaħ ukoll bħala wieħed ta' "liberazzjoni", żgur però mhux fis-sens li ppruvaw jifhmuh elementi estremisti b'xi għamla krudila. Hemm il-vera liberazzjoni li fehem Kristu u li miegħu ssieħbet l-Omm Verġni. Għax Marija emmnet u stqarret il-fidi tagħha fil-ġustizzja divina li kienet ġiet imħabbra sa mill-imgħoddi u li issa wasal iż-żmien tas-Saltna l-Ġdida li kellha l-iskop li twassal għall-fejqan, il-fidwa u l-ħelsien. Fuq kollox il-ħelsien mill-ħakma ta' kull diżordni u ħażen. Hawn ta' min jistaqsi: liema liberazzjoni, minn xiex u għal xiex?



Il-messaġġ Marjan, li jirrifletti dak veru ta' Kristu, qed jindirizza lill-bniedem għal xi ħaġa ġdida. Soltu nitkellmu minn ħidma li titlob **ħelsien minn xi ħakma barranija**, imma hawn qed jaslilna impenn differenti, dak li **wieħed jinħeles minn xi ħakma tiegħu nnifsu**. U din il-linja għandha tkun fl-innu veru ta' dawk l-Għawdxin li għadhom jagħmlu sejħa għal xi forma ta' vjolenza fuq ħaddieħor, bħalma ġie li tisma' *"L-id ta' Alla għad tilħqu! Alla jikkastigahom! Nitlob 'l Alla jġennu! Nirraħ ma jgawdix dak li ħa!* u espressjonijiet oħra bħal dawn. Liberazzjoni vjolenti u kiefra!

## Ma ninsewx x'uritna

Għall-kuntrarju huwa ħafna iktar f'postu li bħal Marija lkoll nistqarru kif Alla sa mill-imgħoddi *"xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon"* tat-territorju tagħna biex kull wieħed minna *"jfaħħar il-kobor tal-Mulej u l-ispirtu jifraħ f'Alla s-Salvatur"* li hu Għajn ta' kull barka għalina lkoll. B'dan l-awgurju Għawdex jibqa' jġorr għall-ġejjieni xewqa u ħidma għal stima u ġieħ kif jistħoqqlu.

**Mhux ta' b'xejn li missirijietna sa mill-antik iddedikaw kappelli u knejjes għall-Omm tagħna tas-Sema, xerrdu mħabba u qima lejha, u għexu taħt il-ħarsien matern tagħha. L-innu Marjan kienu jafu jibżgħu iktar għalih? Illum ukoll għandna bżonn li gżiritna tibqa' tgħożż kemm *"is-Setgħani għamel magħna ħwejjeġ kbar"* u tistinka ħalli tgħaddi lil ta' warajna sens Nisrani qawwi f'qalb *"dawk li jibżgħu minnu (Alla)"*. Imma k'jonqos il-biża' ta' Alla x'sens jibqagħlu eko-Għawdex?**

Jekk Marija esprimiet b'xi mod *'sens ta' kburija u sodisfazzjon'* għax *"is-Setgħani għolla ċ-ċkejknin u għamel magħha ħwejjeġ kbar"* kif ukoll għax ħabbret *"li kull nisel kellu jibqa' jsejħilha ħienja"*, dan xejn ma jfisser xi att ta' suppervja, b'rasha mgħollija, arroganza, ftaħir, vanaglorja, preżunzjoni, stmerrija tal-oħrajn, insolenza, tmaqdir, żebliħ jew li ma tibża' minn ħadd. Dan kollu Marija warrbitu biex floku tgħix l-umiltà kif tassew uriet f'kull ħin u ċirkostanza ta' ħajjitha. Hawn dehret kif tassew riedet tgħix "il-vera liberazzjoni" billi **tinħeles minnha nnifisha"**, xi ħaġa tant ukoll meħtieġa anki bejnietna. Dan għandu jkun l-eku Marjan f'Għawdex!

Marija fehmet kemm seta' jagħmel magħha Alla ladarba kollox hu possibbli għalih, bħalma kienet taf x'ġara ma' Sara *(Ġen 11, 30)*, Rebekka *(Ġen 25, 21)*, Rakel *(Ġen 29, 31)* u omm Sansun *(Imħ 13, 2)*. U għalhekk ħassitha "mkabbra", mhux biha nfisha iżda b'dak li Alla seta' u kien qed iwettaq fiha.

U magħna l-Għawdxin? Ladarba l-vuċi tagħha ta' 130 sena ilu għadha u tibqa' hemm: *"Ejja! Ejja!"* u se tkompli twassalhielna, taf ukoll x'jista' jagħmel Alla magħna u x'tixtieq hi mill-Innu tagħha ta' tifħir biex jibqa' dejjem kif tassew tridu hi.



# X'għadda minn għalina



Charles Spiteri

## Suttana tal-Papa Franġisku

Mons Alfred Xuereb, is-segretarju tal-Papa Franġisku, f'Awwissu kien f'Għawdex għal ftit mistrieħ u ħa l-okkażjoni biex jippreżenta lill-mużew il-ġdid IL-ĦAĠAR - HEART OF GOZO s-suttana li biha l-Kardinal Bergoglio daħal għall-Konklavi li matulu ntgħażel is-suċċessur ta' Beneditt.



Il-kuratur Mons Ġużeppi Farrugia introduċa lil Mons Xuereb li spjega x'wassal għal din id-donazzjoni: barra s-suttana bil-faxxa, hemm ukoll il-karlotta u mitra.

Bosta ħbieb ta' IL-ĦAĠAR kienu preżenti, fosthom membri tal-Kapitlu ta' San Ġorġ u tal-kumitati tal-Fondazzjoni Belt Victoria.

Ta' min jinnota li dan iċ-Ċentru Kulturali diġa' għandu bosta oġġetti "ġerarċiċi" , fosthom, fuq intervent ieħor ta' Mons Xuereb, il-karlotta ta' meta Beneditt rtira minn Papa u mitra tiegħu li akkwistaha Mons Isqof Mario Grech.



## Preżentazzjoni ta' Dokumenti Mużikali

Anna Maria, Michelle u Josette ppreżentaw lill-Banda San Ġużepp ta' Għajnsielem parti mill-ġabra tad-dokumenti mużikali mill-arkivju ta' missierhom, il-qatt minsi Mro. Joseph Farrugia li kien Direttur tal-Banda meta din kienet imwaqqfa mill-ġdid fis-sena 1966. Nannuhom, Mro. Mikiel Farrugia, ukoll kien Direttur tal-Banda ta' Għajnsielem għal sittax-il sena bejn 1930 u 1946. Il-preżentazzjoni saret nhar il-Ħadd, 1 ta' Settembru, Festa tal-Madonna ta' Loreto.

## Schola Cantorum Jubilate rebbieħa tal-"Palma tad-Deheb" 2013 f' San Lawrenz


*Waqt il-preżentazzjoni tat-trofew "Palma tad-Deheb" lil Stefan Attard mill-Kappillan tal-Parroċċa ta' San Lawrenz, Dun Nazju Borg*

Il-premju annwali Palma tad-Deheb, li jiġi mogħti kull sena mill-Parroċċa ta' San Lawrenz, Għawdex biex jirrikonoxxi l-impenn fil-qasam mużikali taż-żgħażagħ fil-gżira Għawdxija, din is-sena ġie mogħti lil *Schola Cantorum Jubilate.*

*Schola Cantorum Jubilate*, huwa kor privat iffurmat minn żgħażagħ, li hu kkunsidrat bħal wieħed mill-korijiet stabbiliti f'Malta. Dan il-kor ġie mwaqqaf minn Stefan Attard fis-sena 2000. Id-direttriċi mużikali hija Marouska Attard li hija gradwata fil-mużika, vjolinista u anke sopran.

*Schola Cantorum Jubilate* tispeċjalizza fil-polifonija sagra u fil-mużika klassika. Madankollu r-repertorju tagħhom jinkludi mużika mill-era rinaxximentali sa dik barokka u anke kontemporanja. Il-kor jinterpreta xogħlijiet minn kompożituri rinomati bħal Palestrina, Victoria, Bach, Mozart u minn kompożituri aktar riċenti bħal Perosi, Camilleri, Bartolucci u Portelli fost oħrajn.

*Schola Cantorum Jubilate* hija attiva matul is-sena kollha u tieħu sehem u torganizza diversi kunċerti. Kull nhar ta' Ħadd janimaw il-quddiesa tal-11am fil-Bażilika tax-Xagħra. Il-kor ippreżenta lil Malta fil-Festival *Credo in Unum Deum Festival* li kien organizzat mill-Fondazzjoni tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann (2005), kien il-kor ewlieni fl-opra '*Dido and Aeneas* ta' Purcell li ttellgħet bħala parti mill-*BOV Opera Festival* (2005), tella' kunċert fil-Berġa ta' Kastilja waqt l-ewwel *Notte Bianca f'Malta* (2006), tella' kunċert għal Din l-Art Ħelwa f'Palazzo Parisio fin-Naxxar (2007), ta kunċert fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta (October, 2008) u ieħor f'Palazzo Parisio f'Valletta li kien mtella' mill-Ministeru għal Affarijiet Barranin. F'Marzu (2012) il-kor kien mistieden ukoll mill-Ecc Tiegħu Dr. George Abela, President ta' Malta biex itella' kunċert privat fil-Palazz tiegħu f'H'Attard.

Sa mill-2003, il-kor tella' l-avveniment ta' *Carols by Candlelight* u llum ġie stabbilit bħala wieħed mill-attivitajiet annwali fiż-żmien il-Milied.



## Kunċert mill-Banda tal-Għarb

Biex tikkommemora l-10 Anniversarju mit-twaqqif tagħha, il-Banda tal-Għarb, taħt id-direzzjoni ta' Mro. George Apap, għamlet Kunċert f'Marsalforn bl-isem, "*West Meets Pop & Movies*". Il-Banda ferrħet il-miġemgħa preżenti b'mużika popolari mill-films u bil-kant minn Francesca Sciberras u "*Mary Angels*" kor tat-tfal mir-raħal tal-Għarb. Dan il-Kunċert, li seta' jsir bis-sostenn tal-Ministeru għal Għawdex, kien avveniment wieħed minn diversi inizjattivi f'din il-Kommemorazzjoni.



## Lejla ta' poeżija fir-Rabat, Għawdex



Nhar is-Sibt, 31 ta' Awwissu, l-Għaqda Poeti Maltin tellgħet Lejla ta' Poeżija u Mużika fil-Ministeru għal Għawdex, fir-Rabat. Is-serata kienet preseduta mill-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Anton Refalo. Waqt id-diskors tiegħu l-president tal-Għ.P.M., Charles Magro, qal ukoll li attendenza sabiħa bħal dik tagħmel kuraġġ lill-kumitat biex jerġgħu jittellgħu serati simili fil-gżira ta' Għawdex. L-attendenza kienet tajba ħafna u dan seħħ anki bis-saħħa tal-għajnuna tal-kittieb, poeta u rappreżentant għal Għawdex tal-Għaqda Poeti Maltin, Charles Bezzina. Inqraw poeżiji bil-Malti u bl-Ingliż, minn poeti ta' ġenerazzjonijiet differenti, fosthom ta' membri onorarji tal-Għ.P.M. bħall-Kelinu Vella Haber, il-Kan. Joe Mejlak, Ġianninu Cremona u l-mibki Marċell Mizzi. Ħadu sehem ukoll il-kantanti Josephine Marie Grima u Rosabel Pavia, il-kitarrist Joe Engerer, u l-flawtista, Charlene Portelli. Waqt is-serata ngħataw ukoll mill-president tal-GħPM plakek ta' tifkira lill-Ministru, lil Charles Bezzina u lill-kantanti u mużiċisti li pparteċipaw. Il-kittieb u poeta Għawdxi Charles Bezzina ta lill-Ministru għal Għawdex għadd ta' kotba minn tiegħu bħala tifkira tal-okkażjoni. Mexxiet il-Lejla, Miriam Ellul. Wara kien hemm ukoll riċeviment żgħir.



## Aktar Arti fil- Villa Rundle

Dr Grezzju Mercieca, *Chief of Staff* fil-Ministeru għal Għawdex, inawgura panel ta' arti fil-mużajk fil-Ġonna ta' Villa Rundle – arti li tikkommemora l-assedju ta' Għawdex tal-1551. Id-disinn ta' dan ix-xogħol fil-mużajk kien sar mit-tfal, taħt il-gwida ta'Mary Portelli, matul l-aħħar *Notte Gozitana.* Imbagħad, ir-restawratur tal-irħam, Raymond Bonello, mix-Xagħra, ħadem id-disinn mill-ġebel tal-qawwi. Mons. Joe Vella Gauci, President tal-Kumitat għaċ-Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali u Reġjonali kellem lit-tfal preżenti dwar il-ġrajja tal-1551.

## Ġbid ta' film minn żgħażagħ Għawdxin





*Waqt il-ġbid tal-film fi Triq ir-Repubblika, ir-Rabat, Għawdex*

*"Three Generations Down"* huwa l-isem ta' film li qed jinħadem minn żgħażagħ Għawdxin, li jieħu lill-ispettatur erbgħin sena lura. Produzzjoni u Direzzjoni ta' Michael Tabone u Amadeo Bezzina. Produzzjoni bil-parteċipazzjoni ta' numru kbir ta' persuni, kollha b'mod volontarju, fejn proprju nhar il-Ħadd 28 ta' Lulju, wasslet biex partijiet miċ-ċentru tal-Belt Victoria jingħalqu għat-traffiku, bil-*foyer* tat-Teatru Astra jinbidel f'bank bl-isem ta' *National Bank* minn fejn seħħet is-serqa.

Din l-attività li ħadet diversi sigħat ġibdet l-attenzjoni mhux biss tal-Għawdxin u l-Maltin imma b'mod speċjali ta' numru mdaqqas ta' turisti li kienu l-Belt Victoria waqt li kien qed jinġibed dan il-film li ġie segwit b'ċertu interess.

*"Three Generations Down"* se jkun qed joffri vetrina ta' talent lokali, bis-sehem ta' persuni ta' kull età, fi sfond tipiku Għawdxi li żgur għandu jħalli mpatt mill-aktar pożittiv fuq il-popolarità ta' din il-gżira Għawdxija.

L-idea wara dan il-film bdiet tidħol fis-seħħ fl-ewwel xhur ta' din is-sena u dawk kollha involuti jittamaw li dan l-isforz kollettiv iwassal għal iktar attività fost iż-żgħażagħ Għawdxin f'dan ir-rigward.



## 150 Anniversarju

Fl-okkażjoni tal-150 Anniversarju mill-wasla tal-istatwa titulari ta' Santa Marija fil-parroċċa taż-Żebbuġ, il-komunità parrokkjali, immexxija mill-Arċipriet Dun Reuben Micallef, ħadmet rappreżentazzjoni drammatika msejħa "L-Għajn tal-Parroċċa". Din ir-rappreżentazzjoni, minsuġa bi żfin, poeżija u folklor, kienet bażata fuq narrattiva poetika miktuba mill-Viċi Parroku Dun Geoffrey Attard – strofi li jirrakkontaw l-istorja tar-raħal u tal-parroċċa mis-sena 1688 sa żminijietna. Franco Cefai kien inkarigat mill-aspett mużikali u Diane Calleja ħadet ħsieb il-koreografija.

## ERRC Calm Water Project

L-*Emergency Response and Rescue Corp* qed torganizza inizjattiva li tagħti opportunità lil għadd ta' żgħażagħ bi bżonnijiet speċjali biex jieħdu sehem fi programm personalizzat ta' *scuba diving.* Dan qed isir bl-għajnuna ta' *instructors* professjonali mill-*International Scuba Diving Agency.* Il-fondi għal din l-inizjattiva ġejjin mill-*Youth in Action Programme* mmexxi mill-EUPA. Fl-ippjanar ta' dan il-proġett, l-ERRC sabu s-sostenn tal-*Malta-EU Steering and Action Committee* (MEUSAC).



## Għotja ta' Pittura ta' Ġorġ Fenech lis-Santwarju Ta' Pinu

Mal-opri tal-arti li għandu s-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu f'Għawdex żdiedet oħra permezz ta' għotja ta' pittura prestiġjuża tal-pittur magħruf Ġorġ Fenech. *It-Tieġ Ta' Kana* (150cm x 191cm) tpitter fl-1987 u kien fil-kollezzjoni tal-artist. Il-familjari għamlu d-donazzjoni wara li Ġorġ kien wera x-xewqa li dan ix-xogħol biż-żejt fuq it-tila jkun espost għall-qima f'xi maqdes. Il-preżentazzjoni saret nhar is-Sibt, 22 ta' Ġunju fi tmiem il-Pontifikal tal-Festa tas-Sejħa tal-Madonna Ta' Pinu li sar fis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof t'Għawdex. L-Isqof bierek ukoll il-pittura l-ġdida. Din l-opra fl-idjoma pittorika kontemporanja hija waħda mill-aħjar xogħlijiet sagri tal-artist Ġorġ Fenech li kien ħalliena sentejn ilu fl-età ta' 85 sena. Għalissa, *It-Tieġ ta' Kana* hu espost fil-kor tas-Santwarju. Hemm il-ħsieb li jkun it-titular tal-kappella tal-irtiri f'Ta' Pinu. B'hekk ikompli jagħni l-kollezzjoni artistika ta' dan is-Santwarju Nazzjoni li tinkludi xogħlijiet ta' Mario Caffaro Rore, Giuseppe Briffa u Emvin Cremona.



*Jammiraw il-pittura illi kienet għadha kif ġiet ippreżentata lil Ta' Pinu.*



*L-armla ta' George Fenech, Doris, titkellem ma' Mgr. Isqof Grech wara ċ-ċerimonja tat-tberik tal-pittura. Is-Sinjura Fenech ippreżentat ukoll lill-Mons. Isqof Grech kopja tal-ktieb ta' George - The Art and Life of George Fenech. Jidher ukoll wieħed minn uliedu Conrad u n-neputijiet Camille u Jacques Fenech.*

## Egħluq is-'Summer Club'

Bħala parti mill-attivitajiet tad-*Don Bosco Summer Club*, Mons. Isqof Mario Grech għamel żjara fl-Oratorju Don Bosco fejn qaddes u kellem lit-tfal preżenti. Huwa inkuraġġihom jieħdu sehem f'attivitajiet simili għaliex avolja fil-vaganzi, imma jibqgħu jitgħallmu. Mons. Isqof irringrazzja wkoll lill-voluntiera, ħafna minnhom żgħażagħ, li jagħtu s-sehem tagħhom b'risq it-tfal matul il-vaganzi tas-sajf. Din kienet l-għaxar darba li kien organizzat id-*Don Bosco Summer Club* fl-Oratorju Don Bosco.



## Ix-'Xagħra Scout Group' fil-Kamp tas-Sajf

Din is-sena wkoll ix-*Xagħra Scout Group* organizza l-kamp tas-sajf fil-Wied tar-Ramla. Il-kamp dam ħamest ijiem li kienu esperjenza edukattiva mill-aqwa għal-*leaders*, *scouts*, *cubs* u *beavers*, b'attivitajiet varji u adattati għal kull sezzjoni. Il-kamp ġie fit-tmiem bil-BBQ u l-*camp fire* li fih ħadu sehem il-membri kollha tal-grupp flimkien mal-familji tagħhom.



# Il-Ħsejjes Madwarna



*notamenti mill-*

**Kav. Joe M. Attard**

**Ninsabu fl-istaġun tal-Ħarifa meta s-siġar jibdew iwaqqgħu l-weraq tagħhom u l-kampanja tkun imneżżgħa minn dak il-mant li s-soltu jostorha w allura ma tkunx daqstant ħadra u sabiħa, iżda min-naħa l-oħra, is-skiet isaltan u l-moħħ isib ċertu serħan u paċi. Wara xi ħalba xita l-arja tiffriska u l-ħoss ta' xi nixxiegħa tal-ilma ġieri fil-widien inissel serenità u trankwillità waqt li l-pulmuni jimtlew b'arja fiska u nadifa u tħossok qed terġa' tgħix mill-ġdid. Mhux darba u tnejn riġlejja jeħduni sa Wied il-Lunzjata, wieħed mill-ftit widien li huma ferm ikkurati u miżmuma tajjeb u r-raba saqwi tiegħu jipprovdi uċuħ tant sbieħ flimkien ma' dehriet li jsaħħru. Qalb il-bniedem tkompli ssib il-mistrieħ tagħha hekk kif tirfes mill-għatba 'l ġewwa tal-kappella ddedikata lit-tħabbira tal-anġlu Gabriel lil Sidtna Marija Omm Alla fil-pittura ħelwa ta' Luca Garnier. Ħafna għadhom isibu lil dan il-wied bħala 'l-Ġnien tar-Rabat'!**

Iżda meta nerġgħu lura lejn ir-Rabat, mill-ewwel jgħibu l-paċi u s-skiet ta' Wied il-Lunzjata (kelma li ġejja mit-Taljan *annunziata*), imkennen minn parti mir-raħal tas-Sikors. Beltna saret mimlija ħsejjes u dħaħen. Kif tasal fi pjazza Tomba (hawn konna nsibu ċimiterju ta' żmien il-Franċiżi), illum Misraħ Sant Wistin, u bir-raġun għaliex jiddomina hawn il-Kunvent tal-Patrijiet Agostinjani, għandek issib diżordni sħiħa; min jipparkkja u min jistartja biex jitlaq waqt li oħrajn, qishom fuq il-labar, bil-karozza taħdem u ddaħħan jistennew xi proxxmu jitlaq biex isibu post. U jekk tħares lejn l-art ta' din il-pjazza spazjuża, żgur li ser tinnota xi rqajja' taż-żejt li jħallu warajhom tant karozzi u ngenji oħra li lejl u nhar jipparkjaw hawn. Naħseb li wasal iż-żmien ukoll li mill-ġdid jinżebgħu l-'parking lines' biex tal-inqas tinżamm l-ordni.

**Il-ħsejjes ikomplu joktru f'bosta mit-toroq tagħna issa għax għaddej tal-ħaxix, u issa għax wasal il-van tal-ħut u allura erħilu jiftaħ ħanġra daqshiex; inkella għax għaddej tal-gas li ma jinbbastax jitlaq idu minn fuq il-ħorn tat-trakk jew għax wasal tal-ħobż - dawn kollha jridu jaraw x'jagħmlu biex joħorġu lill-mara tad-dar minn ġol-kċina!** Fit-triq fejn ngħix jien, għalkemm żewġ tabelli juru li ma għandhomx jidħlu trakkijiet goffi u tqal, kontinwament qed tinkiser il-liġi għax dawn l-inġenji jibdew għaddejjin minn quddiemi minn sbieħ il-għodwa sa ma jibda jroxx id-dlam. Dawn idaħħnu tgħidx kemm u jagħmlu storbju enormi; xi drabi l-art ta' taħtek tħossha titriegħed; il-ħsejjes jikbru iktar meta tara li dawn ikunu qed iġorru tagħbija ta' knaten, bla ebda għata, biżżejjed biex tibni dar. Għal dawn ma jeżistux il-*wardens* u meta



ppruvajt niġbed l-attenzjoni ta' xi sewwieq li sfaċċatament kien qed jikser il-liġi, dan ħadni bil-herra, donnu kellu raġun, u qalli: 'Tindaħalx! Il-Kunsill Lokali, niggarantilkom li fi żmien qasir jimla l-kaxxa tal-Istat bl-ewro li tant għandna bżonn, kieku kellu jibgħat xi *warden* fi Triq Sir Paul Boffa! U mela jibgħatli għal multa għax bqajt fil-karozza nistenna lil marti tixtri 'go mobile card' m'għand it-Tapies! U meta dehert quddiem it-Tribunal biex infisser ruħi, dan bla ħniena qalli: 'Ksirt il-Liġi!' Hemm mod u mod kif tikser il-Liġi!

**Il-ħsejjes madwarna ma jonqsux qabel ma ssir '*ring road*' fil-belt tagħna biex it-trakkijiet u l-buses ma jgħaddux iktar miċ-ċentru tar-Rabat bil-konsegwenza li mlew lil djarna bin-nugrufun meta ma tarax xi gallerija (għaddu waħda minn Triq Vajrinġa) milquta minn xi *double decker* li minnhom daż-żmien għandna kemm-il waħda.** Ta' spiss nilmaħ ukoll dawn il-*four wheelers* kif ukoll *motorcycles* għaddejjin b'veloċità qawwija, donnhom iridu jagħmlu '*show*' minn kull fejn jgħaddu. Ħafna miż-*zebra crossings* ukoll jeħtieġu laqgħa żebgħa għax naħseb li nsew meta ħadu l-aħħar daqqa ta' pinzell. Dalwaqt tibda x-xita u treqatna jsiru għadira waħda u miskin int jekk taħslek xi karozza u allura xi ftit *patching* ma jagħmilx ħażin!

**Sabiħa l-ideja ta' "Eco-Gozo" iżda bejn il-kliem u l-fatti hemm baħar jikkumbatti! U dan kollu li ħarbixt illum, bla dubju, japplika wkoll għall-irħula tagħna li forsi ħafna drabi joqogħdu lura milli jsemmgħu leħinhom!**

# Fejn sejra? (2)

## *Il-mara Għawdxija fis-soċjetà tal-lum u ta' għada*



Dun Noel Saliba

### Il-Professjonalita' tal-mara, il-karattru soċjali tal-mara, u x-xogħol ta' servizz li toffri

Il-konċentrazzjoni tan-nisa f'ċerti setturi partikolari u professjonali (professjonijiet awżiljarji, servizzi soċjali, tagħlim, servizzi in ġenerali) u dan iwassal għad-definizzjoni tal-kunċett ta' professjonalità femminili, li l-karatteristiċi tagħha huma kkonċentrati aktar fuq l-attivita' konkreta milli fuq dik astratta u li tippreferi l-*loġika tal-kontenut* milli l-*loġika tal-karriera*. Il-kawża prinċipali ta' dan l-orjentament, tista' tkun il-fatt li l-mara Għawdxija tpoġġi fl-ewwel post it-trobbija tal-familja qabel ix-xogħol professjonali, jew ukoll tgħix preżenza doppja jew rwol doppju, u b'hekk jaslu biex jippreferu l-konċentrazzjoni tal-enerġiji tagħhom fil-familja milli jidħlu fi stress u tensjoni frott il-kompetittività li jitlob ix-xogħol professjonali.

**Il-karatteristiċi ta' kontinwità bejn *it-trobbija tal-familja* u x-*xogħol għas-suq* juru ċar li x-xogħol tal-mara huwa *xogħol ta' servizz*. Din hija karatteristika fundamentali li tiddefinixxi x-xogħol tal-mara Għawdxija – kemm jekk huwa xogħol rimunerat u sew jekk *gratis*, kemm jekk professjonali kif ukoll dak familjari, f'kull qasam fejn jiġi mwettaq. Dan jikkonkretizza ruħu f'servizzi kemm materjali u kemm mhux materjali, bħalma huma l-komunikazzjoni, iż-żamma ta' relazzjonijiet, il-pont li jwassal għall-kunsens, u dawn tal-aħħar huma dejjem aktar importanti f'soċjetà kumplessa li fiha l-*welfare state* juri sinjali ta' kriżi li dejjem qed issir aktar evidenti.**

### L-indipendenza tal-mara u l-iżviluppi fil-bidliet simboliċi tagħha.

Iż-żewġ skopijiet li minħabba fihom qegħdin isiru bidliet fil-kundizzjoni tal-mara Għawdxija huma: l-*emanċipazzjoni* bħala akkwist tad-dinjità, drittijiet u pożizzjoni soċjali fuq l-istess livell bħall-irġiel, u *l-indipendenza tal-mara* li twassal għall-ħelsien tal-mara mill-oppressjoni, mill-isfruttament, mit-tfixkil, mir-ripressjoni, mill-assertiviżmu maskili.

Fil-każ tan-nisa f'Għawdex, lil hemm mir-rebħiet formali u mill-bidliet fuq livell tal-atteġġamenti, iż-żewġ għanijiet jidher li għadhom ma seħħewx fuq il-pjan soċjali.

L-emanċipazzjoni permezz tax-xogħol dehret bħala triq prattikabbli bi prezz partikolarment mhux żgħir għall-mara. Imma ma jidhirx li x-xogħol iwassal għall-ugwaljanza mar-raġel fid-dinja tal-produzzjoni, meta fil-verità l-karattru soċjali u l-professjoni tal-mara jaqgħu taħt il-loġika tal-astrazzjoni, tal-kontroll, tal-karriera, fejn kollox huwa mmexxi mill-irġiel, realtà tipika tad-dinja produttiva preżenti, fejn Għawdex m'huwiex eċċezzjoni.

**Ċerti servizzi soċjali ma tantx għenu biex il-mara tidħol fix-xogħol professjonali, kemm minħabba nuqqas ta' parteċipazzjoni min-naħa tan-nisa stess u kemm minħabba l-mod ta' kif jorganizzaw ruħhom in-nisa; ma aġevolatx l-emanċipazzjoni għaliex, b'mod ġenerali, in-nisa ittehdulhom xi ħidmiet imma fl-istess waqt ingħataw ħidmiet oħrajn ta' tip differenti, ta' tip burokratiku u formali, fi struttura li għandha t-tendenza li tkun formali u impersonali.**

Anke' l-pjan li kellu jwassal għall-*indipendenza tal-Mara*, jidher li falla fil-parti l-kbira tiegħu kemm fit-trobbija tal-familja kif ukoll fil-preżenza fil-ħajja soċjali. Fl-ewwel aspett, minkejja li l-mara bdiet tiċċentra iżjed l-attenzjoni tagħha aktar fuq l-indipendenza u l-estetika tagħha, ma tistax twarrab il-konnotazzjonijiet simboliċi u affettivi li jolqtu t-trobbija tal-familja; u fit-tieni aspett, il-preżenza soġġettiva tal-mara ma rnexxilhiex tissupera l-individwaliżmu u tikkumbatti l-eżiġenzi reali tal-parteċipazzjoni soċjali.

L-iżviluppi li qegħdin iseħħu f'Għawdex fix-xogħol tal-mara mill-qasam tal-produzzjoni għal aktar xogħol ta' servizzi, il-bidla fil-forom tal-produzzjoni, kif ukoll il-proċess tal-modernizzazzjoni kellhom effett profond fuq l-istruttura tal-familja f'Għawdex, imma kellhom effett profond ukoll fuq ir-relazzjoni esterna/interna tal-familja, fuq ir-relazzjoni familja/komunita'.

### Xi prospettivi li tajjeb nagħtu kashom.

Jidher li fir-rigward tax-xogħol tal-mara f'Għawdex nistgħu inbassru bidla mill-kunċett ta' *xogħol ta' servizz*, għall-*kultura tas-servizzi*, li tirrikonoxxi r-rekwiżiti essenzjali għall-identità ġdida tal-mara. Jekk nifhmu dan, allura wieħed iżomm li l-karattru soċjali tal-mara huwa element pożittiv, ta' valur, fis-sistema soċjali kollu kemm hu, u mhux prodott imġebbed tal-proċess tas-soċjalizzazzjoni tradizzjonali tal-mara.

**Barra minn dan, illum il-ġurnata, f'Għawdex iridu jiġu indirizzati b'mod ħafna aktar effettiv il-bżonnijiet tan-nisa l-aktar vulnerabbli - nisa li jaħdmu bla ktieb tax-xogħol, tfajliet ommijiet, nisa li għaddejjin minn vjolenza domestika fejn l-omerta ġieli twassal biex sitwazzjonijiet patetiċi ma jsolvu ruħhom qatt qabel jeskalaw għal-livell ta' *no return*, nisa bi bżonnijiet speċjali, immigranti nisa, nisa li jħaddnu xi ordni reliġjuż jew jidħlu għall-ħajja kkonsagrata.**



**Sabiex il-mara f'Għawdex jista' jkollha pożizzjoni soċjali b'saħħitha, dawn il-presupposti li ġejjin huma essenzjali:-**

- **Tajjeb li n-nisa Għawdxin jidħlu aktar fix-xogħol professjonali u fil-qasam soċjali;**
- **Il-mara Għawdxija li tkun qegħda trabbi l-familja tkun aġevolata permezz ta' diversi miżuri soċjali ħalli tibqa' tagħti sehemha fid-dinja professjonali;**
- **L-irġiel jagħtu aktar spazju lin-nisa fid-dinja professjonali u soċjali;**
- **L-irġiel jagħtu aktar leħen lin-nisa fid-dinja professjonali u soċjali; u**
- **L-irġiel jagħtu sehem akbar fit-trobbija tal-familja.**

Jiswa' mhux ftit li n-nisa jidħlu fi djalogu mal-irġiel b'messaġġi ċari f'sitwazzjonijiet fejn dawn verament jifhmu 'l xulxin. Importanti jingħata ħafna aktar spazju lill-irġiel fit-trobbija u l-kura tat-tfal, xi ħaġa li bħalissa s-soċjetà Għawdxija qegħda iċċaħħadhom minnha u li tant hemm bżonn biex ir-relazzjoni bejn l-irġiel u n-nisa tkun waħda fejn verament jikkumplimentaw lil xulxin meta niftakru fl-individwaliżmu li kultant jispikka fis-soċjetà tagħna.

Il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat *Karta tan-Nisa* - dikjarazzjoni politika li tistabilixxi ħames oqsma ċentrali li għandhom ikunu inkorporati fl-istrateġija Ewropa 2020. Dan naturalment, jolqot lill-mara Għawdxija wkoll. L-oqsma huma:

1) **L-ugwaljanza fis-suq tax-xogħol u indipendenza ekonomika ugwali;**
2) **Ħlas indaqs għall-istess xogħol u xogħol ta' valur ugwali;**
3) **Ugwaljanza fit-teħid ta' deċiżjonijiet permezz ta' miżuri u inċentivi mill-UE;**
4) **Dinjità, integrità u tmiem tal-vjolenza bbażata fuq is-sess tal-persuna; u**
5) **Promozzjoni ta' ugwaljanza lil hinn mill-UE billi l-ugwaljanza tkun indirizzata fir-relazzjonijiet esterni u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali.**

Stħarriġ tal-*Eurobarometer*, li huwa *eye opener* dwar fejn hi sejra l-qagħda tal-Mara Għawdxija, juri li 62% tal-Ewropej jemmnu li għad hemm inugwaljanza bejn is-sessi f'ħafna oqsma tas-soċjetà. Għal 92%, il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa hi ta' prijorità, segwita minn 82% li jemmnu li l-inugwaljanza bejn is-sessi fi ħlas għall-istess xogħol hi l-iktar prijorità urġenti.

Ta' min jinnota li f'Malta l-Kunsill Nazzjonali tan-Nisa kien appella lill-ewro parlamentari biex jivvutaw favur l-estensjoni tal-*maternity leave* u tal-*parental leave*; kif ukoll saħaq fuq l-importanza li l-kisbiet tan-nisa fid-dinja tax-xogħol professjonali ma jitnaqqrux minħabba r-riċessjoni ekonomika.

**Jalla d-drittijiet tan-nisa bħad-dritt għal aċċess għal edukazzjoni u l-opportunitajiet indaqs u l-kundanna tal-vjolenza fuq in-nisa, ma jkunux biss drittijiet imniżżla fuq il-karta.**

## Konklużjoni

Xtaqt nagħlaq b'riferenza għall-*Eżortazzjoni Appostolika* tal-Papa Ġwanni Pawlu II, ippubblikata fil-15 t'Awwissu 1988, li tittratta dwar *Id-Dinjita' tal-Mara*. Hawn il-Beatu Ġwanni Pawlu II isemmi xi aspetti importanti dwar il-persuna tal-mara, li japplikaw ukoll għall-Mara Għawdxija:

**Il-Papa Ġwanni Pawlu II jitkellem mill-*Ġenju tal-Mara* u dan peress li l-mara twettaq ix-xogħol tad-dar u s-soċjalizzazzjoni primarja fil-familja b'mod tassew ġenjali.**

Dwar il-Verġinità tal-mara, Ġwanni Pawlu II igħid (parag. 17): *"Women, called from the very "beginning" to be loved and to love, in a vocation to virginity find Christ first of all as the Redeemer who "loved until the end" through his total gift of self; and they respond to this gift with a "sincere gift" of their whole lives. They thus give themselves to the divine Spouse, and this personal gift tends to union, which is properly spiritual in character. Through the Holy Spirit's action a woman becomes "one spirit" with Christ the Spouse (cf. 1 Cor 6:17). This is the evangelical ideal of virginity, in which both the dignity and the vocation of women are realized in a special way. In virginity thus understood the so-called radicalism of the Gospel finds expression: "Leave everything and follow Christ" (cf. Mt 19:27). This cannot be compared to remaining simply unmarried or single, because virginity is not restricted to a mere "no", but contains a profound "yes" in the spousal order: the gift of self for love in a total and undivided manner."* (parag. 20).

Dwar il-mara li ssir omm igħid (parag. 18) il-Beatu Ġwanni Pawlu II igħidilna: *"It is therefore necessary that the man be fully aware that in their shared parenthood he owes a special debt to the woman. No programme of "equal rights" between women and men is valid unless it takes this fact fully into account"*;

**Fl-aħħarnett irridu nikkunsidraw ukoll is-sehem li l-mara Għawdxija għandha fit-trasmissjoni tal-fidi u fil-bini tal-komunita' ekkleżjali. Dan jindikah ukoll Ġwanni Pawlu II meta jgħid (parag.27): "*... women, ..., played an active and important role in the life of the early Church, in building up from its foundations the first Christian community - and subsequent communities - through their own charisms and their varied service."***

# Sabiħa l-ħajja!

## *"La Vita è bella"*



George N. Cassar

**Għoġobni fuq li għoġobni. Kien ħareġ fl-1997 u ħafna tkellmu u kitbu fuqu. Qed ngħid għall-film Taljan *La vita e' bella*, film tassew affaxxinanti. Ngħid għalija, l-iktar li laqtitni kienet it-tieni taqsima fejn isseħħ ġrajja tassew drammatika. Hawnhekk il-film jeħodna lura lejn l-aħħar sena tat-tieni gwerra dinjija u jurina t-terrur tan-Nażisti ġo kamp tal-konċentrament. Narawh lill-protagonista Roberto Benigni jipprova jara x'jivvinta biex lil ibnu ta' ħames snin inessih il-kruha tar-realta', tas-sitwazzjoni kiefra li l-Ġermaniżi qabdu u tefgħuhom fiha.**

Il-ħajja, bis-slaleb u l-kuntrarju kollu li fiha, hija sabiħa u ta' min jgħożżha. Tassew li f'ħakka t'għajn, ħajjitna ġie li tisfa mħabbla u titfagħna għal għarrieda ġo burraxka, kif ġralu Benigni. Xi drabi l-ħajja taf tkun iebsa u kapaċi tisqik l-agħar seqja mrar u tagħtik fuq wiċċek sa minn twelidek, meta bilkemm tkun għadek bexxaqt għajnejk. Issib min jgħaddi minn martirju sħiħ. Nieħdu 'l Ġobb. Spiċċa miskin biex tilef ġidu kollu u ġismu mtela kollu nfafet. Nisimgħuh lil dar-raġel twajjeb u ġust jokrob u jisħet xortih: "Għax ma mittx minn ġuf ommi?" Fid-dinja, issib min jgħidlek, pinta ħelu u bittija morr. Xi ħadd, jidhirli ispirat minn proverbju Franċiż, ħareġ b'din l-osservazzjoni: "Il-ħajja qisha basla, tqaxxarha rita, rita u fl-aħħar ma ssib xejn fiha." Patri A. Cuschieri O.C. jersaq xi ftit lejn dan il-ħsieb negattiv f'din id-daqsxejn ta' strofa :

*Il-ħajja bħal ħolma,*
*il-ħajja bħal fjur,*
*il-ħajja bħal żiffa*
*li tiġi u tmur.*

Ngħid u ntenni, minkejja li sikwit ngħaddu mid-duluri u forsi anki nsibu min jagħmlilna l-bsaten fir-roti, il-ħajja tibqa' sabiħa, tibqa' imprezzabbli. Il-Buddiżmu jgħallem li jum wieħed aqwa mit-teżori kollha tal-univers. Naturalment, biex tgawdiha, anki jekk mhux fil-milja kollha tagħha, trid teħodha b'daqsxejn filosofija u qatt b'serjetà' żejda. **Jaħasra! Ħafna minn ħutna l-bnedmin jitgħallmu kif jaqilgħu l-għajxien tagħhom imma kif jgħixu, jibqgħu ma jitgħallmu qatt.** Issib bosta li, boloh li huma, jinkwetaw bis-sħiħ fuq il-ftietaq, fuq affarijiet assurdi, xi drabi tad-daħk. Xi wħud jitilfu kull gost tal-ħajja; ħlief swidija u monotonija ma jarawx madwarhom; ħlief dwejjaq u nervi fuqhom ma jġorrux, u fl-aħħar jispiċċaw jitilfu l-qaleb bil-ġbejna b'kollox. Mhux għaġeb li l-ħajja għalihom ma tibqax tagħmel sens. Għandu mnejn jgħidulek, kif qal darba Salamun, "Frugħa tal-frugħat u kollox frugħa."



Oħrajn isewdu qalbhom għax joħolmu u jixxennqu għal dak li m'għandhomx u li x'aktarx ma jistax ikollhom. Jekk Alla l-imbierek jipprovdilek ġewlaq lumi, tippretendix li, tagħsar kemm tagħsar minnu, ħa tagħmel xi laringata. Jekk ingħalaqlek bieb, jisbaħ għada u jaf jinfetaħlek ieħor ġdid. Issa, f'ġieħ kemm hemm, ma tridx toqgħod tnewwaħ u tiffissa tħares lejn il-bieb il-magħluq. Tiltaqa' ma' bosta oħrajn li l-ħajja ma jgawduhiex għax donnhom ikollhom manija kif jikkomplikawha u jtaqqluha b'li jagħmlu u b'li jgħidu. Oħrajn jilagħbu man-nar; fosthom hemm min jinqabad fil-morsa tal-vizzju. Biex tkompli tagħqad, hemm oħrajn li jipperikolaw saħansitra ħajjet ħaddieħor. Nisimgħu kważi kuljum bi traġedji fit-toroq tagħna, b'imwiet fuq il-post tax-xogħol ħtija ta' sogru żejjed jew nuqqas ta' ħsieb. Nisimgħu bi kmamar tan-nar itiru u jħallu warajhom tranja ta' niket fost bosta familji. U dan biex ma nsemmux l-inġustizzji, il-gwerer u l-ħruxija li juru dawk li jħaddnu l-kultura tal-mewt.

**Dak li jseħħ madwarek, mhux la kemm tikkontrollah, imma tista', b'daqsxejn ta' sforz u ta' sagrifiċċju, tikkontrolla lilek innifsek. X'attitudni tieħu lejn il-ħajja**



**jiddependi min-nuċċali li tilbes, min-natural li tagħġen ġo fik. Fil-ħajja trid tidra xxammar u teħodha kontra l-kurrent li ssib ma' wiċċek, u xi drabi kontra l-oħrajn li hemm iduru ma' saqajk, u għala le, saħansitra kontra tiegħek innifsek.** Din l-aħħar ġlieda hija l-eqqel waħda. Jekk tirbaħha, baħri int. Niltaqgħu ma' tribujiet f'diversi nħawi tad-dinja li jgħixu fil-miżerja, imma ssibhom kuntenti bil-qatra li għandhom. Imbagħad hemm fostna min nieżla fuqu kaskata ta' ġid kuljum, u tarah, għomru u żmienu, donnu ddisprat. Fil-ktieb li qed naqra bħalissa, *Three Cups of Tea*, kronaka ta' ġrajjiet li jimpressjonawk, laqatni kumment li għamel wieħed re ta' pajjiż fil-Lvant Imbiegħed: **"Il-veru suċċess ta' pajjiż ma tkejlux mill-prodott gross domestiku, imma mill-gross domestiku tal-kuntentizza."** Jien konvint li l-akbar ġid issibu meta tagħraf tikkuntenta ruħek bil-ftit. Nibqgħu fil-Lvant. Meta lid-Dalai Lama staqsewh xinhu l-iskop tal-ħajja, ma semmilhomx karrieri brillanti jew diplomi mill-universita', l-anqas somom ta' flus imġemmgħa f'xi kont il-bank. It-tweġiba kienet sempliċi: " Li tkun kuntent."

Il-ħajja miżgħuda b'affarijiet sempliċi li qegħdin hemm għal min jagħraf igawdihom; biċċiet minnhom la tista' tarahom, l-anqas tmisshom; tista' biss tħosshom ġo qalbek. Imma jekk jien dejjem sejjer bla nifs, forsi m'iniex aħjar mill-ħmar tas-sienja li jdur bla waqfien b'għajnejh mgħammdin, u dawn l-affarijiet sempliċi nispiċċa biex l-anqas biss nagħti kas tagħhom. Iwissi l-poeta Ingliż H.W. Davies :

*What is this life, if full of care,*
*You have no time to stand and stare?*

Il-ħajja ta' min jaf jgħixha, jgħidilna l-qawl. Trid tidra titgħallem tgawdi l-mument ta' issa, tieħu interess ġenwin fil-logħba tal-ħajja u tapprezza dak kollu li toffri d-dinja ċkejkna ta' madwarek: ibda mill-kikkra kafe' jew te li qed tixrob, il-kisra ħobż li qed tiekol, is-sodda nadifa li mteddejt fuqha, il-biċċa mużika li qed tisma', iż-żiffa ħelwa wara mewġa ta' sħana u tidlik, it-tbissima ġenwina li ommok l-għażiża laqgħetek biha, il-ġmiel tan-natura li dejjem sejra toħloq il-ġdid, l-għajjat ferrieħi tat-tfal żgħar huma u ħerġin mill-iskola - (huma u deħlin, l-atmosfera tkun kemxejn kiebja) . Trid tidra tapprezza kull pjaċir ċkejken li tirċievi, tgħożż iktar u iktar il-ħbiberija u l-imħabba li hemm madwarek, ħbiberija u mħabba li biex isaħħnu l-ambjent tiegħek, trid qabel xejn issawwarhom int u toħroġhom mill-ġewwieni ta' qalbek. Jekk imbagħad għandek ġo fik il-paċi tar-ruħ u l-fidi f'Alla, il-ħajja għandha tidher f'għajnejk sabiħa daqs l-isbaħ qawsalla.

**Ma nafx min ma semax b'Helen Keller li mardet meta bilkemm kellha sentejn u sfat għamja u truxa. Din l-Amerikana għarfet tapprezza l-ħajja bil-kbir u tat l-isbaħ eżempju, biex ngħid hekk, lid-dinja. "Ninkedd fuq li ninkedd," qalet Keller darba fost l-oħrajn, "meta niltaqa' ma' nies li għalkemm jaraw, ma jilmħu qatt is-sabiħ ta' madwarhom. Jiena mmiss fjura u 'nara' s-sabiħ tagħha. Dawn iħarsu u jibqgħu għaddejjin, qishom ma raw xejn." Jalla lkoll kemm aħna niddakkru bħal Keller b'dik id-doża ħelwa ta' "*joie de vivre*"!**

HILITE
HARDWARE STORE
*FRANCO - BELGE*
*FIRE PLACES*
*Importers of*
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places
113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

# "Aqalgħu Għajnejkom u itilqu minn Thebes"



**Dr Alfred Grech**

**Fir-rumanz brillanti ta' Milan Kundera, "*The Unbearable Lightness of Being*", Tomas isofri persekuzzjoni kbira mir-reġim komunista li ġie stallat wara l-hekk imsejħa "Rebbiegħa ta' Praga" ta' Alexander Dubcek, fir-rebbiegħa tal-1968. Tomas kien kiteb artiklu dwar l-atroċitajiet u l-ħniżrijiet li kienu saru mill-komunisti fil-kors tal-hekk imsejħa Gwerra Bierda, li seħħet fl-Ewropa Ċentrali, u kważi kważi mad-dinja kollha, u akkuża lill-komunisti kollha li huma qattiela kriminali.**

Il-komunisti li ppropagaw il-gvernijiet dittatorjali ħasbu li kienu skoprew is-soluzzjoni għall-inġustizzji, il-ħażen u l-għeltijiet tad-dinja. Kienu ħasbu li skoprew kif tagħmel ġenna tal-art, għalkemm sabiex jaslu għal dan l-ideal ħtiġilhom iwettqu ħafna atroċitajiet, "likwidazzjoni ta' ħajjiet umani" u tgħidx kemm ħsara kemm fiżika u kemm morali, biex ma nsemmux l-eżilju, id-deportazzjonijiet u t-trattament inuman fost dawk li ma kinux jaqblu magħhom, speċjalment l-intellettwali. Skont Tomas, dawn l-hekk imsejħa idealisti li fil-propagazzjoni tas-sistemi u twettieq tat-twemmin tagħhom wettqu tant ħsara, u għaliex proprju dawn it-talin emmnu f'ġenna li baqgħet ma waslitx, ma kienx jistħoqqilhom għajr it-titolu ta' "qattilin".

Issa, apparti li l-ħsara, bħalma huwa l-qtil tan-nies, gwerra jew użu tal-vjolenza f'isem xi ideal (kien x'kien dan l-ideal jew twemmin) qatt ma hu ġustifikat, l-istess argument japplika mhux biss għal politiċi, iżda wkoll għal kull min irid bilfors jimponi t-twemmin tiegħu, u jġiegħel lil ħaddieħor jibda jemmen bħalu. Minn hawnhekk jinbet u jiffjorixxi l-fundamentaliżmu, u ċioe', inkunu qegħdin inwettqu atti "kriminali" kull meta nużaw forza fiżika jew morali biex inġiegħelu lil ħaddieħor jibda jaħseb bħalna, anke jekk dak li nemmnu fih jinzerta huwa l-uniku





*Oedipus*

twemmin tassew, jew jekk tassew nemmnu li nistgħu naslu biex inġibu l-ġenna f'din l-art.

Imbagħad ikompli jingħad f'dan ir-rumanz, li wara li nkixef il-qerq, kulħadd beda jakkuża lill-komunisti talli dawk kienu responsabbli għall-isfortuna u d-deżolazzjoni li arthom (iċ-Ċekoslovakkja) kienet waqgħet fiha. Fl-aħħar mill-aħħar kienet ukoll waqgħet f'idejn ir-Russi. Skont Tomas, dan kien omiċidju ġudizzjarju! Imma l-akkużati bdew jirrispondu u jgħidu: "Imma aħna fejn konna nafu! Qarrqu bina! Aħna emminna tassew! Fil-qiegħ ta' qlubna, aħna innoċenti!".

Iżda l-eroj tar-rumanz kien tal-fehma li filwaqt li seta' kien hemm "xi" komunisti li kienu jafu tassew x'kien qiegħed jiġri, il-maġġoranza tagħhom ma kinux. Iżda huwa xorta beda jirraġuna, li kienu jew ma kinux jafu, kienu xorta waħda responsabbli. Il-kwistjoni kollha kienet jekk il-fatt li ma tafx u tħalli jiġri dak kollu, għandekx tħossok responsabbli! Jistaqsi Tomas: Allura jekk fuq it-tron għandek iblah, allura dan għandu jiġi skaġunat għaliex inzerta iblah? U hawnhekk ifakkar il-ġrajja ta' Oedipus. **Oedipus huwa karattru fil-mitoloġija Griega li mingħajr ma kien jaf beda jħobb u jżżewweġ lil ommu. Oedipus ma kienx jaf li qed jorqod ma' ommu. Imma meta sar jaf x'kien ġara, ma ħassu xejn innoċenti għax ma kienx jaf li qed jorqod m'ommu. U tant iddispjaċih, u tant ma setax jibqa' aktar iħares lejn dak li kien ġara, li fil-fatt qala' għajnejh, biex ma jarax aktar il-ħerba li kien ġab b'idejh. Qala' għajnejh biex ma jkunx xhud ta' dak li kien għamel "għax ma kienx jaf". Qala' għajnejh u mar fl-eżilju, il-bogħod mill-belt ta' Thebes fejn kien jirrenja, u beda jterraq mingħajr ma jaf fejn sejjer.**

Tomas jagħmel akkuża lil dawk il-komunisti "li ma kienux jafu": Kif tistgħu intom tibqgħu hawn tħarsu u taraw

il-ħerba li ġibtu intom stess bl-iskuża li ma kontux tafu? M'għandkomx għajnejn biex taraw? Li kellkom għajnejn tassew, misskom tagħmlu bħal Oedipus, taqalgħuhom u tmorru tiġġerrew għal għonq it-triq il-bogħod mill-belt ta' Thebes!

Din hija akkuża qawwija, u m'għandhiex tkun indirizzata biss lejn il-komunisti tal-Ewropa Ċentrali, jew ta' x'imkien ieħor, kien fejn kien. Hija akkuża li għandha ssir ukoll kull meta nisimgħu b'xi skandlu nazzjonali, u ma noqgħodux nistrieħu biss fuq l-hekk imsejħa responsabbilta' politika. U ma noqgħodux ninħbew wara l-frilli tal-legalità speċjalment il-liġi kriminali. Min hu responsabbli ma joħroġx itenni; " jien ma kontx naf", "lili ħadd ma qalli", imbagħad noħolqu xi kummissjoni jew xi Bord ta' Inkjesta biex jinħlew kemm żmien u flus infittxu l-għanqbuta li ma tinstabx jew ma naslu għal ebda konklużjoni konkreta. Inkella xi investigazzjoni li timmira lejn il-ħuta ż-żgħira, biex il-kbira qatt ma tinqabad. **Min kien il-kmand jew kmandi li taħthom saru l-iskandli ma għandhom qatt jaħarbu r-responsabbiltà billi jgħidu "aħna ma konniex nafu".**

Dawn it-talin huma ħatja proprju għaliex ma kinux jafu li ġraw dawn il-ħniżrijiet u dawn l-iskandli, għax li kieku kienu jafu, ma kinux iseħħu, darba li kienu huma fid-dover li ma jippermettux li jiġru. U darba li seħħew dawn l-iskandli huma ħatja daqskemm kienu wettquhom huma personalment, anzi l-ħtija tagħhom hija ikbar għaliex baqgħu reqdin u "ma kinux jafu" x'kien għaddej minn taħt imneħirhom.



**U din l-akkuża rrid nagħmilha jiena wkoll lili nnifsi, għax faċli naqa' fl-iżball li niskuża lili nnifsi billi nistqarr li ma kontx naf. Skuża bħal din m'għandhiex tagħtini s-sabar. Jibqa' dejjem il-fatt u għandi dejjem ngħid lili nnifsi: Imissni kont naf.**







# 'Ġrew Bina?'

## *Riflessjonijiet dwar il-Festi fil-Gżejjer tagħna*



**Fr Charles Buttigieg**

### Il-Kappillani fil-Festi

Il-festi huma parti mill-fidi, mill-kultura u mit-tradizzjoni tagħna. Tieħu pjaċir tara dik it-tbissima fuq wiċċ l-Arċipriet jew il-Kappillan wara li tkun għaddiet il-Festa tal-parroċċa tiegħu b'wiċċ il-ġid, wara li jkunu impenjaw xhur sħaħ ta' laqgħat ma' diversi kumitati, attivitajiet ta' *fundraising*, deċiżjonijiet u enerġija fiżika u pastorali fejn l-organizzazzjoni tal-festa tkun marret tajjeb u ħadd ma korra jew iġġieled. Qishom dik l-omm li tkun għadha kif welldet tarbija! Dan speċjalment fejn l-organizzazzjoni tal-festa tal-parroċċa hija mija fil-mija taħt it-tmexxija tal-kappillan, kemm il-festi ta' ġewwa u kemm il-festi ta' barra. U għalhekk inkomplu nitolbu għar-rgħajja spiritwali tal-parroċċi tagħna. Kemm kappillani sfaw vittmi ta' dawn il-festi, għejjew, mardu, fejn saħansitra kaġun tal-istress pastorali mietu qabel iż-żmien. Dan l-'istress pastorali' tal-festi fuq il-kappillan żgur li huwa mnaqqas biċċa sewwa jekk ma jkunx hu li jorganizza l-festi esterni għax jieħdu ħsiebhom entitajiet oħra. Però liema sitwazzjoni hi l-ideal? Kull sitwazzjoni donnu għandha l-vantaġġi u l-iżvantaġġi tagħha u għaldaqstant ser nagħmel dawn iż-żewġ riflessjonijiet. Assolutament miniex qed nikkritika lil xi ħadd partikulari imma sempliċiment qed nagħmel l-osservazzjonijiet tiegħi. Allaħares jinqatgħu l-Festi!



### Festa Organizzata mill-Kappillan

F'diversi rħula speċjalment dawk żgħar, il-festa taqa' bil-piż kollu tal-parroċċa, kollha kemm hi fuq il-kappillan. Hu waħdu irid jistinka biex flimkien mal-kumitati parrokkjali tiegħu jiġbor għall-ispejjeż tal-festa. Huwa stmat li biex tagħmel festa moderata u mhux eżaġerata speċjalment fin-nar, il-parroċċa tonfoq madwar 50,000 jew 60,000 ewro. Biss biss għandek mal-5000 ewro għall-*insurances* tan-nar, *insurance* tal-armar, *fire-engine*, permessi tal-pulizija, permessi għan-nar, għall-baned, għat-tiżjin, għat-toroq, għall-attivitajiet ta' *fundraising* speċjalment fejn tidħol it-tombla u applikazzjonijiet tal-meters tad-dawl, u dan meta ma tkunx għadek sparajt murtal wieħed, tellajt bandalora jew xgħelt bozza tal-festa! U għalhekk ikun ġust mal-parroċċa li trid torganizza dawn il-festi, li huma ta' attrazzjoni għat-turisti fil-gżejjer tagħna u mument ta' kummerċ, divertiment u xorb, li tkun mgħejjuna mill-awtoritajiet kompetenti sabiex almenu tħallas dawn l-ispejjeż inizzjali tal-permessi li jimponu l-istess awtoritajiet. Mhux talli ma jsibux din l-għajnuna jew sussidju finanzjarju l-parroċċi, imma jiskopru ftit qabel il-festa lil min ikun qiegħed jirreklamalhom il-festa tar-raħal għall-gwadann tiegħu personali. Din mhix ġustizzja mal-parroċċa li trid torganizza l-festa hi. Il-parroċċa tagħmel is-sena kollha tistinka u tingħasar sabiex tiġbor għall-festa u dan flimkien mal-ġbir tal-Ħdud fil-knejjes għal diversi opri ta' karità' ħafna drabi 'l barra mill-parroċċa. Aħna magħrufin għall-ġenerożità u l-karità ma' min hu batut għandha tiġi l-ewwel u qabel kollox. Tieħu pjaċir tara n-nies tattendi għall-funzjonijiet tal-Festa fil-knisja, qrar u atti ta' karità, imma hemm faxxa oħra li l-festa għalihom tfisser flus, kummerċ, divertiment u alkoħol. Dan il-fatt joħroġ ċar meta għar-raġunijiet validi jitnaqqsu l-ispettakli tan-nar jew xi marċijiet jew fejn il-festa tar-raħal ma tkunx tista' issir, u hawnhekk jibda attakk aħrax fuq il-knisja għaliex bħallikieku tort tagħha li ser tnaqqas mill-but ta' xi ħadd! Hemm min qed jagħmel kapital kbir minn fuq il festi tar-raħal. L-isqfijiet tagħna jistinkaw ħafna biex il-festi fil-kattoliċiżmu Malti jkunu festi reliġjużi, imma qegħdin naslu aħna għal dan il-għan? Jekk il-parroċċi mhumiex ser ikunu mifhuma u mgħejjuna, jista' jkun għad naslu li l-festi suppost reliġjużi tal-qaddisin tagħna ma jibqgħux jiġu organizzati minnhom għaliex ma jifilħux għall-piż finanzjarju mitlub minnhom.

### Festa organizzata mill-Każini u mill-Kmamar tan-Nar

Dan il-mudell li huwa mxerred sewwa għandu l-vantaġġi tiegħu. L-ewwelnett għaliex il-kappillan ma għandux il-





piż finanzjarju fuqu. M'hemmx ħela ta' enerġija żejda u l-kappillan jista' jinvesti l-effiċjenza pastorali tiegħu f'dik li hi tassew pastorali. Bħala spejjeż il-kappillan ikollu biss dawk għal-liturġija tal-festa. Il-piż finanzjarju tal-baned u tan-nar mhuwiex fuq il-parroċċa. U għaldaqstant ta' min jistaqsi jekk f'dan il-każ, hijiex il-knisja li qed torganizza l-festi. Dan il-mudell jeħtieġ imbagħad iktar koordinament bejn il-każini u l-kmamar tan-nar u l-parroċċa għaliex inkella tispiċċa f'xi marċ brijuż jew xi kaxxa infernali waqt il-Pontifikal! F'din is-sitwazzjoni forsi l-kappillan ftit ikollu kontroll tal-festi esterni li ħafna drabi jistgħu jieħdu sura pagana u ta' kummerċ kif semmejt qabel. Naħseb ukoll li hawnhekk jista' jkun hemm lok ta' xi eżaġerazzjonijiet bħal per eżempju l-għaxriet ta' eluf li jintefqu fis-spettakli tan-nar, meta bħala Kristjani nafu li waqt dawn l-eluf ta' ewros kull sekonda jinħarqu fis-sema, hemm tfal u bnedmin li kull sekonda imutu bil-ġuħ fuq l-art! Il-*fundraising* isir iktar komplikat fejn għandek diversi għaqdiet li forsi jorganizzaw attivitajiet fl-istess ħin u għalhekk iktar lok ta' kompetizzjoni biex ma nużax il-kelma 'pika'. Iżda l-mistoqsija fundamentali hi: qiegħed jintilef dak li huwa nisrani fil-festi tagħna u minflok jingħata lok għall-mibegħda, għira, pika, ġlied, tipjip, xorb, alkoħol, *binge drinking*, mużika qawwija u anke abbużi morali u nuqqas ta' diċenza fil-kliem u fl-ilbies? Jekk tabilħaqq qed jintilef is-sens Nisrani fil-festi tagħna, hemm mela bżonn restawrazzjoni minn ġewwa, mill-qalb, minn dik tal-ġebel għal dik tal-laħam, għal qalb nisranija u mimlija b'Alla (ara Ġeremija 31:31).

## Ġrew Bina!

Hu x'inhu, il-festi tal-qaddisin tagħna jistgħu qegħdin jitbegħdu mill-aspett reliġjuż tagħhom. L-attendenza tal-quddies naqset. Kumment xokkanti li smajt fuq il-medja xi snin ilu, meta żagħżugħ irrakkonta li beda jieħu d-droga fil-festa tar-raħal. Hemm min qal, imma ma nafx jekk hux veru, li d-diskos u ċerti 'parties' bdew bl-iskuża tal-festi. Dan mhux ta' ġieħ għalina! Forsi ħejjejna aħna stess dan it-tapit ta' divertiment bla rażan, pagan u ereżiji fil-festi tagħna? Huwa meħtieġ għalhekk li l-awtoritajiet, minbarra li forsi jinqdew bil-festi reliġjużi biex jagħmlu r-riklamar għall-pajjiżna, għandhom jieħdu ħsieb ukoll li jkun hemm kontroll ta' etika ta' divertiment fil-festi tagħna. M'iniex ngħid li mhu qiegħed isir xejn, għaliex il-liġijiet hemm qegħdin, imma dejjem jista' jsir aktar. Naħseb u nagħlaq billi ngħid forsi, u din hija opinjoni tiegħi marbuta mal-festi mill-knisja, u mal-istatwi tal-qaddisin li 'nġorru' bihom fuq spallejna; il-patruni tagħna jieħdu iktar pjaċir bina fis-sema jekk ngħixu l-festi bħala mument ta' grazzja spiritwali, għax wisq nibża' li minn hemm fuq qegħdin jgħidulna: "Qegħdin jinqdew bikom!" "Ġrew bikom!".

A Whole New Look
**Sharmain's Styling Salon**
Our Lady of Victory
Crt/1
Triq ta' Kassia
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop. Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
*Appointments for*
*EYE TESTING / EXAMINATION*
*by the Latest Computer Technology*
*and Eye Specialists*
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

# Dun Mikiel Attard

## *Konfessur u Direttur Spiritwali*



Angelo Xuereb

**Dun Mikiel jibqa' magħruf l-aktar bħala direttur spiritwali u anki konfessur ta' bosta persuni: saċerdoti, reliġjużi u lajċi.**

Sa minn meta kien għadu seminarista wera d-dispożizzjoni li jgħin lil ħaddieħor. Mons. Rużar Borg, li kien seminarista ma' Dun Mikiel, jiftakru jgħid: "I am the beast of burden" jiġifieri li jġorr il-piż tal-oħrajn. Ikompli jgħidilna li Mons. Klement Buttigieg, li kien ministru tad-dixxiplina, kien isejjaħlu bħala 'Mikieli tal-pariri.'

**Wara li sar qassis Dun Mikiel immatura f'din it-triq. L-esperjenzi ta' mard li għadda minnhom għamluh aktar sensibbli għall-bżonnijiet tal-oħrajn. Billi kien disponibbli għall-oħrajn u kellu ċerta kapaċità li jifhem lill-oħrajn beda jiġi mfittex biex jagħti direzzjoni spiritwali.**



**Tant kien imfittex biex jagħti direzzjoni spiritwali li kien iżomm djarju u jniżżel id-data u l-ħin. Kien jagħmel appuntament u kien iżommu ħafna. Id-direzzjoni tiegħu ma kinitx limitata għal dawk li kienu f'Malta u Għawdex iżda kien jagħti direzzjoni anke permezz tal-korrispondenza.** Din it-tip ta' direzzjoni kien jagħtiha ħafna importanza tant li darba qal pubblikament li filgħodu jkollu aptit jaqra l-ġurnali iżda kien jagħmel sagrifiċċju u jagħmel ix-xogħol tiegħu jiġifieri li jirrispondi l-ittri. Tant kien dedikat għal dan ix-xogħol li darba lill-grupp ta' seminaristi li kienu sejrin jagħmlu s-sena intermedjarja qalilhom pubblikament li jekk iħossu l-bżonn li jiktbulu darba fil-ġimgħa huwa kien lest li jirrispondihom.

Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi għaraf il-kwalitajiet sbieħ ta' Dun Mikiel Attrard u l-ewwel ħatru direttur spiritwali tas-Seminarju Minuri u mbagħad tas-Seminarju Maġġuri. Sabiex iwettaq din il-missjoni kien joqgħod anki sa tard bil-lejl jisma' u jagħti pariri lis-seminaristi. Mons. Isqof Nikol Ġ.Cauchi fil-Ktieb tiegħu *Dun Mikiel Attard* - Ħjiel fil-qosor dwar ħajtu jgħidilna: "Fid-direzzjoni spiritwali li kien jagħti, kif jistqarru xi saċerdoti li meta kienu seminaristi kienu jitolbuh jiddiriġihom, Dun Mikiel wera żelu, prudenza, sabar u spirtu ta' sagrifiċċju liema bħalhom. Huwa kien jasal biex inissel paċi fil-kuxjenza tagħhom bil-kelma għaqlija u mdawla tiegħu. Fuq kollox, huwa kien jinsisti fuq l-imħabba ta' Kristu lejhom, u rnexxielu jżomm dejjem ħajja fihom il-fiduċja fil-ħniena u fl-għajnuna divina" (p.25).

Mhux hekk biss. Matul il-ħin li kien idum is-Seminarju kienu jiġu qassisin, sorijiet u anki lajċi jkellmuh. Għalkemm kien ikun impenjat bid-direzzjoni spiritwali mas-seminaristi, kien isib ħin biex jismagħhom u jkellimhom ukoll.

**Matul il-ħajja saċerdotali tiegħu kienu x'kienu l-kariġi li kien jokkupa huwa qatt ma ħalla d-direzzjoni spiritwali. Huwa kien jeżerċitaha f'diversi postijiet: fil-knejjes, fis-Seminarju kif għedna, fid-djar tal-Museum u saħansitra fid-dar tal-familja tiegħu fejn in-nies kienu jfittxuh sa tard bil-lejl.**

Forsi wieħed jistaqsi f'hiex kienet tikkonsisti d-direzzjoni ta' Dun Mikiel? In-nies kienet tirrikorri għandu għal diversi raġunijiet. Kien hemm min kellu problemi ta' kuxjenza u f'Dun Mikiel kien isib dawl; kien hemm min ried jiftaħ qalbu miegħu fin-niket li kien ikun għaddej minnu. Kien hemm min jirrikorri għandu biex iqerr filwaqt li jisma' xi kelma ta' faraġ.

Dun Mikiel kien joqgħod attent ħafna għal dak li kont tgħidlu u kien jibqa' jiftakar minn darba għall-oħra. Fid-direzzjoni tiegħu kien juri ħlewwa kbira li turi l-intimità li kellu ma' Alla, jifhem lill-persuna li għandu quddiemu iżda fl-istess ħin kien sod. Mhux l-ewwel darba li quddiem xi deċiżjoni importanti li l-persuna kellha tieħu, kien jerfa' r-responsabbiltà hu u jgħidilha: "Agħmel hekk u nerfa' r-responsabbiltà tiegħek jien quddiem Alla." B'dan il-mod kien jagħti sigurtà lill-persuna li kienet titlob il-parir tiegħu. Fid-direzzjoni spiritwali kien juri ħafna mogħdrija u mħabba anke lejn min ikun ġab xi problema b'idejh. Lil kull min kien ikollu quddiemu kien jagħtih l-akbar rispett.



**Ta' min iżomm f'moħħu li Dun Mikiel kien ħafna eżiġenti miegħu nnifsu (tant li kien jagħmel ħafna sagrifiċċji żgħar, per eżempju billi jiċċaħħad minn xi ħaġa li togħġbu, bħal xi frotta, eċċ.) iżda fil-qrar qatt ma kien iebes. Kien juri l-ħniena ta' Alla li dejjem lest li jaħfer. Għalhekk ħafna kienu jfittxuh għax fih kienu jaraw il-persuna li setgħet tifhimhom u tirrispettahom.**

Id-direzzjoni ta' Dun Mikiel kienet indirizzata lejn il-persuna sħiħa. Min kien imur ikellmu mhux bil-fors kien iqerr għandu. Kien hemm min imur biex jiftaħ qalbu. Dun Mikiel lanqas kien jillimita ruħu għall-affarijiet spiritwali biss u jekk seta' jgħin b'xi pariri oħra kien jagħmel dan minn qalbu, kif jista', bħalma kien jagħmel per eżempju mal-emigranti jew maż-żgħażagħ li kienu jkunu qed ifittxu xi xogħol, eċċ.

Fost il-persuni li kienu jmorru għandu ġieli kien ikun hemm persuni diffiċli, oħrajn li kienu jkunu forsi ftit sempliċi u għalhekk kienu jfittxuh ta' spiss mingħajr veru bżonn, iżda hu qatt ma kien jirrifjutahom jew jaħrabhom imma kien jilqagħhom u juri magħhom paċenzja kbira. B'dan il-mod hu nnifsu kien jitħarreġ fil-virtù tas-sabar. Għall-qrar u d-direzzjoni spiritwali dejjem wera disponibbiltà kbira u kien isib il-ħin għal kull min jitlob l-għajnuna tiegħu.

Fid-direzzjoni spiritwali Dun Mikiel ma kienx jonqos li jipprova jdaħħal lil dak li jkun fil-preżenza ta' Alla. U kien isaħħaħ kliemu permezz ta' xi ħarsa lejn il-Kurċifiss li kien iħobb iżomm quddiemu fuq l-iskrivanija, u xi frażijiet minn dak li kien iħobb jirrepeti, bħal: "It is costly either way", jiġifieri kull kif trid tbati, sew jekk tagħmel it-tajjeb u sew jekk tagħmel il-ħażin. Jew inkella: "Our disappointments are His appointments", jiġifieri d-diżappunti li nġarrbu fil-ħajja huma l-appuntamenti ta' Alla.

**Ħafna persuni, fosthom saċerdoti u reliġjużi, jistqarru li wara l-mewt ta' Dun Mikiel qatt ma rnexxielhom jerġgħu jsibu konfessur jew direttur spiritwali ieħor bħalu. Dan jixhed il-kariżma speċjali li biha Alla għoġbu jżejjen lil dan il-Qaddej umli tiegħu.**



**Din is-serje ta' artikli qed tiġi ppubblikata mill-Postulazzjoni għall-Kawża tal-Beatifikazzjoni u l-Kanonizzazzjoni tal-Qaddej ta' Alla Dun Mikiel Attard bil-għan li dan il-Qaddej ta' Alla jsir aktar magħruf fost il-poplu ta' Alla.**

*Minn Hollywood għall-Klawsura*

# Dolores Hart

*Filmstar ta' Hollywood 1950 – 1960*

*riflessjonijiet miġbura mill-*
**Arċipriet C. Mercieca**

## 1 L-EWWEL INTERVISTA

**Kif ħallejt lil Hollywood biex dħalt fil-klawsura?**

*Dolores Hart* : Kont qed naħdem fil-"Play", "*The Pleasure of his Company*" għal disa' xhur sħaħ fi Broadway. *I was very very weary.* Kont għajjiena, Tassew għajjiena. Ħabib tiegħi ssuġġerieli li mmur nistrieħ fil-Kunvent tal-Benedittini ġewwa Connecticut. Dħalt għall-ewwel darba f'kunvent u mill-ewwel staqsejt : *"This is what God wanted from me",* dan hu li Alla jrid minni.

**Mela x'sibt fil-Kunvent?**

*Dolores Hart*: Sibt li oppost għall-ħajja li kont ngħix f'Hollywood, il-kunvent kien qed joffrili

- post stabbli fost dinja mqallba
- post seren, *a still centre,* f'nofs dinja mħawda
- post li jagħti sens lil ħajti f'dinja bla sens u bla skop.

## 2 IL-ĠMIEL TA' ALLA

**Imma x'kien li għamlek ħienja u kuntenta, hemm ġew?**

*Dolores Hart* : *To be with someone I love.* Inħossni kuntenta għaliex qiegħda ma' dak li qalbi tħobb, jiġifieri ma' Alla.

## 3 GOD IS BIGGER THAN ELVIS

**Inti ħdimt mal-aqwa kantant, ma' Elvis. X'kien jonqsok?**

*Dolores Hart* wieġbet li flimkien mad-direttriċi tal-films Rebecca Cammisa hi pproduċiet dokumentarju bl-isem "God is Bigger than Elvis" li kien ġie nnominat għall-Oskar.



- jiena kont nadura lil Hollywood…
- jiena tlaqt minn Hollywood imqanqla minn xi ħaġa misterjuża li tissejjaħ vokazzjoni
- din is-sejħa tiġi minn Alla. Din hija sejħa għall-imħabba. *I saw the loveliness of the Lord in my life at the Convent.*

## 4 SIGĦAT TAL-ĠENNA

Ngħaddu sigħat twal nitolbu. Anki fis-sagħtejn ta' bil-lejl. Dawn huma sigħat tal-Ġenna.

## 5 IT-TIENI INTERVISTA MA' MADRE DOLORES HART – 50 SENA SORU TAL-KLAWSURA (1963 – 2013)

Dolores Hart għamlet 50 sena soru. Għadha kemm ħarġet l-awtobijografija tagħha: ***"The Ear of the Heart: An Actress Journey from Hollywood to Holy Vows"***, (Ignatius Press)

**X'inhi t-tifsira tat-titlu ta' dan il-ktieb?**

*Il-Madre Dolores :* San Benedittu jgħid li l-leħen ta' Ġesù rridu nisimgħuh mhux biss bil-widna tal-laħam; iżda bil-widna tal-qalb. U għalhekk jien irnexxieli nagħmel din il-qabża: minn Hollywood nasal biex nipprofessa, nidħol soru u nagħmel il-voti.






**Ħamsin sena ilu meta sħabek ta' Hollywood semgħu minn għandek li ser tħalli l-industrija tal-films biex tidħol soru, żgur li baqgħu skantati, mhux hekk?**

*Madre Dolores:* Kienu xxukkjati u rrabjati… Il-maniġer Mal Walls ma setax jemmen il-pass li kont ser nagħmel…

**Il-filmstars ta' Hollywood żammew kuntatt miegħek? Ġie li talbuk titlob għalihom?**

*Madre Dolores:* Spiss ħafna artisti jikkuntattjawni u jgħiduli: "itlob għalina". Jafu li t-talb huwa riżorsa importanti. L-appell tagħhom biex nitlob għalihom huwa att ta' fidi. Jafu li t-talb jinstama'. Meta nitolbu lil Alla, Alla jismagħna u jweġibna. U jagħtina dak li neħtieġu.

**Meta kont għadek filmstar, kont ħdimt il-parti ta' Santa Chiara fil-film St Francis of Assisi. Dan il-film ħalla impatt fuqek?**

*Madre Dolores:* U żgur li kellu impatt fuqi. Biss biss il-fatt li għaddejt erba' jew ħames xhur ġo Assisi sabiex niffilmjaw, diġà kienet esperjenza kbira għalija. Jien kelli l-privileġġ li nżur u nara l-ġisem ta' Santa Chiara. Hemm ħassejt l-ewwel sejħa. U bdejt naħseb : "Jien imissni nsir soru."

**Tassew li inti tħobb ħafna lil Santa Teresina?**

*Madre Dolores :* Iva. Nemmen li l-fidi tagħha kienet straordinarja. Issa naf, għaliex il-Knisja għamlitha "Duttur tal-Knisja". Bir-raġun għax hi kienet soda fil-fidi tagħha b'konvinzjoni assoluta.

**Smajna li l-vokazzjonijiet żdiedu fil-monasteru tagħkom ta' kontemplattivi. Daħlu tliet sorijiet ġodda din is-sena u tnejn oħra dalwaqt se jidħlu. Taħseb li int kellek sehem biex ġbidt vokazzjonijiet lejn il-monasteru tagħkom?**

*Madre Dolores :* Iva tqanqlu xi vokazzjonijiet; iżda ma kontx jien li ġbidthom. Kien il-Mulej. Naħseb biss li jien urejthom li la darba għamilt dan il-pass jien, jistgħu jagħmluh huma wkoll.

**Fil-ġnien tal-monasteru int waqqaft teatru miftuħ u hemm tippreżentaw drammi. Int fil-ktieb tiegħek għedt li t-teatru jlaqqa' flimkien il-vokazzjoni ta' attur u ta' soru tal-klawsura. Kif isir dan?**

*Madre Dolores :* Fil-monasteri antiki fil-Matutin – it-talb li jsir fil-qalba tal-lejl – kien hemm tradizzjoni Benedittina li fis-2.30a.m. issir *play* qasira b'tifsira tal-Vanġelu. Għaldaqstant, permezz ta' dan it-teatru matul is-sajf aħna nippreżentaw *plays* li fihom messaġġ. It-teatru hu ħaj ħafna fostna.

*(mill-ġurnal Amerikan"National Catholic Register", 9 ta' Mejju 2013)*

"X'NEMMEN?"

**Ktieb famuż mad-dinja kollha tal-Professur Tadeusz Dajczer tradott għall-Malti.**




*Jekk ma tħobbx taqra, f'din is-Sena tal-Fidi almenu aqra dan il-ktieb biex tifhem sew x'inhi l-fidi... u tgħixha aħjar!*

250 paġna. €7

LUMEN CHRISTI PUBLICATIONS

## *In-Natura f'Għawdex matul is-sena:*

# Ottubru

*(Dan huwa l-għaxar u l-aħħar artiklu minn sensiela b'tagħrif dwar xi speċi ta' flora u fawna li jiffurmaw parti mill-bijodiversità ta' Għawdex, u li wieħed jista' jara fix-xhur ta' matul is-sena. Din is-sensiela bdiet f'Novembru tas-sena l-oħra)*



*kitba u ritratti ta'*
**Joe Sultana**

Fix-xahar li għadda (Settembru), kif kien mistenni, bdiet l-għarixa. Għamlu wkoll xi maltempati u kellna ftit tax-xita. Meta ma tagħmilx xita f'Settembru, il-kampanja tibqa' għarida u tkun bil-għatx għall-ħalbiet tax-xita ta' Ottubru biex tiżżejjen bil-ħdura. Ottubru ġeneralment iġib miegħu taqlib tal-arja u wieħed jistenna x-xita li tkun tant mixtieqa u bżonnjuża. U wara x-xita l-kampanja tieħu r-ruħ, tiffriska, il-flora tistejqer u l-fawna tibda tagħti iżjed fl-għajn. Ottubru jġib bidla fil-ħbula tar-raba', fil-widien u fl-għoljiet karratteristiċi ta' Għawdex u jagħti bidu ta' ċiklu ieħor tan-natura.

Iż-żerriegħa, il-basal u t-tuberi tal-flora li jkunu rieqda fil-ħamrija, kemm dik ta' qalb il-blat tax-xagħri, kif ukoll dik tal-widien u tar-raba' bagħli, jidew jieħdu l-ħajja minnufih. Jibda ħiereġ in-nibbiet fil-kampanja kollha, ta' mijiet ta' speċi differenti tal-flora, li fix-xhur ta' wara jissarraf fi pjanti u arbuxelli. Wara ftit ġimgħat numru ta' speċi ta' pjanti jibdew iwarrdu u l-kampanja sajfija tinbidel f'waħda xitwija fi ħdura u f'kuluri liema bħalhom.

Din is-sena x-xagħri f'Għawdex għall-aħħar tas-sajf kellu dehra kemxejn differenti. Il-kwantità kbira tas-swat twal, vjola, miksijin bi fjuri rqaq bojod tal-**Għansar**, waħda mill-ftit pjanti li jwarrdu fl-eqqel tas-sajf, offrew dehra ta' ġmiel lix-xagħri li kien ilu mal-ħames xhur jinkalja fix-xemx. Issa f'Ottubru il-fjuri qegħdin jinxfu ġmielhom u z-zkuk bdew jitmejlu bit-toqol taż-żerriegħa, qishom boċċi żgħar ħodor li jiksu l-biċċa l-kbira tas-sawt. X'uħud mis-siġar il-frott isajruh fil-bidu tal-ħarifa. Hekk tagħmel is-**Siġra taż-Żebbuġ**. Anke l-frott tas-siġra taż-**Żagħrun** (jew kif nafuha tal-**Anżalor**) f'Ottubru jibda jiħmar ġmielu u jagħti dehra sabiħa. Sfortunatament dan l-arbuxell illum huwa skars ħafna u ma tantx tara minnu.

F'Ottubru dawk is-siġar deċidwi, jiġifieri dawk li jwaqqgħu l-weraq kollu u jorqdu fix-xitwa, jibdew jibdlu d-dehra tagħhom, għax il-weraq aħdar jibda jisfar jew jiħmar, qabel jaqa'. Mhux hekk is-siġar li jibqgħu jħaddru s-sena kollha bħas-**Siġra taż-Żnuber**, is-**Siġra taż-Żebbuġ**, is-**Siġra tal-Ħarrub** u oħrajn. Wara l-ewwel ħalba xita , jitnaddfu mit-trab u l-ħamrija, il-ħdura tal-weraq tiċċara, u jkomplu jsebbħu l-kampanja Għawdxija.

Il-passa tal-għasafar tal-ħarifa li tkun bdiet anke minn Awwissu, u tiżdied f'Settembru tkompli f'Ottubru, b'**Tajr tal-Priża**, **Qerd in-Naħal**, **Ħuttaf** u **Ħawwief**, **Bekkafiki**, **Żanżarelli** u mitt speċi oħra. Barra minn dawn, f'Ottubru jibdew jaslu l-għasafar tax-Xitwa, dawk li jinżlu biss sa l-Afrika ta' Fuq u ma jaqsmux id-deżert, u jqattgħu x-xhur



*L-Għansar (xellug - f'Settembru bil-fjuri, lemin - f'Ottubru biż-żerriegħa).*



*Żunżan taz-Zokk, wieħed minn ħafna insetti li naraw fil-kampanja*



*Qatgħa Kwakk fil-passa*



*Il-Bajtar tax-Xewk li jkun għadu ma waqgħax f'Ottubru jieklu minnu diversi għasafar bħall-Isturnell*

tax-xitwa fil-pajjiżi tal-Mediterran. Fost dawn insibu l-**Malvizz**, il-**Malvizzun**, il-**Pitirross**, Il-**Pespus tal-Ġarġir**, iz-**Zakak Abjad**, iz-**Zakak tad-Dell**, il-**Buċaqq**, l-**Għasafar tal-Għana** u ħafna oħrajn, li jagħtu ħajja isbaħ lill-kampanja li tkun bdiet tħaddar u twarrad.

Ħafna mill-insetti, friefet, naħal u żunżan, buqarn, ħanfus, nemel u mijiet ta' speċi oħra, jibdew inaqqsu mill-ħidma tagħhom, għalkemm jibqgħu joħorġu speċjalmet jekk it-temp jibqa' xi ftit moderat. Anke d-dehra tar-rettili tibda tonqos għalkemm kollha jfittxu x-xemx f'dawk il-ġranet sbieħ li jkollna anke fix-xhur xitwija. F'Ottubru Il-**Gremxula** xorta tibqa' toħroġ tilgħaq ix-xemx. Il-frieħ tas-sena, dawk li jfaqqsu ġeneralment f'Awwissu, u li meta konna tfal konna ngħidulhom Ta' Santa Marija, f'dan ix-xahar ikunu kibru ġmielhom, għalkemm ma jkunux għadhom kibru daqs il-kbar.

Dik hi n-natura; il-ħlejjaq kollha tal-flora u l-fawna, li flimkien joħolqu l-ambjent naturali, parti importanti fil-kampanja t'Għawdex. Kollha! Kull speċi; kemm jekk tkun imdaqqsa kif ukoll jekk tkun żgħira; kemm jekk tkun attraenti jew xort'oħra. Kollha għandhom xi sehem, kbir jew żgħir, fiċ-ċiklu tan-natura. Kollha għandhom sehem importanti fil-ħajja naturali. U jekk aħna ma napprezzawx il-ħajja naturali, qatt ma nkunu nistgħu nifhmu sew u napprezzaw il-ħajja tagħna.



*Il-frott taż-Żagħrun (Anżalor) jiħmar f'Ottubru*



*Il-frieħ tas-sena f'Ottubru tal-Gremxula jkunu għadhom ma kibrux daqs ix-xjuħ.*

Imperial Eagle

DAILY (from Monday to Friday)
Transport of goods between
Gozo & Malta and Malta & Gozo.

Gozo Truck Transport

Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**



# IS-SNAJJA' QODMA F'GĦAWDEX

*(It-63 Parti )*

## *IX-XOGĦOL TAL-POSTA F'GĦAWDEX FL-EWWEL ŻMINIJIET (7)*



**Anton F. Attard**

*(Jissokta mal-ħarġa tal-qabel)*

### Għeluq

U b'din il-korrispondenza nagħlqu dan it-tagħrif tagħna dwar is-Servizzi Postali f'Għawdex fl-aħħar fis-seklu 19 u fil-bidu tas-seklu 20. Ma jfissirx li ma baqax tagħrif, għalkemm skars ħafna, u għalhekk tkun ħaġa tajba li kull min ikollu xi tagħrif dwar dan is-suġġett jippubblikah.

### ADDENDUM I

Dan li ġej huwa tagħrif dwar il-pustier Għawdxi Anton Grech li ħadem ta' pustier fl-ewwel nofs tas-seklu għoxrin, miktub minn Frank Bezzina. Sfortunatament, l-awtur ta' dan it-tagħrif ma jgħidilna xejn minn liema uffiċċji tal-Posta ħadem is-Sur Grech, pero' naħsbu li fih tagħrif ċar biżżejjed biex wieħed jifhem sewwa kif kienet il-ħajja u l-karriera tal-pustiera Għawdxin fl-ewwel żminijiet tas-seklu 20.[1]

### ANTON GRECH ERBGĦIN SENA FIS-SERVIZZ TAL-POSTA

Anton Grech twieled il-Belt Victoria fl-14 ta' Diċembru, 1896. Wara li għadda l-iskola infantili u wara dik elementari nsibuh fis-Seminarju ta' Għawdex fejn għadda minn taħt idejn l-aħjar surmastrijiet li kellna dak iż-żmien.

Jekk wieħed jagħti daqqa ta' għajn lejn in-numru ta' mpjegati li għandna llum jinduna kif iż-żminijiet ibiddlu kollox. Dari qajla ssib impjieg u sabiex wieħed jakkwista l-għajxien tiegħu kien ikollu jħabbat wiċċu ma' ħafna diffikultajiet. F'dawn iż-żminijiet, Anton Grech ried jaħseb fejn sejjer idabbar rasu. Skola kellu biżżejjed.

### Sopranumru fil-Posta

F'Marzu 1915 daħal pustier temporanju. Huwa kellu jaħdem iktar minn żewġ irħula flimkien. Dakinhar ma kienx hawn *motor cycles* iżda *bicyle* aktarx qadim li bih kien ikollu jwettaq dmiru ta' kuljum, igħaddi minn toroq ħżiena taħt ix-xemx u x-xita qliel ta' dari. Il-paga dakinhar kienet xelin biss u dan meta jaħdem. Dam sopranumru sa l-1919 meta ngaġġa suldat mal-R.A,O.C. meta dawn kienu f'Salonika fejn dam sal-1920.

### Pustier Regolari

Fis-sena 1920 Anton reġa' ħabbat il-bieb tal-Posta. Ix-xorti għenitu għax dik il-ħabta feġġ l-eżami. Flimkien ma' tnejn oħra huwa għamel suċċess f'dan l-eżami, ġie appuntat fis-6 ta' Frar, 1920.

### Xogħol ta' Attendant

L-ewwel tnax-il sena Anton għaddiehom fl-uffiċċju bħala *attendant.* F'dawn iż-żminijiet huwa wettaq xogħlijiet differenti ħafna bħalma huwa l-*Counter,* tqassim tal-*Parcels*, bejgħ ta' bolli, *Postal Orders* u ħafna xogħlijiet oħra li llum jaħdimhom il-*Postmaster*. Dan huwa vantaġġ kbir mhux biss għall-pubbliku iżda għall-Gvern ukoll. Huwa kien ukoll jiskorta l-valiġġa sal-Marfa fuq dgħajsa tal-qlugħ u lura mill-Imġarr sar Rabat fuq iż-żiemel.

### Mill-ġdid fuq id-Delivery

Anton reġa' ħareġ iqassam l-ittri fl-1932 fid-distrett ta' Victoria. Li tkun u tibqa' dejjem fuq disrett wieħed speċjalment Victoria, ifisser ħafna. Wieħed jista' jaħseb kemm kellu jħabrek biex jaqdi dmiru kif imiss speċjalment fis-snin twal tal-gwerra meta l-popolazzjoni ta' Victoria żdiedet b'eluf ta' rifuġjati Maltin. Ma ninsewx li huwa kellu jaħdem f'ħinijiet strambi u differenti minn dawk normali meta l-vapur tal-valiġġa kien jiġi attakkat mill-ajru.

### Anton Grech mill-Ġdid Attendant

Fis-sena 1949 sar xi tibdil fl-uffiċċju tal-posta. Huwa reġa' daħal *attendant* biex igħin b'ruħu u b'ġismu l-Uffiċċju tal-Posta in partikulari. Il-post ta' *Attendant* fl-Uffċċju




*Il-Karrozza tal-Posta li kienet iġġor il-Posta mill-Belt Valletta għall-Vapur ta' Għawdex u lura fis-snin 60.*

tal-Posta ta' Għawdex huwa verament essenzjali. Ix-xogħol ta' ġewwa l-uffiċċju żdied ħafna u Anton kellu jmidd għonqu aktar minn snin oħra. Anton kien jindaħal għal kollox. Biżżejjed ngħid li għal ftit ġranet huwa kellu jerfa' r-responsabbilta' tal-Uffiċċju. F'dawn l-aħħar snin huwa kellu t-tqassim tal-*parcels* f'idejh. Anton Grech irrinunzja għall-kariga ta' *Sorter* sena u nofs ilu. B'kollox Anton Grech ħadem taħt 23 *Postmaster.*

Huwa spiċċa nhar is-Sibt 30 ta' Settembru wara 40 sena servizz li fihom wera dehen, ħila, għaqal u enerġija mhux tant komuni: spiċċa biex il-ħidma tiegħu tibqa' magħrufa mill-Gvern u mill-poplu iżda żgur mingħajr rikompensa.

Sibna wkoll tagħrif dwar l-ewwel Pustier Malti, ċertu Ġużeppi Zammit, li f'intervista li saritlu tana bosta tagħrif dwar ix-xogħol tat-tqassim tal-ittri fl-ewwel żminijiet, u sa ċertu punt jikkumplimenta dak li ktibna aħna.

## IT-TQASSIM TAL-POSTA FL-ANTIK
### Intervista lill-ewwel Pustier Malti

Il-Pustier huwa meqjus minn kulħadd bħala parti mill-ħajja moderna ta' kuljum. Iżda llum wieħed bil-kemm jieqaf biex jirrifletti daqsxejn meta jirċievi xi ittra jew xi pakkett kif kien isir ix-xogħol meta t-tqassim organizzat tal-ittri daħal għall-ewwel darba f'Malta.

Liema bniedem jista' jagħtina stampa aħjar ta' dawk iż-żminijiet mis-Sur Ġużeppi Zammit – l-ewwel pustier ta' Malta? Huwa beda jqassam l-ittri meta kien għad kellu 10 snin – fl-1883[1].

Ftit nies jafu llum li t-tqassim tal-ittri dari kien f'idejn il-pulizija[2]. L-ittri kienu jintbagħtu l-Belt imbagħad jiġu mibgħuta fl-Għases tal-Pulizija u minn hemm jitqassmu fid-djar mill-pulizija.

Fl-1883, kien ġie deċiż li l-ittri ma jibqgħux jitqassmu mill-Pulizija li kellhom x'jagħmlu wisq iżda jagħtuh lil kuntrattur. Waħda mill-kondizzjonijiet kienet li min jieħu l-kuntratt kellu jqabbad lit-tfal tal-uffiċjali tal-pulizija biex iqassmu l-ittri.

L-ewwel kuntrattur pajżan kien ċertu Saliba[3] li kien imexxi s-servizz ta' l-omnibus mill-belt għall-irħula ta' Malta u lura, u d-*depot* tiegħu kien fejn illum hemm l-uffiċċju tal-Posta[4].

L-ewwel tifel ta' pulizija li kien impjegat biex iqassam l-ittri ma kien ħadd ħlief Ġużeppi Zammit.

Wara li għamilnielu intervista fid-dar pulita ta' bintu f'Birkirkara, is-Sur Zammit qal li kien iqassam l-ittri Santa Venera, Birkirkara, Ħal-Lija, Ħ'Attard u Ħal Balzan bil-paga ta' tliet soldi u tliet ħabbiet kuljum[5].

"Dak iż-żmien ma kellniex karrozzi, iżda kellna par saqajn tajba u l-ħtieġa li wieħed jaqla' l-għajxien tiegħu," qal is-Sur Zammit. Huwa qal ukoll li wieħed żagħżugħ li kien iqassam l-ittri l-Mellieħa, ċertu Neriku Gauci, kien imur mill-Mellieħa għall-Belt u lura bil-mixi. Dan Neriku wara tliet xhur ħasibha aħjar għax xtara *pony* u karettun[6], u barra li beda jiffranka l-mixi beda jaqla' xi ħaġa barranija billi jġorr miegħu l-passiġġieri.

L-ittri f'dawk iż-żminijiet kienu ta' spiss jiġu indirizzati ħażin[7] u f'każijiet bħal dawn kienu jittieħdu fl-eqreb Għassa tal-Pulizija fejn jitqiegħdu f'kaxxa speċjali, li wħud minnhom għadhom jeżistu sal-lum. Kienet ħaġa komuni dak iż-żmien li n-nies tmur l-Għassa għall-itttri.

***(jissokta)***

[1] F'Għawdex hu magħruf li l-ewwel uffiċċji tal-Posta, dak tar-Rabat u l-ieħor ta' l-Imġarr, infetħu fl-1885, u dak tar-Rabat nafu wkoll li kien uffiċċju ta' Nutar.

[2] Ma jidhrilniex li f'Għawdex fil-bidu t-tqassim ta' l-ittri kien isir mill-Pulizija, ħlief forsi xi ittri uffiċċjali mid-Dipartimenti tal-Gvern. Aktar nistgħu ngħidu li l-ittri kienu jinġabru mill-għases tal-Pulizija, l-aktar minn dik tar-Rabat meta kienet għadha fil-bini fejn illum hemm il-Każin Laburista fi Pjazza Indipendenza, it-Tokk.

[3] Dan kien Pawlu Saliba li jissemma li kien iġorr il-Posta ta' Għawdex bejn il-Belt Valletta u r-Rabat, Għawdex bejn l-1883-1885. Fl-1885, meta beda s-servizz tal-vapur Gleneagles, il-Posta bdiet tintbagħat miegħu. Pero' hawn ma rridux ninsew li l-Gleneagles kien jaħdem għall-Belt u mhux għall-Marfa.

[4] Dan l-artiklu ġie ppubblikat f'April, 1956, meta l-Posta kienet f'Palazzo Parisio, fi Triq Merkanti, il-Belt, illum il-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin. Mela l-Omnibus ta' Saliba minn hemm ukoll kienet titlaq għall-Marfa,. Bħalma l-karozza tal-Posta kienet titlaq minn ftit lil hemm, minn ħdejn Kastilja fi Triq il-Merkanti.

[5] Innutaw x'valur kellhom is-soldi (sold kien jiswa daqs ewroċenteżmu) dak iż-żmien f'paga ta' 3 soldi u 3 ħabbiet.

[6] Fil-kitba tagħna diġa' konna aċċennajna li minħabba d-distanzi twal l-ewwel pustiera Għawdxin kienu jqassmu l-ittri bil-karrettun.

[7] L-indirizzi ħżiena huma xi ħaġa li għadha tiġri sa llum, aħseb u ara fl-ewwel żminijiet.

*Café & Wine Bar*

KAPUTA

*Pizza & Local Dishes*

60 St. Joseph Square Qala, Gozo,
Tel: 27201355, Mob: 99272074

# Fl-għaqda u mhux fil-firda jikber Għawdex



**Anton Tabone**
*anton.tabone@onvol.net*

Nistqarr bl-ikbar sinċerità li kemm domt fil-ħajja pubblika, jiġifieri fil-politika, dejjem għamilt ħilti kollha biex ngħaqqad is-sentimenti t'Għawdex u tal-Għawdxin u nippreżentahom b'mod sħiħ u qawwi quddiem il-pajjiż u l-Awtoritajiet tiegħu, biex dawn l-istess sentimenti jkunu dejjem fuq l-aġendi nazzjonali fl-istaġuni politiċi kollha, irrispettivament minn min ikun fil-Gvern. Naturalment meta jien kont nagħmel parti mill-Gvern, kont nieħu ħsieb nara li jiġu implimentati il-miżuri rigwardanti l-interessi Għawdxin, u dan dejjem f'kuntest nazzjonali. Ippruvajt ma nonqos lil ħadd u nkompli ma' kulħadd. Niġri u niġġerra kontra il-ħin tal-arloġġ minn attività għal oħra sew jekk dik l-attività tkun se ssir ġor-Rabat u daqstant ieħor jekk tkun se ssir ġo villaġġ jew ieħor; jew inkella ġo Malta, jew addirittura barra 'l pajjiż. Dawn l-attivitajiet kienu jikkonsistu f'dawk uffiċjali, parrokkjali, soċjali, politiċi, komunitarji , internazzjonali u kulturali. B'daqshekk ma kont qed nagħmel xejn straordinarju. Kont qed nagħmel id-dover tiegħi, u ta' dan la kont nistenna grazzi u lanqas prosit.



*Monument tal-Assedju l-Kbir fix-Xagħra*

Kont forsi nixtieq naħseb li l-preżenza tiegħi f' dawn l-attivitajet setgħet isservi biex tibni pontijiet bejn attività u oħra u biex fl aħħar mill aħħar tgħaqqad f'attività waħda kbira kwadru ta' Għawdex kollu kemm hu, u turih fit-totalità tiegħu bħala parti mill-iktar rilevanti u indispensabbli tal-arċipelagu Malti; u fil-proċess tnaqqas xi ftit id-dipendenza eċċessiva – kważi assoluta – fuq oħtna l-kbira. Nikteb dan, għax huma ftit li xejn l-okkażjonijiet li jistgħu jissejħu Għawdxin, fis-sens li jkunu intiżi biex jikkommemoraw ġrajja li tesprimi fil-beraħ l-identità Għawdxija fil-pajjiż. Veru li aħna nfakkru fi gżiritna il-jiem nazzjonali. U hekk għandu jkun. Niftakar b'sodisfazzjon u bi pjaċir li mill-1987 'l hawn, jiġifieri mill-ħolqien tal-Ministeru f'Għawdex, permezz ta' Uffiċċju miftuħ u jiffunzjona s-sena kollha, dawn il-Festi Nazzjonali bdew jiġu mfakkra fil-gżira tagħna ukoll b'mod uffiċjali u b'mod solenni kollha kemm huma. Festi Nazzjonali li Għawdex ikkontribwixxa bil-kbir, x'aktarx iktar mill-proporzjon tad-daqs tiegħu, għall-akkwist tagħhom. Imma okkażjoni tiegħu u għalih ma teżistix fil-kalendarju uffiċjali. Kont nixtieq naħseb li tant bħala eżempju, it-twaqqif tad-Djoċesi u iżjed riċenti il-ħolqien tal-Ministeru setgħu b'xi mod, wieħed jew l-ieħor, iservu ta' jum ta' tifkira unikament Għawdxija , imma fl-istess ħin nazzjonali ukoll.

**Jekk wieħed ifittex għandu isib ġrajjiet li jistgħu jiġu kkunsidrati li jimmarkaw timbru partikulari Għawdxi u dan nirrepeti, fix-xenarju nazzjonali. Per eżempju jien inħossni urtat meta ssir il-kommemorazzjoni ta' l-*Otto Settembre* u fid-diskorsi uffiċjali li jsiru, almenu f'Għawdex, qatt ma jissemma xejn fuq l-Assedju ta' Għawdex tas-sena 1551, jiġifieri 14-il sena qabel dak ġo Malta li seħħ fil-1565. Nagħmlu sew li aħna f'Għawdex ninsġu diskorsi mirquma u studjati fuq l-Assedju l-Kbir għax dak ukoll jagħmel parti mid-destin t'Għawdex u tal-Għawdxin. Imma li f'dawn id-diskorsi jkun hemm aċċenn sħiħ għal dak li ġara fil-1551, huwa fl-opinjoni tiegħi, obbligu meħtieġ biex issir ġustizzja storika ta' kif seħħew l-avvenimenti 'l fuq minn erba' mitt sena ilu. Ma ninsewx li f'dik l-okkażjoni t-Torok invadew lil Għawdex u ġarrew lura magħhom, tista' tgħid, il-popolazzjoni kollha tal-gżira, bl-eċċezzjoni t'għadd ta' anzjani u ta' dawk il-ftit li rnexxilhom jiddendlu bil-ħbula mas-swar u ħarbu u salvaw.** L-inkursjoni f'Għawdex seħħet immedjatament wara attakk fuq Malta li ma kienx laħaq l-għan tiegħu, għax Malta kienet difiża abbastanza tajjeb, tant li l-għadu qata' qalbu li seta' jikkonkwistaha, u minflok dawwar il-pjan tiegħu fuq Għawdex fejn sab l-artab, għax dak iż-żmien il-gżira kienet fil-periferija



tal-ħsieb tal-governanti ġo Malta u per konsegwenza kellha mezzi insuffiċjenti ta' difiża.

Perijodu ieħor li fl-opinjoni tiegħi għandu il-kredenzjali biex ikun ikkunsidrat bħala tifkira marbuta sew m'Għawdex, imma dejjem bil-konnotazzjonijiet nazzjonali, huwa il-perijodu ta' żmien l-okkupazzjoni Franċiża, fejn spikka tabilħaqq bħala mexxej qalbieni tal-Għawdxin l-Arċipriet Saverio Cassar. Il-Franċiżi ċedew l-armi f'idejh fit-28 t'Ottubru 1798. Saverio Cassar twieled fil-limiti t'Għajnsielem fis-1746 u ġie mgħammed fin-Nadur. Studja f'Ruma fejn fis-1771 ġie ordnat Saċerdot. Fis-sena 1773 laħaq Arċipriet tar-Rabat, Għawdex. Kien ukoll pro vigarju tal-Isqof ta' Malta. Il-forzi Franċiżi okkupaw lill-Għawdex f'Ġunju 1798 u sa Settembru l-Għawdxin qamu f'rivolta kontrihom. Sejħu Kungress fit-Tokk biex jiġi ffurmat gvern lokali proviżorju fejn Cassar ġie nominat il-Kap tiegħu u s-Superintendent tal-gżira. Cassar wera ruħu kapaċi li jieħu kontroll tas-sitwazzjoni, u kif rajna diġà l-Franċiżi ikkapitulaw fit-28 t'Ottubru, jiġifieri 141 jum biss wara li kienu ħadu il-gżira f'idejhom. Minn dakinhar sa Awwissu 1801, kważi għal sentejn sħaħ, l-Arċipriet Cassar mexxa fil-prattika lil Għawdex bħala stat awtonomu, għax kien maqtugħ minn Malta minħabba l-inblokk li kien qed idawwar lill-gżira oħtna biex iġiegħel lill-forzi Franċiżi iċedu anki hemmhekk, kif fil-fatt gara. Naqraw li l-uniku kuntatt li kellu Għawdex f'dak il-perijodu kien ma' Sqallija.

Minn dejjem kont tal-fehma li aħna l-Għawdxin għandna nfittxu ħafna iktar dak li jgħaqqadna milli dak li jista' jifridna. U rridu nifhmu kollha kemm aħna li dan hu l-veru interess ġenwin tagħna lkoll. Aħna diġà żgħar bħala popolazzjoni u l-framentazzjoni tista' biss iddgħajjef id-drittijiet u l-aspirazzjonijiet tagħna quddiem l-Awtoritajiet tal-pajjż. F'dan it-tip ta' xenarju, il-messaġġi tagħna ma jaslux qawwijin u b'mod uniformi u għalhekk ikollhom inqas ċans ta' impatt fuq l-opinjoni tal-pubbliku u fuq l-istess Awtoritajiet. Għaldaqstant kull min iħossu Għawdxi ta' veru, irid ta' bilfors ifittex u jħuf wara l-ħwejjeg li jgħaqduh, milli jissieħeb fil-kontroversji u fil-petigolezzi li żgur jifirduna. Irridu nġibu quddiem għajnejna ukoll li mhux kulħadd neċessarjament jifhem il-ħtieġa li jarana magħqudin bħala komunità għax għar-raġunijiet varji u qatt iddikjarati huwa iżjed konvenjenti li tikkontrolla post mifni bi qsim u piki, milli post fejn in-nies tiegħu jinsabu bażikament magħqudin fi ħwejjiġhom u fl-aspirazzjonijiet tagħhom, jafu minn fejn huma ġejjin, fejn sejrin u fejn iridu jaslu. Dak hu s-sentiment reġjonali.

**Ħamsin sena ilu ndaqq għall-ewwel darba l-Innu lil Għawdex, kitba ta' Ġorġ Pisani mużikat mill-Maestro Joe Vella. Żewġ Għawdxin li għamlu ġieħ kbir lil Għawdex u lil Malta. Kien iż-żmien meta ġie mwaqqaf il-Kumitat Ċiviku ta' Għawdex li sentejn wara żvolġa f'Kunsill Ċiviku permezz ta' Ordinanza li waqqfitu b'mod formali u uffiċjali. Kien jeżisti sentiment ta' għaqda fil-proċess tat-twaqqif tiegħu u ma neskludix li l-innu msemmi twieled minħabba f'hekk. Żgur li jista' jservi biex jgħaqqad u jippromwovi s-sentiment Għawdxi fil-ħajja tal-pajjiż.** Sa minn meta kont għadni Ministru kont inħajjar lill-Baned Għawdxin jinkludu dan l-innu b'mod regolari fil-programmi tagħhom. B'dispjaċir ninnota li għad hemm sal- lum xi baned li ma jdoqquhx. Il-versi tiegħu huma kif jidhru hawn taħt.

*"Insellmulek, Għawdex tagħna,*
*art sabiħa, l-oħla ġnien,*
*art ħanina, art maħbuba,*
*art imbierka mill-ħolqien.*
*Art tal-għasel, tal-bizzilla,*
*art l-għelejjel l-aktar bnini,*
*art tal-bdiewa, tar-raħħala,*
*art id-dgħajjes tal-latini.*
*Fejn hemm wieħed minn uliedek*
*Jaħdem fl-ibgħad artijiet*
*Tixgħel kewkba kollha dija,*
*Jiddi l-ġmiel tat-Tliet Għoljiet."*

Versi li jgħaqqdu u li jżommu l-għaqda!

# Mal-Papa f'Rio de Janeiro

*Joseph W. Psaila jintervista lil*

***Mons. Alfred Xuereb, Segretarju ta' Papa Franġisku***



**(1) X'inhu l-għan ewlieni tal-Jun Dinji taż-Żgħażagħ ?**

Kienet l-intuwizzjoni ta' Papa Ġwanni Pawlu II li tibda ssir laqgħa nternazzjonali biex iż-żgħażagħ jagħmlu esperjenża ta' fidi flimkien mar-rgħajja spiritwali tagħhom u mal-Papa nnifsu. Il-Knisja kienet ilha tintebaħ li, kull ma jmur, il-ġenerazzjonijiet tal-adoloxxenti u taż-żgħażagħ kienu qed jitilfu l-interess fil-fidi nisranija u fil-prattika reliġjuża. Uħud minnhom kienu qed iħossuhom mitluqa bħal f'deżert mingħajr ideali li jistgħu jimlew ħajjithom, waqt li oħrajn kienu qed ifittxu f'ambjenti oħra, bħal "New Age" jew fl-eżerċizzju tal-"Joga", kif jistgħu jiksbu l-paċi tal-qalb u jispokru manjieri pożittivi kif jirrappurtaw rwieħhom mal-bnedmin l-oħra u man-natura.

Kien sar aktar urġenti li l-Knisja Kattolika turi, kemm liż-żgħażagħ kif ukoll lill-ġenituri u lill-edukaturi tagħhom, li hi kienet u tibqa' l-Omm u l-Għalliema ta' wliedha kollha. Bdew it-tħejjijiet għall-ewwel Jum Dinji li kien ippjanat fil-belt ta' Ruma fl-1986. Kienu involuti l-istess żgħażagħ biex jagħtu ideat u pariri. Iż-żgħażagħ mill-ewwel urew interess u kienu lesti joffru ħidma volontarja biex din l-inizzjattiva tkun suċċess. Kollox kien taħt it-tmexxija għaqlija tal-Kunsill Pontifiċju tal-Lajċi, imma x-xgogħol il-kbir kellu jkun f'idejn il-knejjes lokali li organizzaw diversi laqgħat ta' formazzjoni spiritwali. Is-salib tal-injam, li sar l-emblema tal-Jum Dinji taż-Żgħażagħ, beda jingħata mill-Papa f'Ħadd il-Palm biex imbagħad jinġarr minn post għall-ieħor fil-pajjiż li kien ser jilqa' dan l-avveniment. Dan għen ħafna biex tinħoloq *awareness* u nteress għall-parteċipazzjoni u jittieħed miż-żgħażagħ stess fl-iskejjel, fil-ħabsijiet, fl-isptarijiet eċċ. biex iwassal l-aħbar it-tjba tas-salvazzjoni li Kristu ġabilna bil-mewt u l-qawmien tiegħu. Ħafna miż-żgħażagħ li jieħdu sehem jiskopru s-sbuħija tal-fidi nisranija u mhumiex ftit dawk li jħossu lil Kristu jsejħilhom għas-saċerdożju jew għall-ħajja reliġjuża. Naf diversi koppji li ltaqgħu waqt il-Jum Dinji taż-Żgħażagħ u l-ispirtu ta' dan l-avveniment għenhom biex jiffurmaw familja nisranija u knisja tad-dar. Dan il-frott kollu kkonvinċa lill-Papiet li ġew wara Ġwanni Pawlu II biex ikomplu f'din it-triq li permezz tagħha eluf u eluf ta' żgħażagħ isibu lil Kristu u jħossuhom parti ħajja mill-Knisja tiegħu.



*Iż-żgħażagħ iġorru s-Salib, simbolu tal-Jum Dinji taż-Żgħażagħ*



*Adorazzjoni Ewkaristika waqt il-velja ta' talb fuq ix-xtajta ta' Copacabana.*

**(2) Skont rapporti tal-midja, kien hemm ġo Copacabana 3.7 miljuni żagħżugħ u żagħżugħa biex jilqgħu u jitolbu ma' Papa Franġisku. Kif jista' wieħed jispjega dan il-fenomenu ?**

Għalkemm in-numru ta' dawk li ħadu sehem fih il-valur tiegħu, dak li l-aktar igħodd hu l-ispirtu li bih iż-żgħażagħ jipparteċipaw għal manifestazżjonijiet bħal dawn. F'intervista reċenti li l-Papa Frangisk ta lir-rivista tas-Soċjetà ta' Ġesù, *"La Civiltà Cattolica"*, hu stess stqarr li għalih dan il-fenomenu jqisu bħala "misteru". B'dan it-terminu nifhem mhux tant li hu fatt inspjegabbli imma li fih hemm l'id t'Alla taħdem b'mod misterjuż fil-qalb u fil-moħħ ta' kull minn jersaq lejh b'dispożizzjoni xierqa.

Fil-fatt, aktar 'l quddiem fl-istess intervista, Papa Franġisk jitkellem ukoll minn mument ta' "Grazzja" li bħal żerriegħa tinżera' u tinbet fil-qlub ta' min jieħu sehem. Il-Mulej wegħidna li mhux ser iħallina weħidna u aċċertana li se jibqa' magħna għal dejjem. Permezz ta' dan il-fenomenu hu jikkonferma t-twettiq ta' din il-wegħda. Kristu jaf kif u jaf ukoll meta jsawwab il-Grazzja tiegħu biex il-Knisja tgħaddi mill-bard tax-xitwa għad-dawl tar-rebbiegħa.

**(3) Jien, bħal miljuni ta' nies oħra madwar id-dinja, assistejt fil-tul mit-televiżjoni għall-ġrajja tal-WYD (World Youth Day). Kienu ħafna l-mumenti li impressjonawni. Inti dik il-ġrajja għextha minn ġewwa fiha, għax mhux talli kont f'Copacabana, iżda f'ħafna ħin kont qrib tal-Qdusija Tiegħu l-Papa. Għidilna fil-qosor dwar din l-esperjenza unika tiegħek.**

Iva, kienu miljuni dawk li ħadu sehem f'Copacabana u miljuni oħrajn segwewha bħalek fuq it-televiżjoni. Jien ċert li anki dawk li ma kienux preżenti fiżikament irċevew xi grazzja speċjali u jħossuhom parti aktar mill-qrib tal-Poplu t'Alla ta' żminijietna.

Il-Papa baqa' mpressjonat ħafna bl-entużjażmu li wrew iż-żgħażagħ għax kienu qed juru li huma kburin bil-fidi li ħaddnu u li lesti jagħtu sehemhom biex il-Knisja tkun aktar ħajja u tigbor fiha kemm persuni possibbli. Baqa' milqut ukoll mit-talenti li wħud esibew quddiemu fid-diversi eventi. Kien evidenti wkoll is-sens ta' sagrifiċċju li bosta kellhom jiffaċċjaw, kemm minħabba x-xita, li għal erbat ijiem sħaħ niżlet bla waqfien fuq il-belt ta' Rio de Janeiro, kif ukoll minħabba l-kundizzjonijiet skomdi għall-ikel u għall-irqad. Iż-żgħażagħ għexu dan kollu b'ferħ u mingħajr tgergir.

Imma l-aktar ħaġa li mpressjonat lill-Papa – u din semmieha kemm-il darba wara li ntemmet il-ġrajja tal-WYD il-Brażil – kienet il-ġabra devota ta' dawk il-miljuni ta' żgħażagħ preżenti. Is-Sibt fil-għaxija, waqt il-Velja, kien hemm is-Sagrament espost u minkejja l-bard u l-umdità tax-xita, iż-żgħażagħ kienu kkonċentrati fuq Ġesù Sagramentat fi skiet perfett. Ma kontx tisma' ilħna jew storbju, iżda biss il-ħoss tal-mewġ jinbaram fuq ix-xtajta li konna fuqha. Dan il-fatt erġajna għexnieh waqt il-quddiesa tal-għeluq li mexxa l-Papa l-għada l-Ħadd. Kienet emozzjoni kbira tara ż-żgħażagħ jersqu miġbura għat-Tqarbin u jibqgħu fis-skiet jagħmlu r-ringrazzjament. Naturalment, dan hu frott tal-laqgħat li jsiru fid-djoċesijiet bħala tħejjija. Din it-tħejjija għenet ukoll bex eluf ta' żgħażagħ resqu għall-qrar f'dawk il-ġranet biex jibdew ħajja ġdida.

Il-Papa ma kienx imdorri jitkellem ma' folol hekk kbar u waqt it-traġitt fil-*jeep* u fil-karozza kien ifittex il-kuntatt man-nies li kienu jistennewh għaddej. Ftit jiem biss qabel tlaqna mill-Vatikan għal Rio, talabni nwasslu l-*garage* biex jara l-*Popemobile* iżda hekk kif intebaħ li fiha kien ser ikun magħluq u maqtugħ mill-folla ordna li minflokha tinġarr il-*jeep* għax hi miftuħa. Ma kienx biżżejjed għalih li n-nies tarah imma xtaq li hu jkun jista'



*Omaġġ lill-Madonna Aparecida fil-Katidral ta' Rio de Janeiro ddedikat lil San Sebastjan nhar l-Erbgħa, 24 ta' Lulju*

jmisshom u huma jistgħu jmissu lilu. Meta kien jintemm l-*event* konna nirkbu f'karozza żgħira u jsuquna lejn id-dar fejn konna ospitati. Mat-triq kien iżomm it-twieqi ta' wara miftuħin u kull xħin kien jara grupp ta' nies, anki ċkejken, kien joħrog drieghu biex isellmilhom. Niftakar sew li waqt wieħed minn dawn it-traġitti, kien qed jispjegali xi ħaġa iżda kull tant u tant kien jieqaf ħesrem, idur lejn it-tieqa tan-naħa tiegħu u jsellem lin-nies li jkunu miġbura jistennewh għaddej. Din il-mossa għamilha kemm-il darba u bħal biex jispjegali għaliex kien kull darba qed jinterrompi dak li kien qed igħidli u jdur biex isellem qalli b'ton serju: "Alfred, lin-nies mhux biżżejjed li ssellmilħom billi toħrog idejk mit-tieqa u xxejjer. Jeħtieg li tħares f'għajnejhom ħalli jkunu jafu li int hemm għalihom". Tani lezzjoni kbira! Fhimt li hu jemmen li Kristu ma jgħaddix għand l-oħrajn b'atteġġjament superfiċjali imma b'att sinċier ta' għotja, avolja dan jitlob sagrifiċċju.

## (4) Laqtitni wkoll l-intervista li l-Papa ta lill-ġurnalisti fuq l-ajruplan waqt ir-ritorn lejn Ruma...

L-intervista, jew il-konferenza stampa, li l-Papa ta lill-ġurnalisti fuq l-ajruplan fi triqitna lura lejn Ruma, laqtet lil bosta nies u fetħet siparju wiesgħa fuq il-ħsieb ta' Papa Franġisku. Ħu stess stqarr li waqt li kien qed iwieġeb għall-mistoqsijiet tal-ġurnalisti ħass ispirazzjoni speċjali tant li, minkejja li kellu għejja kbira, dam jitkellem magħhom għal aktar minn siegħa u mess diversi temi, prattikament konversazzjoni ta' *360 degrees.*

Dwar l-*issue* tal-*gays*, kliem il-Papa ġie apprezzat meta stqarr li jekk wieħed li għandu din it-tendenza imma fl-istess ħin qed jagħmel ħiltu biex jgħix skont il-kmandamenti t'Alla u għandu rieda tajba m'għandux jiġi ddiskriminat imma għandu jsib min jilqgħu. "Min jien biex niġġudikah?" staqsa l-Papa quddiem il-ġurnalisti attenti għal kull kelma. Dak li Papa Franġisku kkundanna bil-qawwa huma l-"*lobbies*", dawk *gay* u ta' kull għamla oħra: ta' dawk li jagħmlu għal flus, tal-politiċi korrotti, tal-mażuni....

Laqtet ħafna l-attenzzjoni wkoll t-tixbieha li l-Papa għamel ta' kif jara l-Knisja tal-lum meta qabbilha ma' kamp ta' battalja mimli b'numru kbir ta' feruti. Jeħtieġ, kompla jisħaq, li l-ewwel



*Laqgħa mal-Klassi Diriġenti tal-Brażil, fit-Teatru Municipali ta' Rio de Janeiro nhar is-Sibt 27 ta' Lulju 2013*



*Il-Papa jircievi T-shirt waqt il-laqgħa mal-volontarji tal-JDŻ*

indewwu l-ġrieħi mortali tal-"midruba" imbagħad meta jasal il-waqt noffru wkoll formazzjoni nisranija soda. Biex isaħħaħ dan l-argument semma l-atteġġjament tal-Missier tal-parabbola tal-iben il-ħali li niżel jiġri minn daru biex jilqa' lura għandu lil ibnu li kien mifni mill-miżerja li kien waqa' fiha għax tbiegħed minnu. Minflok ma poġġieh bil-qegħda biex jagħmel miegħu l-kontijiet, ordna li fil-pront tingħatalu libsa ġdida, iqegħdulu ċurkett f'subgħajh u qorq f'riglejh biex issirlu festa għax kien reġa' lura mit-telfien. Kif nafu, dan nissel għira kbira f'qalb ħuh il-kbir imma l-Missier ried juri l-ferħ tiegħu fil-maħfra tiegħu lil ibnu ż-żgħir.

Ġibdet anki l-interess it-tweġiba li ta dwar ir-*role* tal-mara fil-knisja. Qal li jeħtieg li tiġi żviluppata teoloġija dwar dan l-aspett. Semma li l-Madonna kienet iżjed importanti mill-Appostli, minkejja li dan kien joħloq kuntrast kbir mal-mentalità ġudajka. Dan qalu anki biex iwieġeb lil dawk li jinsistu li l-Knisja għandha tagħti l-ordinazzjoni saċerdotali lin-nisa. Lil dawn fakkarhom li din il-kwistjoni diġà ġiet definita darba għal dejjem mill-Papiet ta' qablu u ħeġġeġ lin-nisa biex ma jippruvawx isibu posthom fil-Knisja billi jidħlu fir-*roles* tal-irġiel imma biex jiskopru r-*role* speċifiku tagħhom, ispirat minn dak tal-Verġni Mqaddsa Marija.

Semma argumenti oħrajn li l-ispazju ta' din ir-rivista ma jippermettux li nikkummenta dwarhom. Iżda, nistieden lill-qarrejja jfittxu din il-konferenza stampa u jaqrawha għax fiha x'wieħed jista' jimmedita.

### (5) Il-WYD ħija avveniment kbir, iżda suppost li hija wkoll il-bidu ta' proċess spiritwali. Kif jista' dan il-proċess ikompli jitwettaq?

Id-domanda li kull żagħżugħ u speċjalment kull isqof u saċerdot għandu jagħmel lilu nnifsu hekk kif tintemm din il-manifestazzjoni kbira ta' fidi hi: "u issa? X'se jiġri minn din l-esperjenza qawwija? X'se nagħmlu mill-katekeżi li smajna u mill-messaġġi tal-Papa?" Din hi l-isfida tar-ragħajja tal-Knisja u dan hu l-impenn ta' kull żagħżugħ u żagħżugħa li rċevew xi grazzja waqt il-Jum Dinji taż-Żgħażagħ. Inkella jiġrilna bħal dak it-tali tal-parabbola li rċieva talent u minflok ħaddmu mar ħbieh għax beża' mill-imgħallem tiegħu. Jew inkella l-Grazzji li rċevejna jiġrilhom bħal dawk iż-żrieragħ li waqgħu f'art tajba iżda x-xewk u l-għollieq fgawhom u ma ħallewhomx jikbru.

L-esperjenza tal-Jum Dinji taż-Żgħażagħ tikkonferma li meta l-Knisja tipproponi il-Vanġelu fis-sbuħija tiegħu, fit-totalità tiegħu, iż-żgħażagħ iwieġbu b'ġenerożità. Hekk ukoll meta l-Liturġija tiġi ċċelebrata fil-ferħ tal-Mulej, iż-żgħażagħ jersqu b'devozzjoni biex iduqu l-benna li Hu stess joffri. Il-Katekeżi permanenti u l-Liturġija ħajja jistimolaw l-Karità, dik il-Karità konkreta lejn dawk li huma f'sitwazzjonijiet ta' tbatija. Hu fuq dawn it-tliet pilastri li l-Knisja ta' Kristu tiġġedded u tisbieħ u ssir bħal Għarusa lesta biex kuljum tiltaqa' mal-Maħbub tagħha.

**Alexander Saliba**
Computer Sales and Services
65, Ta' Said Street Nadur, Gozo
alexandersaliba@gmail.com
21 555 358
99 864 262

Repairs Desktop PC's and Laptops - Android Phones and Tablets / iPads and iPhones

# Il-Beatitudnijiet fl-Evanġelji ta' San Mattew u San Luqa



Fr Charles Buttigieg

## "Ħenjin Dawk..."

Il-kelma 'beatitudni' ġejja mill-kelma Latina '*beatus*' li tfisser 'hieni'. Ix-xandira tas-sena tal-grazzja favur il-fqajrin, id-dgħajfin, il-persegwitati u l-imjassrin kollha tad-dinja turi t-tama li jrid inissel Ġesù fil-bniedem. F'Ġesù hemm it-tamiet kollha tal-foqra, emarġinati, imjassrin, ta' dawk l-'*anawim*' li emmnu u ttamaw fil-ħniena ta' Alla; "mur, biegħ li għandek u agħtih lill-foqra" (Lq 18:22). Dan narawh fl-istorja ta' Lazzru l-Fqir (ara Lq 16:20-22). Naraw ukoll lil Żakkew il-Pubblikan li jqassam ġidu lill-foqra f'Lq 19:18. Anke l-*Magnificat* tal-Madonna fl-Lq 1:51-53, fejn Marija tesprimi l-ħelsien lill-foqra: "Hu wera l-qawwa ta' driegħu, xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom. Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom, u għolla ċ-ċkejknin; mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ u lill-għonja bagħathom 'il barra b'xejn". Il-Madonna 'il-mara 'fqira' ta' Jahweh' li tafda fil-Kelma ta' Alla. Din it-tama lill-fqajrin narawha fuq kollox fid-diskors tal-Muntanja f'Mattew 5:1-12 u fid-Diskors tal-Wita' f'Lq 6:20-26. Lq 7:18-23 jagħti r-risposta ta' Ġesù: "Morru agħtu lil Ġwanni l-aħbar ta' dak li rajtu u smajtu: kif il-għomja qegħdin jerġgħu jaraw, iz-zopop jimxu, l-imġiddmin ifiqu, it-torox jisimgħu, il-mejtin iqumu u kif il-Bxara t-Tajba qiegħda tixxandar lill-fqar. Hieni hu minn ma jitfixkilx minħabba fija". Il-foqra jfittxu lil Ġesù, il-Messija tal-foqra kif naraw f'Mt 11:25 u Ġw 7:48. Infatti Ġesù jitlob mis-segwaċi tiegħu ċaħda mill-affarijiet temporali biex jirċievu l-vera Għana (Mt 6:24; 13:22). Anke San Pawl għandu dan il-ħsieb: "Hu li kien għani, sar fqir minħabba fikom biex jgħanikom bil-faqar tiegħu" (2 Kor 8:9).



*"Ħenjin dawk li jġibu l-paċi għax huma jissejħu ulied Alla" (Mattew 5:9)*

## Il-Beatitudnijiet komuni f'Mattew u f'Luqa

"Imberkin dawk li huma foqra f'qalbhom, għax għalihom hi s-saltna tas-smewwiet". Il-foqra (bil-Grieg "*ptokoi*" u bl-Ebrajk "*anawim*") fil-bidu fit-Testment il-Qadim kienu klassi soċjali b'konnotazzjoni ftit li xejn reliġjuża. Iżda ftit ftit "foqra" bdiet tieħu sens reliġjuż. L-idea kienet li l-għani mhux inklinat li jirrikorri għand Alla għax ma jonqsu xejn, waqt li l-fqir maħqur iħares lejn Alla. Fis-Salmi l-fqir jidher bħala l-ħabib u l-qaddej ta' Jahweh (ara Salm 86:1). Dawk li jbatu u jitolbu bl-umiltà huma msejħin il-'foqra ta' Jahweh'. Ġie suġġerit li San Mattew jikkonċentra fuq klassi spiritwali (jikteb "foqra f'qalbhom") u Luqa jikkonċentra fuq klassi soċjali (ma jsemmix "f'qalbhom"). L-idea ta' Mattew hi li dawn in-nies iħarsu lejn Alla għax m'hemmx il-ġid li jtellifhom. San Luqa li l-vanġelu tiegħu huwa meqjus bħala l-vanġelu tal-foqra, juża darba waħda l-kelma '*penichre*' għal fqir waqt li Mark 12:42 juża '*ptoche*' (episodju tal-offerta tal-armla fqira) li Luqa jużaha għaxar darbiet mill-34 waħda li nsibu fil-Ġdid Testment.

"Imberkin l-imnikktin, għax jitfarrġu." Il-konsolazzjoni tal-imnikktin hi ħaġa taż-żmien messjaniku (ara Iżaija 51). Huma jitfarrġu għax għad ikunu mfarrġa. Hawnhekk il-verb oriġinali fil-Grieg huwa fil-*future passive*. Dan jissejjaħ skont il-Biblisti bħala t-"*Theological Passive*" u juri implikazzjoni divina, li l-faraġ ġej minn Alla.

"Imberkin dawk li għandhom il-ġuħ u l-għatx tas-sewwa, għax ikunu mxebbgħin." Ġuħ jista' jittieħed f'sens fiżiku jew ġuħ għall-kelma tal-Mulej. Mattew jispeċifika "... tas-sewwa", jiġifieri għall-kelma tal-Mulej.

Rigward is-suġġett tat-tmaqdir f'Mattew insibu "intom" (jgħajrukom, jagħmlu għalikom, jgħidu kull deni fuqkom bil-gideb). F'Luqa huma "in-nies" li jobogħdukom, ixerrdukom, igħajrukom, ibarru isimkom bħala ħażin.

## Il-Beatitudnijiet l-oħra f'San Mattew

"Imberkin dawk li jħennu, għax ikollhom min iħenn għalihom." Din il-ħniena għandha żewġ aspetti: maħfra tal-ħtija jew ħsara u ħniena.



"Imberkin dawk li qalbhom safja, għax huma jaraw 'l Alla." Il-qalb hija ċ-ċentru tal-ħajja spiritwali u mentali. Qalb safja jfisser kuxjenza safja. Jaraw 'l Alla, ħaġa li jixtieqha min hu ġust.

"Imberkin dawk li jġibu s-sliem, għax jissemmew ulied Alla." L-Era Messjanika, l-era ta' Ġesù hija l-era ta' paċi. L-operaturi tal-paċi jissejħu ulied Alla.

"Imberkin dawk li huma ppersegwitati minħabba s-sewwa, għax għalihom hi s-saltna tas-smewwiet." Is-sewwa, bil-Grieg "*dikaiosune*", kelma li tinsab seba' darbiet f'Mattew. Tista' tfisser: l-attività divina salvifika (3,15), jew mod ta' ħajja (5,20). Xi drabi l-kelma tista' tirreferi għat-tnejn (Mt 6,10). Bħal Għerf 2,20, il-ħażin jippersegwita l-ġust. L-insara huma ppersegwitati mhux għax jgħixu sewwa iżda għax huma nsara.

"Imberkin dawk li qalbhom ħelwa, għax jiksbu l-art." Ta' qalbhom ħelwa jiġifieri l-'*anawim*', li waqt il-persekuzzjoni jużaw paċenzja. Jiksbu (jirtu) l-art. Fil-"Pescher" ta' Qumran, il-ġwejdin jirtu l-art, li hi l-muntanja ta' Ġerusalemm. Li tiret l-art kienet mifhuma bħala ħaġa materjali. Wara l-idea saret aktar spiritwali, għalkemm fi żmien Kristu l-idea materjali kienet għadha teżisti.

## Konklużjoni

Żgur li dawn il-beatitudnijiet huma ċwievet jew triqat li jwasslu għall-ferħ veru. Anke fit-tbatija, fis-sagrifiċċju, meta jkun immaqdar in-nisrani jista' isib ruħu hieni fir-rieda tal-Mulej. Dan huwa l-awgurju li jagħmlilna Ġesù nnifsu jekk aħna nimxu warajH.

## Biblijografija


Bottini, G.C., *Introduzione all'Opera di Luca. Aspetti teologici,* Studium Biblicum Franciscanum Analecta 35, Jerusalem 1992.

Brooke, G.J., *Qumran and the Jewish Jesus: Reading the New Testament in the Light of the Scrolls*, Grove Biblical Series 35, Cambridge 2005.

Conzelmann, H., *The Theology of St. Luke*, Philadelphia (PA) 1981.

Cousland, J. R.C., *Messiah, the Healer of the Sick: A Study of Jesus as the Son of David in the Gospel of Matthew*", *Journal of Biblical Literature* 124/4 (2005) 768-771.

Fausti, S., *Una Comunita' legge il Vangelo di Luca*, Bologna 2001.

Leon-Dufour, X., *Resurrection and the Message of Easter*, New York 1975.

Johnson, L.K., *Gospel of Luke*, Sacra Pagina 3, Collegeville (MN) 1991.



ĦALLI F'IDEJN MIN JIFHEM!



*Ħamsa u għoxrin sena esperjenza fit-tiswija ta' bjut li joqtru jew li jimmoffaw bl-ilma tax-xita...*

GREZZJU BONELLO

*lest li jiġi jagħtik parir u stima b'xejn!*

Tel: **2155 7694** Mob: **9946 9102**



BOGI AUTO LTD

■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories

J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

# Jiżdiedu l-kumditajiet f'Għawdex

**John Cremona**




Fl-artiklu 47 ta' din is-sensiela kont ktibt dwar kif l-ilma ġie mwassal għall-ewwel darba fir-Rabat minn Għar Ilma permezz tal-akkwedott li nbena fl-1843. Kien fi żmien meta kienu qegħdin isiru diversi proġetti li permezz tagħhom kienet ser titjieb il-kwalità tal-ħajja tal-Għawdxin. Fil-fatt fl-1877 kienu ġew ivvutati €2000 biex jinbena ġibjun b'kapaċità ta' 4000 tunnellata fil-foss tal-Kastell, liema bini huwa mfakkar minn obelisk tal-ġebel li wieħed jara quddiem id-daħla taċ-Ċittadella u li ġie mwaqqaf fl-1878. Il-bini tal-ġibjuni ħa diversi snin imma permezz tagħhom il-popolazzjoni tar-Rabat ġiet ipprovduta b'ilma għall-bżonnijiet tagħha ta' kuljum mingħajr il-ħtieġa ta' ħafna skariġġ lejn l-għejjun u l-bjar. Kienet kumdità anzi bżonn li llum lanqas biss naħsbu li ngħaddu mingħajrha. Imma l-irħula ta' Għawdex kellhom jistennew aktar minn 45 sena minn meta l-ilma twassal fir-Rabat biex l-ilma jitwassal ukoll f'diversi lokalitajiet permezz ta' katusi tal-ħadid li ġew proposti mill-Perit Giorgio Costantino Schinas għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Gvernatur fl-1888.

F'rapport intitolat *Project with estimates for supplying with potable water the villages of Xewkija, Sannat, Munxar and Garbo in Gozo for extending and improving the present system of supply in Victoria Town. With an Italian translation,* il-Perit Schinas, li kien l-Inġinier Residenti tad-Dipartiment tas-*Supervision of Water Works,* ippropona proġett li kien jinkludi wkoll stimi tax-xogħlijiet involuti biex jitwassal l-ilma mill-Għajn tal-Fawwara u Għajn ir-Rajjes f'Għajnsielem lejn ix-Xewkija, il-Munxar, Ta' Sannat u l-Għarb filwaqt li jsaħħaħ ukoll il-provvista' tal-ilma fir-Rabat li kienet tieħu wkoll l-ilma min-nixxiegħat ta' Għajn Għabdun, Għar Ilma u x-Xagħra.

Ir-rapport jinkludi mappa ta' Għawdex magħmula litografija minn Giuseppe Brocktorff (c.1817/18 – 1893) u turi b'kuluri differenti il-katusi tal-ilma proposti. Dawk li jwasslu minn Għajnsielem lejn ix-Xewkija, il-Munxar, ta' Sannat u l-Għarb li allura huma l-katusi ġodda proposti huma mmarkati bil-kulur aħmar filwaqt li dawk eżistenti mix-Xagħra sar-Rabat huma mmarkati bil-kulur blu. Dawn tal-aħħar kienu saru fis-sena 1877 u swew £921. Il-gandotti tal-ġebel minn Għajn Għabdun u Għar Ilma sar-Rabat huma mmarkati bil-kulur isfar. Dawn ukoll inbidlu f'katusi tal-ħadid tas-6 pulzieri peress li dawk tal-ġebel kienu jitilfu ħafna ilma. Dan sar fis-sena 1884 u 1500 pied ta' kanen tal-ħadid swew £191.

Il-mappa ta' Għawdex li qiegħed nippubblika ma' dan l-artiklu hija magħmula bil-proċess tal-litografija bil-kulur magħruf bħala *Chromolitography.* L-istampa għandha qisien ta' 170mm x 290mm u hija intitolata *SKETCH OF GOZO showing existing and proposed pipes and channels* u hija ffirmata *BROCKTORFF.G. LITH: MALTA.* Kienet intenzjonata biex turi b'mod viżiv il-proposta tal-Perit Schinas u biex takkumpanja r-rapport li semmejt aktar 'l fuq.

*Għawdex*
***400*** *sena ilu*

**Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 216**

*Riċerka ta'*
**Joseph Bezzina**
© 2013

# Il-bidu tas-sena amministrattiva 1613–1614

***Id-dokument numru mitejn u sittax li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hi d-daħla għas-sena amministrattiva 1613-1614. Id-daħla hi tal-bidu tal-faxxiklu tas-sena 1613 u 1614 li hu llegat fit-tielet volum tal-*Acta *tal-*Universitas Gaudisii, *il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), folju 114r (NAG, UG,* Acta, *3/1613–1614, 114r).***

Din li ġejja hi t-traskrizzjoni tad-daħla:

> ***Registrum negotiorum spectabilis detti iuratorum Universitatis et Insulae Gauli in presenti anno xii Indictione 1613 e 1614***

Id-daħla tar-reġistru, kif jidher mir-ritratt li qegħdin nirriproduċu, kienet segwita b'żewġ disinni sempliċi magħmula bit-tokka u li jikkonsistu f'linja ġejja għat-tond forma tal-lembut, tibda wiesgħa u tispiċċa fix-xejn. It-titlu jgħid sempliċement li dan huwa ***Ir-Reġistru tal-Amministrazzjoni tal-imsemmija Ġurati tal-Università u tal-Gżira ta' Għawdex tat-Tnax-il Indizzjoni preżenti tas-sena 1613 u 1614.***

Is-sena amministrattiva tal-Università, kif ktibna drabi oħra, kienet tibda fl-1 ta' Settembru. Għaldaqstant dan it-titlu hu fl-ewwel folju tal-faxxiklu tas-sena amministrattiva 1613-1614. Il-faxxiklu kien ħafna drabi jibda bil-lista ta' *Bandi* jew ordnijiet maħruġa mill-Università għal dik is-sena partikulari.

Wara l-*Bandi* kienet tibda r-reġistrazzjoni tan-***negotia***, l-amministrazzjoni tal-gżira ta' Għawdex minn jum għal ieħor. Din is-serje ta' artikli tirriproduċi n-***negotia*** l-iktar importanti. Dawn, kif jafu l-qarrejja li jsegwu din is-serje, kienu jikkonsistu l-iktar fi tranżazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu max-xiri u l-bejgħ tal-qamħ, listi sħaħ tad-dħul u l-ħruġ tal-Università, deċiżjonijiet importanti meħuda mill-ġurati fil-laqgħat, u ħwejjeġ oħra.

Il-ġurati tas-sena 1613–1614 mhumiex imsemmija fit-titlu, iżda fil-bidu tal-lista tal-*Bandi* jew Ordnijiet maħruġa minnhom. Dawn kienu Thomasio Gauci, Demetrio Bonello, u Marcello Burlò (ara f.117r). Numru ta' *Bandi* kienu jkunu bħal tas-snin ta' qabel, xi ftit kienu joħolqu regolamenti ġodda.



Inkiteb fit-titlu li dawn kienu n-***negotia*** tal-Indizzjoni xii. L-***Indizzjoni*** kien perjodu kronoloġiku ta' ħmistax-il sena, numerati progressivament minn wieħed sa ħmistax. Fit-tmiem taċ-ċiklu ta' ħmistax jerġa' jibda n-numru wieħed. Din is-sistema kronoloġika oriġinat mis-sistema tal-komputazzjoni tat-taxxi tal-Imperu Ruman. Mis-seklu IV 'l quddiem, l-Indizzjoni saret l-iktar datazzjoni importanti fid-dokumenti pubbliċi, ekkleżjastiċi, kif ukoll f'dawk privati. Il-jum tal-bidu tal-Indizzjoni kien ivarja minn pajjiż għall-ieħor. Ir-Rumani u anki l-Papiet kienu aktarx jibdewh fil-25 ta' Diċembru; mis-seklu IX 'l quddiem, l-Indizzjoni bdiet titkejjel mill-1 ta' Jannar. L-ewwel Indizzjoni kienet tradizzjonalment ikkunsidrata t-3 sena qabel Kristu.

Hekk biex tkun taf l-Indizzjoni ta' din is-sena 2013, trid iżżid tlieta mas-sena li tkun (=2016) u tiddividi t-total bi ħmistax (=134); il-kumplament (= jibqa' 6) hu n-numru tal-Indizzjoni. Mela s-sena 2013 hi l-Indizzjoni vi. Jekk ma jibqa' xejn tkun l-Indizzjoni xv. Is-sena 1613, erba' mit sena ilu, kienet l-indizzjoni xii, kif miktub fil-bidu tal-faxxiklu tal-Università. L-Indizzjoni spiss tiltaqa' magħha f'dokumenti ekkleżjastiċi u ċivili, l-iktar dawk notarili, tas-snin l-imgħoddija. Illum qajla għadha tintuża, iżda kultant tiltaqa' magħha f'dokumenti miktuba bil-Latin.

L-iktar ***negotia*** importanti tal-Indizzjoni xii jitfissru fl-artikli li ġejjin.



# Titwila lir-Ruħ

Maryrose Saliba

Bħal żiffa riħ ħelwa
Li tferraħ u tmelles
Jew xrara nar taqbad
Li tfarraġ u tħenni
Il-qalb timla bl-hena
Ta' ferħ fil-ġejjien.

'Mma dan il-waqt sbejjaħ
Fis dlonk tar mar-riħ
Xħin sħab iswed dallam
U ħakem il-qalb
Ta' ruħ bla mistrieħ.

Hekk hija Mulejja
Dil-ħajja tlellix
Frugħat bil-wisq fiergħa
Li jaħkmu f'kull waqt
U jgħaffġu u jkissru
Ġewwieni mifluġ
Tal-bniedem batut.

'Mma wara s-sħab iswed
Li jdallam il-qalb
Fis dlonk ix-xemx tixref
Fil-qalb ta' dik l-omm
Xħin Lejk iddur b'tama
Timtela bil-għana
Mill-għanja ta' mħabba
Minsuġa u minquxa
F'ruħ safja bla mtabba'.

Bħal ġamra nar taqbad
Li tkebbes u tfissed
Bis-sħana tindokra
Lil dawk ta' madwar,
Hekk l-omm twitti t-toroq
Tikkalma l-ħalel
Li jxekklu u jkissru
Iħawdu u jeqirdu
Tal-ħajja l-ferħ.

La tħalli qatt nieqaf
Nitolbok Mulejja
Timlieni bi spirtu ta' mħabba
Magħquda flimkien
Ma' Kristu l-Feddej.

# Ġejna Tard?

MJX

Ġejna, twelidna f'Ewropa li qisha ljun bla snien. Fil-ħajja tal-fidi m'għadhiex bħal qabel. Fl-imgħoddi l-Vanġelu għen biex jissawru l-arti, il-letteratura, il-bini u l-liġijiet tal-popli fl-Ewropa.

Illum l-Ewropa ċaħdet dak li rċeviet mill-Imqades Insara. Insiet il-valuri li wasslilha San Benedittu. Insiet dak li ħammem fuqu San Benedittu meta għal tliet snin inġabar f'għar f'Subiaco.

L-Ewropa ma tafx li ma tafx u għaldaqstant ma titħadditx fuq Alla.

Forsi aħna li qed ngħixu f'dan iż-żmien ġejna tard? Le ma ġejniex tard! Ġejna sewwa, fi żmien li trid tkun kuraġġjuż li tgħid li int Nisrani. Qegħdin fi żmien li jeħtieġ li nkunu "martri", jiġifieri xhieda għal Kristu.

Ma' min se nitħaddtu fuq Alla? Papa Franġisku iħobb juża tliet kelmiet: *"proceed, build, believe"*. Qabel nitħaddet fuq Kristu, jien stess irrid nemmen fiH. Qabel ma twassal il-kelma, jeħtieġ li tkun int stess li temmen fiha.

Qegħdin ngħixu f'dinja kontrina. Żmien sabiħ biex nibnu, nimxu u nemmnu. Meta San Benedittu mar f'Monte Cassino fis-sena 529, sab tempju ddedikat lil Alla falz Apollo u n-nies kienu għadhom jipprattikaw l-idolatrija. San Benedittu qered ix-xbiha ta' Apollo u bena knisja ddedikata lil San Ġwann Battista.

San Benedittu huwa patrun tal-Ewropa. Ma qagħadx jibki: bena, mexa u emmen!

## Errata Corrige



Fil-ħarġa tar-Rivista ta' Awwissu – Settembru, f'paġna 18, ma' Kummentarju (3), *"L-Ordni fl-Univers: Il-Politika u l-Ġid Komuni"* bi żball ma kienx deher ir-ritratt ta' **Dr Austin Bencini,** li hu l-awtur ta' dik il-kitba. *(ara r-ritratt tiegħu hawnhekk)*

Ir-ritratt li deher fil-ħarġa ta' Awwissu – Settembru kien tas-**Sur Joe Borg**, li kien iċ-*Chairman* tal-Konferenza ta' Kommemorazzjoni tal-50 Sena mill-*"Pacem in Terris"*.

Fl-istess ħarġa, paġna 17, ma' Kummentarju (2), *"Għawdex fis-Sena 2051"* ta' **Carmelo Grima,** deher is-sottutitlu, "Silta mid-diskors..." Dan is-sottutitlu kien stampat f'din il-paġna bi żball.

***Niskużaw ruħna mal-kontributuri u mal-qarrejja tagħna.***



# Ikonografija fi Knejjes Għawdxin (13)



**Salvu Felice Pace**
*sfelicep@go.com.mt*

Meta bdejt din is-serje ta' artikli ma kontx konxju tal-wirt kbir ta' arti sagra li ħallewlna numru sabiħ ta' artisti fil-knejjes tagħna hawn f'Għawdex. Waqt li qed norqob lejn it-tmiem tas-serje, il-pittur li ser insemmi f'din il-puntata tassew jistħoqqlu tifkira xierqa għax kien wieħed mill-aktar pitturi prolifiċi fl-istorja tal-arti f'dawn il-gżejjer. Qed nirreferi għal **Francesco Vincenco Zahra**.

Imwieled fl-Isla nhar il-15 ta' Diċembru 1710 f''familja ta' skulturi, ftit li xejn nafu dwar tfulitu. Nafu li missieru Pietro Paolo kien skultur magħruf għax-xogħol tiegħu fuq il-ġebla. Il-kittieba li jirreferu għal Francesco jassumu li dan tant kien familjari mal-arti, li għalih kienet xi ħaġa naturali li jsegwi karriera artistika. Dan huwa konfirmat mill-fatt li meta Francesco kellu biss 22 sena, jiġifieri fl-1732, kien ingħata kummissjoni biex ipitter xbieħa ta' Tlett Qaddisin Dumnikani Jaduraw L-Isem Imqaddes Ta' Ġesù, pittura li tinsab fil-knisja ta' Santa Marija tal-Grotta fir-Rabat Malta. Tlett snin wara ngħata xogħol ieħor prestiġjuż meta l-Kanonċi tal-Parroċċa ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta talbuh ipitter żewġ kanvas fil-kor tal-knisja, waħda ta' "San Pawl Jgħammed lil San Publju" u l-oħra ta' "San Pawl Jipprietka lill-Maltin".

F'Malta Zaħra għandu pitturi f'Ħ'Attard, Ħal Balzan, f'Bormla, f'Birkirkara, fil-Birgu, f'Burmarrad, fil-Furjana, fil-Gudja, f'Ħal Lija, f'Marsaxlokk, fl-Imdina, fil-Mosta, fin-Naxxar, f'Ħal Qormi, fil-Qrendi, fil-Belt Valletta, fir-Rabat, fil-Baħrija, f'San Ġiljan, fis-Siġġiewi, f'Ħaż Żabbar, fiż-Żebbuġ, fiż-Żejtun u fiż-Żurrieq. F'x'uħud minn dawn il-knejjes Francesco għandu xogħol voluminuż bħal per eżempju fil-Katidral tal-Imdina u fil-knejjes Parrokkjali taż-Żejtun u ż-Żurrieq.

Francesco Vincenzo Zaħra kien iżżewweġ lil Tereża Fenech fl-1743, kellhom ħamest itfal, iżda tlieta minhom biss għexu. Martu mietet fl-1751 iżda hu miet għoxrin sena wara nhar id-19 ta' Awwissu 1773. Kummentaturi kemm fil-kotba voluminużi li nkitbu dwar l-istorja tal-arti f'dawn il-gżejjer kif ukoll *online* isemmu kif Zahra kien influwenzat kemm minn Mattia Preti kif ukoll mill-istil Barokk Naplitan.



F'Għawdex Zaħra ħallielna wirt sostanzjali. Fil-Bażilka tal-Għarb għandu l-pittura tal-Madonna ma' San Mikiel l-Arkanġlu, fl-Għasri fil-Bażilka tal-Patroċinju fl-1739 pitter il-kwadru titulari, fil-Katidral ħalla pittura tal-Madonna tas-Solidad, oħra tal-Qalb ta' Ġesù u l-inkwadri tal-Via Sagra, **fil-Bażilka ta' San Ġorġ insibu żewġ pitturi, waħda tal-Ġuri ta' San Ġorġ u oħra tal-Martirju ta' San Ġorġ, dawn kien pittirhom fis-sena 1733.** Pitturi oħrajn jinsabu fil-Bażilka tax-Xagħra u fil-knisja tax-Xewkija. Fix-Xagħra nsibu l-pittura tal-Madonna tad-Dawl u l-kwadri tal-Ħmistax-il Misteru tar-Rużarju filwaqt li fix-Xewkija hemm dawn il-pitturi: Il-Madonna tar-Rużarju, L-Imqaddsa Trinità, Il-Viżitazzjoni u oħra ta' San Żakkarija.

Issibu tagħrif dwar F. V. Zahra f'**www.answers.com/topic/zahra-vincenzo-francesco-1** jew fil-magni popolari tat-tfittix *online.*

**LUMEN CHRISTI BOOKSHOP**



Triq Fortunato Mizzi, Victoria. Tel: 21560496/7

*Kull nhar ta' Ħamis, Ġimgħa u Sibt, mit-8.30a.m. sa' 12.30p.m.*

*Kull xorta ta' Kotba Reliġjużi u Edukattivi għall-kbar u għaż-żgħar, u oġġetti reliġjużi*




# 5. Il-bidu tal-Istorja Politika tar-Russja

## Is-Slavi

Is-Slavi kienu bdiewa u raħħala li kienu jgħixu f'dik il-parti tal-art immensa tar-Russja li llum hija l-parti t'isfel tar-Russja li tmiss mal-Baħar l-Iswed, l-Ewropa tal-Lvant, l-Ukraina u l-Baħar Kaspju li fih tferra x-Xmara Volga. L-ewwel li jissemmew huwa minn storiċi Biżantini fis-sena 500 W.K. Huma kienu nies b'lingwa li ma kinitx tiftiehem u li kienu jaħartu l-art billi jużaw għodda tal-ħadid u anke jagħmlu l-fuħħar.

Is-Slavi kienu nies li jiġġieldu ma' xulxin iżda li kienu ħbieb mal-Khazars li taħthom irnexxielhom iżommu lill-Musulmani fis-snin 600 sas-snin 700 w.K milli jidħlu fir-Russja u jirbħuha. Kieku ma kienx hemm din il-koperazzjoni bejn is-Slavi u l-Khazars kieku probabbilment ir-Russja ma kinitx issir dik il-qawwa li saret. Il-Khazars daħħlu wkoll il-Ġudaiżmu fir-Russja li dam għal kważi sitt mitt sena. Is-Slavi damu taħt il-Khazars sas-sena 700 w.K. meta kienu megħluba mill-barbari tat-Tramuntana tal-Ewropa, il-Vikingi.

## Il-Vikingi

Wara l-waqa' ta' Ruma fis-sena 476 w.K. l-Ewropa kienet maħkuma minn barbari minn pajjiżi Nordiċi bħall-Iżvezja, n-Normandija u d-Danimarka. L-ibliet Ewropej ċkienu u t-tagħlim spiċċa fix-xejn. Dawn il-barbari jew Vikingi kienu jivvjaġġjaw permezz ta' dgħajjes ċatti u tawwalin. Dawn qasmu l-baħar u ġa kienu ħakmu l-artijiet Brittaniċi, u l-Islanda taħt idejhom. Huma ukoll sa waslu sa Greenland u l-Amerika ta' Fuq. Saħansitra kienu ppenetraw iktar 'l isfel u lejn pajjiżi fil-Lvant tal-Ewropa, Franza u anke Sqallija.

Dawn il-Vikingi ma tantx kienu meqjusa nies ta' kultura mill-Ewropej anzi kienu jqisuhom bħala nies barbari. Għalhekk l-Ewropej kienu l-ħin kollu jitolbu biex Alla jeħlishom minnhom. Iżda l-iktar ħaġa pożittiva li kellhom dawn in-nies Nordiċi kienet li fejn imorru jpoġġu! Hekk ġara fis-sena 882 meta żewġ gruppi ta' Vikingi waslu qalb is-Slavi fi Kiev. Huma kienu mitluba mis-Slavi biex iġibu bejniethom xi forma ta' għaqda u għalhekk huma ħatfu



l-opportunità u tefgħu l-ankri f'dan il-post u bdew dak li wara saru l-pajjiżi kollha li kienu jiffurmaw ir-Russja ta' qabel iż-żmien tal-Komuniżmu. Dan illum nafuh minn kitbiet ta' dawn is-Slavi tal-bidu li jinsabu f'monasteri taħt l-art li jinsabu fil-belt ta' Kiev fl-Ukraina. Dawn il-Vikingi kienu jissejħu Rus', kelma li minnha ġejja l-kelma Russja. Dawn il-kitbiet jissejħu il-"Kroniċi Ewlenin Russi". L-iktar ħaġa stramba hija li dawn huma kitbiet tal-istess Vikingi u għalhekk dak li nsibu fihom huwa l-veduta tagħhom. Fihom insibu r-raġuni għax il-Vikingi kienu ħadu dawn il-pajjiżi kbar immens taħt idejhom. Skont ma' nsibu miktub f'dawn il-kroniċi l-Islavi kienu nies slavaġ bla liġijiet u l-gruppi differenti kienu kontinwament jiġġieldu kontra xulxin. Għalhekk is-Slavi kienu talbu lill-Vikingi biex imexxuhom huma. Għalhekk slavaġ kienu jitmexxew minn slavaġ! Naturalment il-mexxej Rus' Oleg ħa l-opportunità u ħakem taħt idejh lil Kiev u ddikjara lilu nnifsu Prinċep ta' Kiev, u minn dakinhar 'l quddiem Kiev baqgħet tikber u saret l-art tar-Rus' u llum hija dik li kienet ir-Russja Magħquda qabel iż-żmien tal-Komuniżmu.

## L-Imperu Russu ta' Vladimir il-Kbir

Oleg, minkejja li kien mexxej qalil, irnexxielu jgħaqqad it-tribujiet kollha flimkien u stabbilixxa n-negozju bejn il-pajjiżi nordiċi u l-pajjiżi tan-naħa t'isfel tad-dinja. Ix-Xmara Dnieper li taqsam tlett pajjiżi, ir-Russja, l-Ukraina



u l-Belarus serviet biex dan il-kummerċ bejn it-tramuntana u n-nofsinhar jitkattar u jikber. Ġlud ta' annimali u xama' mill-pajjiżi nordiċi kienu mibdulin ma' fidda mill-Afganistan. Ix-Xmara Dnieper kienet tisponta fil-Baħar l-Iswed u għalhekk twasslek fl-ikbar u l-iktar belt sinjura ta' dak iż-żmien. Din kienet Miklagard kif kienet msejħa mill-Vikingi, jew Kostantinopoli, li kienet benniena ta' ġid u ideat ġodda. Kienet ukoll il-qalba tal-Knisja Ortodossa Griega.

Mitt sena wara t-twelid tal-belt ta' Kiev fir-Russja, din kienet għadha pagana daqs il-Vikingi li kienu ħakmuha. Il-mexxej tagħha kien Vladimir il-Kbir li ma' tantx kien bniedem reliġjuż. Anzi kien meqjus bħala *"Fornicator immensus"*, għalkemm jingħad li l-belt ta' Kiev kienet fil-bżonn ta' xi forma ta' reliġjon! Għalhekk huwa stieden lil rappreżentanti ta' diversi reliġjonijiet biex ikun jaf iktar dwar ir-reliġjon tagħhom! Huwa beda jisma' dak li l-Griegi Ortodossi, il-Buddisti, l-Musulmani u l-Kristjani Lhud kellhom x'joffru. Hu ħallihom iġibu quddiemu l-argumenti tagħhom u jipprovaw jipperswaduh dwar liema kienet l-aħjar reliġjon. Kien kważi għażel l-Iżlam, imma meta qalulu li jkollu jaqta' l-alkoħol huwa qallhom li ma jridx lill-Iżlam! B'xorti tajba għażel ir-reliġjon Griega Ortodossa u beda jibni ħafna knejjes sbieħ b'dawk il-koppli qishom basal kulurit jew miksijin bid-deheb u li għadhom jeżistu sal-lum. Illum il-pajjiżi Russi huma miżgħuda b'dawn il-knejjes u monasteri li kellhom il-bidu tagħhom minħabba deċiżjoni ta' Vladimir il-Kbir! Dak li nbeda f'negozju tal-ġlud u fidda nbidel f'kultura, arkitettura u reliġjon. Dawn is-Slavi maħkuma mill-Vikingi saru biż-żmien ir-Russi kif nafuhom qabel il-bidu tal-Komuniżmu fiż-żmien modern. Minn barbari pagani saru Kristjani u n-nies ta' qrib ix-Xmajjar Dnieper u Volga saru Kristjani Ortodossi. Sas-seklu 10, l-Ewropa kienet konċentrata fuq in-naħa tal-Lvant fuq parametri li kienu fasslu l-Vikingi-Russi u li għadhom jinħassu sal-lum. Wara ġew il-familji li bdew

isejħu lilhom infushom Kzars li fasslu sistema ta' aristokrazija awtokratika li kellha poter assolut. Il-familja tal-Kzar bdiet fis-sena 862 permezz tal-Prinċep Novgorod Rurik u spiċċat fis-sena 1917 meta l-Imperatur Nikolas II kellu jabdika u l-familja tiegħu kollha wara li kienu meħuda priġunieri kienu maqtula kollha fl-1918 mill-Bolxevisti.





# Il-Victoria Scout Group

## *f'għeluq il-50 anniversarju*



Carm C. Cachia

### Daħla

**Illum il-ġurnata, il-Moviment tal-I*scouts* hu moviment li jinsab imxerred madwar id-dinja kollha. Għandu mat-38 miljun membru mxerrdin ma' 217-il pajjiż jew territorju li huma rrappreżentati minn għadd ta' assoċjazzjonijiet tal-I*scouts* f'livell internazzjonali. Dan il-moviment jinsab ukoll fil-gżira Għawdxija. Fil-fatt, din is-sena jaħbat il-50 anniversarju mill-ħolqien mill-ġdid ta' wieħed mill-gruppi Għawdxin tal-I*scouts*, il-*Victoria Scout Group*.**

Nhar l-10 ta' April, 1963, grupp ta' *Scouts* mis-*Salesian Boy Scout Group* tar-Rabat għamel applikazzjoni formali lill-*Island Headquarters* sabiex ikun jista' jerġa' jiġi ffurmat il-***Victoria Scout Group***. Din id-darba l-*Group* kellu jiltaqa' f'dar fi Triq Għajn Qatet, proprjetà tas-sinjura Ġorġa Grech, li ġentilment offrietha bla ħlas sabiex tintuża "temporanjament" bħala kwartieri ta' dan il-*Group* ġdid. L-Assoċjazzjoni Maltija tal-I*scouts* ma sabet ebda oġġezzjoni u għalhekk, nhar it-13 ta' Lulju, 1963 saret iċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni uffiċjali tal-*Group*. Il-kwartieri kienu nfetħu mis-Sur Anton Vassallo bħala *District Commissioner* u tbierku mill-E.T. Mons Giuseppe Pace, Isqof t'Għawdex. It-tmexxija tal-*Group* kienet f'idejn is-Sur Joseph G. Grech.

Dan kellu jkun il-bidu tal-ħidma twila li dan il-*Group* wettaq għall-ġid ta' ħafna tfal u żgħażagħ matul is-snin li ġew wara. Taħt it-tmexxija ta' Joe Grech, il-*Group* ta bidu għal numru ta' attivitajiet marbuta mad-dinja tal-*Iscouts*. Bdew isiru ħafna laqgħat sabiex l-I*scouts* jirċievu t-taħriġ u l-edukazzjoni li l-Moviment tal-I*scouts* kien twaqqaf għalihom. Barra l-laqgħat ta' tagħlim li kienu jsiru ta' kull ġimgħa, il-*Group* kien jorganizza *hikes* b'mod regolari, sessjonijiet ta' tisjir ġewwa u barra u kampijiet darbtejn fis-sena: fi żmien il-Għid il-Kbir u fis-Sajf. Bdiet issir il-"*Bob a Job*" *Week*, ġimgħa li matulha l-I*scouts* jagħmlu xi xogħol ċkejken sabiex jiġbru fondi għall-*Group*. Taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Farrugia, ġiet iffurmata l-banda tal-*Group* li mmarċjat għall-ewwel darba nhar il-21 ta' Settembru 1966, Jum l-Indipendenza. Ta' min isemmi wkoll il-ħruġ ta' *News Sheet* li biha l-*Group* seta' jsemma' leħnu u jagħti tagħrif dwar l-attivitajiet tiegħu.



*Mons. Isqof Ġ. Pace fil-ftuħ tal-ewwel kwartieri fit-13 ta' Lulju 1963.*

Fis-snin li ilu mwaqqaf, il-*Group* ħa sehem ukoll fl-avvenimenti storiċi li għaddiet minnhom il-gżira Għawdxija. Fost dawn ta' min isemmi l-festa tal-konsagrazzjoni tal-Isqof N. Cauchi fl-1967 u dik tal-Isqof M. Grech fl-2005. Nhar is-16 ta' Novembru 1967, il-*Group* intalab jagħti s-sehem tiegħu waqt iż-żjara f'Għawdex mill-Maestà tagħha r-Reġina Eliżabetta II, kemm fil-pjazza t-Tokk u kemm għat-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-Isptar Ġenerali t'Għawdex. L-istess seħħ waqt it-tieni żjara tar-Reġina Eliżabetta II nhar it-30 ta' Mejju, 1992. Il-*Group* ta sehmu wkoll matul iż-żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II nhar is-26 ta' Mejju, 1990.

### Żjajjar u Safar

Ma naqsux ukoll għadd ta' żjarat minn personaġġi importanti u minn uffiċjali tal-Moviment tal-i*Scouts* li żaru l-kwartieri tal-***Victoria Scout Group*** matul is-snin li ilu jopera. Fost dawn ta' min isemmi ż-żjara fl-1964 ta' Sir Charles Maclean, iċ-*Chief Scout of the Commonwealth*, ta' Mr. Patrick McLaughlin, il-Kap Eżekuttiv tar-Reġjun tal-Ewropa fl-1981, tal-Isqof Nikola Cauchi, tal-Isqof Mario Grech u tal-President Guido Demarco waqt il-kamp tal-*Group* fid-Dwejra fl-1999. Fl-2010, Il-President George Abela ukoll żar il-*Group* wara li dan tal-aħħar kien ingħata t-titlu tal-*President's Group 2010* għas-sehem tiegħu waqt "L-Istrina". L-aħħar żjara uffiċjali kienet dik tal-Prim Ministru ta' Malta Dr. Lawrence Gonzi f'Diċembru 2012. Imma żjara memorabbli żgur li kienet dik ta' Dr. Jacques Moreillon, *Secretary General of the Scout Movement*, li saret fis-7 ta' Novembru, 1998, fl-okkażjoni tad-disgħin anniversarju mill-bidu tal-I*scouts* f'Malta. Dr. Moreillon twassal Għawdex minn helikopter tal-Forzi Armati Maltin u kien eskortat sal-kwartieri tal-***Victoria Scout Group*** minn skorta ta' pulizija fuq il-muturi. Dakinhar f'Malta, Dr. Moreillon żar biss tliet *Groups*, wieħed minnhom kien il-***Victoria Scout Group*** !

Imma l-***Victoria Scout Group*** ma fetaħx il-bibien tiegħu għal persuni importanti biss. Matul dawn il-ħamsin sena ħafna kienu dawk l-I*scouts* minn diversi pajjiżi li żaru l-kwartieri tiegħu, kemm meta kienu fi Triq Għajn Qatet u

anke meta ġew trasferiti għal Triq Santa Dminka. Dawn l-I*scouts* frustieri ġew mill-Ingilterra, l-Italja, Franza, l-Alġerija, it-Tuneżija, il-Polonja, l-Iżvezja, l-Iżvizzera, id-Danimarka, l-Iżlanda, il-Ġermanja u tant u tant pajjiżi oħra. Il-***Victoria Scout Group*** sa ħoloq ukoll forma ta' ġemellaġġ ma' *Group* Ġermaniż - *Deutsche Pfadfindershaft Sankt Georg* minn Neuenrade, u bejniethom kellhom diversi skambji ta' żjajjar. Ma rridux ninsew insemmu wkoll dawk l-I*scouts* minn diversi *Groups* Maltin li ta' kull sena jqattgħu xi jiem jew xi *weekend* fil-kwartieri tal-***Victoria Scout Group***. B'din it-tip ta' akkoljenza sseħħ dik il-fratellanza (*Scout Brotherhood*) li hu tant imkabbar biha l-Moviment tal-Iscouts.

Min-naħa tagħhom, il-membri tal-*Group* żaru ħafna pajjiżi u jattendu għal korsijiet, kampijiet u *Jamborees* barra minn Malta. *Group Scout Leader* Joe Grech u *Cub Scout Leader* Lorrie Saliba attendew għall-*Jamboree* li seħħ fin-Norvegia fl-1975. Imbagħad, fl-1976 ħames membri, immexxija minn *Group Scout Leader* Grech attendew għal *Sherwood 76*, kamp f'Nottingham, l-Ingilterra. Fl-1995 seba' membri oħra, din id-darba mmexxijin minn *Group Scout Leader* Lorrie Saliba, attendew għal *Jamboree* ieħor li sar fl-Olanda, waqt li fl-1998/9, *Scout* David Grech mar għall-*Jamboree* taċ-Chile. Fl-2007, grupp ta' membri attendew il-*Jamboree* li nżamm fl-Ingilterra fl-okkażjoni taċ-ċentinarju tat-twaqqif tal-Moviment. Saliba u Grech kellhom ix-xorti wkoll li jżuru Brownsea Camp.

## Kwartieri Ġodda

L-akbar inizjattiva li ħa l-***Victoria Scout Group*** kemm ilu mwaqqaf kienet il-bini ta' kwartieri ġodda. Wara 27 sena fil-kwartieri "temporanji" fi Triq Għajn Qatet, kien wasal iż-żmien li l-Victoria Scouts ifittxu post ġdid. Nhar it-13 ta' Jannar 1981 ġie ffirmat il-kuntratt għax-xiri ta' biċċa art fi Triq Santa Dminka fejn kellhom jinbnew il-kwartieri l-ġodda. Ix-xogħol beda f'Awwissu tal-1984 u dam sejjer 5 snin. Il-membri ħadmu bi sħiħ biex jinġabru l-fondi neċessarji għall-proġett. Ix-xogħol tlesta fl-1989 u nhar it-8 ta' Lulju tal-istess sena l-kwartieri l-ġodda ġew inawgurati mill-E. T. Dr. Ċensu Tabone, President ta' Malta u tbierku mill-E.T. Mons. Nikola Cauchi, Isqof t'Għawdex. Dan kien tassew pass kbir kemm għall-***Victoria Scout Group***, kemm għall-Assoċjazzjoni Maltija tal-I*scouts* u kemm għal Għawdex.

Madankollu, lanqas laħqu għaddew għaxar snin li ma bediex jinħass il-bżonn li l-kwartieri jitkabbru. Għalhekk il-*Group Council* iddeċieda li jinbnew xi swali ħalli l-membri tal-*Group* ikollhom aktar spazju fejn jiltaqgħu. Ix-xogħol beda f'Ottubru 1999 u nbew żewġ swali, kamra li kellha tintuża bħala kċina u xi *toilets*. Wara



*L-inawgurazzjoni uffiċjali fl-1963*

sena sħiħa ta' ħidma bla waqfien u bil-għajnuna ta' ħafna voluntiera x-xogħol intemm f'Diċembru tal-2000. Imbagħad, fl-2011, il-*Group* irnexxielu wkoll jixri garaxx sabiex ikun jista' jintuża bħala maħżen.

## Ħidma b'risq l-Oħrajn

Il-***Victoria Scout Group*** ma ħadimx biss għall-interessi tiegħu. Il-Liġi tal-I*scouts* teżiġi li l-I*scouts* għandhom jgħinu lil għajrhom dejjem. Minħabba f'hekk, il-*Group* ta' spiss jorganizza attivitajiet, bħal maratoni, *barbeques* u anke ikliet sabiex jinġabru fondi li wara jmorru għal min ikollu bżonn. Eżempju ta' dan hi l-*Car Wash Day* li ssir tista' tgħid kull sena u d-dħul imur għal xi għaqda filantropika bħal *Arka Respite Centre* f'Għajnsielem. Ingħatat għajnuna wkoll lil *Boys' Town* fl-Indja. Il-*Victoria Scouts* jgħinu wkoll fl-Istrina b'risq il-*Community Chest Fund*. Anke meta jkun hemm xi katakliżma naturali, l-*Group* ma jibqax lura milli jgħin. Hekk seħħ meta ġrat it-traġedja taz-Tzunami fit-Tajlandja. Bis-sehem tiegħu f'attivitajiet filantropiċi l-*Group* ikun qed iwettaq l-impenn tiegħu favur is-soċjetà in ġenerali filwaqt li jgħallem lill-membri tiegħu ikunu ġenerużi ma' min hu inqas ixxurtjat minnhom.

## Għeluq

Nhar is-26 ta' Ottubru 1990, waqt riċeviment li sar apposta, *Group Scout Leader* Joseph G. Grech għadda l-kariga lill-*Group Scout Leader* il-ġdid Lorrie Saliba, billi s-Sur Grech kien inħatar *Chief Commissioner* tal-Assoċjazzjoni Maltija tal-I*scouts*. Kien it-tmiem ta' era. L-I*skip*, kif kien (u għadu) magħruf Joe Grech fost l-I*scouts*,



*Żjara tal-Isqof Nikol Ġ. Cauchi lill-Victoria Scout Group*



*L-Isqof Mario Grech iqaddes f'Summer Camp*




*Inawgurazzjoni tal-Kwartieri Ġodda fl-1989 mill-President Dr. Ċensu Tabone*

kien temm it-tmexxija tiegħu wara 27 sena ta' ħidma kontinwa. Kien ħa f'idejh *Group* żgħir nieqes minn kollox u kien bnieh f'wieħed mill-aqwa *Groups* li qatt rat Malta. Minn taħt idejh kienu għaddew ġenerazzjonijiet sħaħ ta' tfal u żgħażagħ li meta kibru saru ċittadini eżemplari u taw il-kontribut tagħhom lil Għawdex u lil Malta, art twelidhom.

Illum il-***Victoria Scout Group*** mhux l-uniku *Group* f'Għawdex. Madankollu fih xorta jilqa' tfal minn kull rokna tal-gżira. Taħt it-tmexxija ta' *Group Scout Leader* Saliba, bniedem mimli ħeġġa u inizjattiva, l-I*scouts* għadhom jattendu regolarment għal laqgħat darba fil-ġimgħa. Ma jonqsux il-kampijiet tal-Għid u tas-Sajf li għalihom l-I*scouts* jattendu bi ħġarhom u jistennewhom b'ħerqa kbira. Illum saħansitra anke l-*Cubs*, mis-sezzjoni taż-żgħar, jattendu għall-kampijiet, anke jekk ma joqogħdux il-ġranet kollha. Minħabba nuqqas ta' postijiet addattati, dawn il-kampijiet isiru kważi dejjem fid-Dwejra. Bħalissa t-truppa għandha mal-111 membru, fost *Cubs, Scouts, u Venture Scouts*, flimkien ma' numru mdaqqas ta' *leaders* taħt it-tmexxija tas-Sur Lorrie Saliba bħala *Group Scout Leader*. Is-Sur Grech, li hu l-*Patron* tal-*Group* għadu jattendi u jieħu sehem f'xi laqgħat.

Fil-messaġġ tiegħu għall-okkażjoni tal-50 anniversarju mit-twaqqif tal-***Victoria Scout Group***, *Group Scout Leader* Saliba qal hekk:

> **"L-istorja tal-Group ma nkitbitx biss bil-parati u manifestazzjoniet pubbliċi, imma bl-edukazzjoni u s-servizzi li l-mijiet ta' Scouts Għawdxin taw lill-komunità in ġenerali, kif jgħid l-istess *logo* marbut maċ-ċelebrazzjoni tal-anniversarju. Il-**Victoria Scout Group** dejjem żamm mal-prinċipji li l-Moviment tal-I*scouts* huwa mibni fuqhom u dan huwa forsi dak li jagħmel lill-*Group* tagħna dak li hu.**
> **Fl-aħħar nixtieq insellem lil dawk kollha li f'dawn il-ħamsin sena kienu għal xi żmien parti minn dan il-*Group*. Is-suċċessi ta' dan il-*Group* huma mertu tagħhom. Lill-membri preżenti ngħidilhom biex fiż-żmien li jagħmlu magħna, jieħdu sehem dejjem fl-attivitajiet li jiġu organizzati minn żmiem għal żmiem u jkunu kburin li jiffurmaw parti mill-**Victoria Scout Group."

gozo press
Offset & Letterpress Printing
Graphic Design Studio
Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo - Malta.
Tel: 2155 1534 - Fax: 2156 0857 - Mob: 9982 6350
E-mail: gozopress@onvol.net

# Għawm

## *Preżentazzjoni tal-iSkola tal-Għawm u Waterpolo tal-Otters ASC*



**Joe Bajada**

Dan l-aħħar ġiet fi tmiem tagħha l-iSkola tal-Għawm u *Waterpolo* taż-Żgħar organizzata mill-*Otters Aquatic Sports Club*. Għal din l-okkażjoni attenda Dr. Stefan Buontempo, Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, Innovazzjoni, Żgħażagħ u Sport. Huwa kien milqugħ minn Dr. Enzo Dimech, President tal-Klubb, kif ukoll mis-Sur Alfred Cachia, Direttur fil-Bord tal-Kunsill Malti għall-iSport u li għal dawn l-aħħar snin kien ukoll il-kowċ tal-klubb Għawdxi tal-Otters.

Is-Sur Cachia nnifsu spjega kif titmexxa din l-iskola li tifforma parti mill-Programm 'Summer on the Move' tal-KMS. Għal din l-iskola attendew madwar 100 tifel u tifla, bil-lezzjonijiet isiru kull nhar ta' Tlieta u Ħamis matul ix-xhur ta' Lulju u Awwissu *fil-pitch* tal-Otters f'Marsalforn. Huwa qal li s-suċċess ta' din l-iSkola nkiseb wara li sar ħafna xogħol mal-iskejjel Għawdxin biex iktar tfal jiġu mħajra jattendu din l-iskola bl-għajnuna kbira li ngħataw mill-Prinċipal tal-Kulleġġ Għawdxi, Anita Sciberras.

Wara li Dr. Buontempo ra lil dawn it-tfal jitħarrġu fl-Għawm u l-*Waterpolo*, huwa kien imdawwar mal-*premises* tal-klubb minn Dr. Dimech u uffiċjali oħra tal-klubb. Il-President tal-Otters ASC iddiskuta ma' Dr. Buontempo kif huma bħala l-uniku klubb Għawdxi li jitħarrġu u jipprattikaw dan l-isport tal-Għawm u l-*Waterpolo* f'Għawdex, jistgħu jkomplu jimmiljoraw il-faċilitajiet sportivi tagħhom biex b'hekk ikompli jiżviluppa dan l-isport fil-gżira Għawdxija. Enfasi kbira saret kif dan l-isport ikun jista' jibqa' jiġi pprattikat anke fix-xhur xitwin fejn dan jista' jsir biss jekk tinħoloq pixxina fil-gżira Għawdxija.

Is-Sur Alfred Cachia wara li flimkien mat-tfal ta merħba lil Dr. Buontempo, huwa rringrazzja lill-istess Segretarju Parlamentari tas-sostenn tiegħu, kif ukoll lil KMS li nkorporat din l-iSkola fil-Programm 'Summer on the Move'. Huwa radd ħajr lil Kumitat kollu tal-Otters ASC għall-impenn tagħhom f'dan is-suċċess. Ma setax jonqos li Cachia jirringrazzja wkoll lil kowċis kollha involuti għad-dedikazzjoni u l-professjonalità kollha tagħhom. Huwa żied jgħid li jinsab ferm fiduċjuż li din l-iSkola tal-Għawm u l-*Waterpolo* tibqa' annwalment tifforma parti mill-Programm 'Summer on the Move' tal-Kunsill Malti għall-iSport.

Minn naħa tiegħu Dr. Enzo Dimech beda biex qal kif l-operat ta' din l-iSkola seta' jkun possibbli biss bis-sostenn muri personalment minn Dr. Stefan Buontempo, Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Sport, kif ukoll bl-għajnuna tas-Sur Alfred Cachia u l-Kunsill Malti għall-iSport. Huwa raddielhom ħajr ta' dan kollu. Dr. Dimech irringrazzja wkoll lill-kowċis kollha għas-sagrifiċċji li għamlu fejn b'tant dedikazzjoni numru ferm inkoraġġanti ta' tfal attendew għal dawn il-lezzjonijiet kollha tal-Għawm u l-*Waterpolo*. Huwa





temm jgħid li b'ħidma bħal din, dan l-isport jista' jkollu futur isbaħ fil-gżira Għawdxija.

Dr. Stefan Buontempo, Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, Innovazzjoni, Żgħażagħ u Sport fil-messaġġ tiegħu appella lit-tfal kollha biex jipprattikaw l-isport mhux biss fix-xhur tas-sajf, iżda wkoll matul is-sena kollha. Huwa appella wkoll lil ġenituri biex ma jibbażawx u jkunu kuntenti biss bit-taħriġ fiżiku ta' uliedhom li jingħata lilhom matul il-ħinijiet tal-iskola, iżda biex jibqgħu jħajru lill-uliedhom jattendu għal attivitajiet fiżiċi oħra barra mill-iskola. Huwa kien qed jorbot dan id-diskors mal-programm li ser ikun imniedi fix-xhur li ġejjin mill-Gvern Ċentrali biex tkompli titkattar dejjem iktar il-mentalità u l-attività sportiva fil-poplu Malti u Għawdxi fi ġlieda kontra l-obeżità.

Fi tmiem dawn il-messaġġi, Dr. Stefan Buontempo ippreżenta ċertifikat ta' attendenza maħruġa mill-KMS lit-tfal kollha li attendew għal din l-iSkola tal-Għawn u *Waterpolo* tal-Otters ASC. Għal din l-okkażjoni attenda wkoll l-Uffiċjal tal-Kunsill Malti għall-iSport f'Għawdex Joe Bajada.



## IL-LEĠĠENDA TAL-

# BIR TAD-DEBBA

*versi ta'*
**Anton F. Attard**

Żmien twil ilu fuq gżiritna
F'bosta snin wara xulxin
Lanqas m'għamlet qatra xita,
Kienu snin tassew nexfin.

F'Għawdex waqgħet nixfa kbira,
L-egħjun qoxqox u anki l-bjar,
Ebda wċuħ ir-raba' m'għamel,
Kienu żminijiet mill-agħar.

Mietu saħansitra s-siġar
U fuq Għawdex waqa' l-ġuħ,
Ħabtu wkoll għall-gżira l-Mori,
Li kien fadal dlonk ħarbtuħ

Il-mexxejja ta' dil-gżira,
Mifnijin minn dit-tbatija,
Qabdu l-ftit nies li kien fadal
U ħaduhom lejn Sqallija.

Magħhom ħadu kulma kellhom,
Sew ħwejjiġhom, kemm il-bhejjem,
Biex lejn Għawdex qatt ma jiġu
Imma jibqgħu hemm għal dejjem.

U fuq Għawdex waqgħet ħemda,
Ma kien fadal ħadd u xejn,
Ħlief lejn l-Għarb debba weħidha
Għax intilfet min jaf fejn.

Kienet din tgerrem ix-xtabi,
Tgerrem magħhom il-bibien,
Dak biss kien il-għalf li sabet
Għalkemm daret kullimkien.

Din id-debba kienet tixrob
l-ilma minn xi nixxigħat,
dawn bil-ftit il-ftit bdew jinxfu,
u b'għatx klubi d-debba sfat.

Biss kien fadal Għajn Barrani
Hemm id-debba kienet tmur,
Sabiex taqta' l-għatx li kellha,
Li kien fnieha bid-dulur.

Darba waħda minn Ta' Ħamet,
Kienet din id-debba għaddejja,
Hemm rat bir u xammet l-ilma,
U tbaxxiet għal irkubbtejha.

Ma felħitx tmur Għajn Barrani,
Daqshekk bogħ'd, fit-tarf tax-Xagħra,
Riedet tixrob minn dak l-ilma,
Għalhekk bdiet tħares u tara.

Rasha mbagħ'd niżżlet fil-bokka,
Tawlet għonqha waħda sewwa,
Sakemm fl-aħħar rasha għelbitha,
F'ħin bla waqt tgerrbet għal ġewwa.

U ż-żmien tbiddel, ġiet ix-xita,
Għawdex reġa' far bl-uċuħ,
In-nies reġgħet ġiet lejn darha,
Hekk bil-ġid kulħadd ħa r-ruħ.

U xi nies sabu lid-debba,
Hemm mixħuta f'qiegħ il-bir,
U dlonk fehmu x'seta' ġara,
U kemm f'Għawdex l-għaks kien kbir.

U hemm għadu l-bir Ta' Ħamet,
bir magħruf, antik qatigħ,
l-isem tawh "Il-Bir tad-Debba",
għax din kienet waqgħet fih.

# *Djamanti ta' Għawdex*

*Ritratti ta' Ted Attard*

## SQAQIEN FIL-BELT U L-IRĦULA TAGĦNA










# GET THEM OFF TO A FLYING START

## CHILDREN'S SAVINGS ACCOUNT

Open an APS Star Account for your children today to support their needs of tomorrow. Through this account your child will also have the opportunity to learn about the importance of saving money to achieve future goals. A set of children's books will be given for free upon the opening of a new APS Star Account. For more information you can visit your nearest APS branch, call APS Customer Support Centre on 21226644, or log on to **www.apsbank.com.mt/star-account**

facebook.com/apsbank

2122 6644 | apsbank.com.mt | values you can bank on | APS

The APS Star Account is issued by APS Bank Limited, a credit institution licensed by the Malta Financial Services Authority. The minimum initial amount to open an APS Star Account is €25 while the maximum amount that can be deposited per year is €1000. No withdrawals are allowed before the account holder reaches the age of sixteen. Other terms and conditions apply and are available upon request. The Bank is subject to the Depositor Compensation Scheme established in terms of Legal Notice 369 of 2003 as subsequently amended.